PARLAMENT TA' MALTA

L-Università ta' Malta

# Il-Poter tal-Kelma

## Politika u Letteratura f'Oliver Friggieri

Konferenza Nazzjonali

Imtellgħa mid-Dipartiment tal-Politika Pubblika u d-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta

Is-Sibt, 30 ta' April 2022, fil-Parlament ta' Malta

Edituri
Mario Thomas Vassallo
Michael Spagnol



# LINGUA-POLITIK

sensiela ta' konferenzi dwar il-politika u l-lingwa
mtellgħa bl-inizjattiva
tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika
u d-Dipartiment tal-Malti
fi ħdan l-Università ta' Malta
bil-kollaborazzjoni tal-Parlament ta' Malta

# Werrej

**Daħla mill-edituri** — 4
*Mario Thomas Vassallo u Michael Spagnol*

**Programm tal-konferenza** — 6

**Il-Parlament Malti jsellem il-memorja u l-legat tal-Professur Oliver Friggieri** — 9
*L-Onor. Dr Anġlu Farrugia*
*L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta*

**Kelma tintrabat ma' kelma waqt li l-għasafar itiru mifxulin!** — 15
*Mario Thomas Vassallo*

**Silta mir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* tal-Professur Oliver Friggieri** — 19

**Il-poeta li ħabb lil familtu u lil artu** — 23
*Sara Brincat Friggieri*

**Il-politika tad-dissens ta' Friggieri mix-xogħlijiet miġbura *Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri*** — 29
*George Vital Zammit*

**In-nazzjonaliżmu għal Friggieri fil-kumplessità globalizzata** — 35
*André P. DeBattista*

**Karlu Manju: il-Joker Malti?** — 41
*David Aloisio*

**Silta mill-ġabra ta' rakkonti *Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri* tal-Professur Oliver Friggieri** — 47

***L-Istramb*: Bejn is-silenzju u l-kliem** — 51
*Justine Somerville*

**Il-politika mis-sema lejn l-art u kullimkien** — 57
*Immanuel Mifsud*

**Kostituzzjoni bla klawsoli: L-ilsien sigriet fil-lirika ta' Friggieri** — 61
*Bernard Micallef*

**It-taqtigħat tal-ħassieb-kittieb politiku** 79
*Robert Micallef*

**Interventi mill-udjenza u konklużjoni mis-Sedja** 85

**Profili tal-kontributuri** 88

# Daħla mill-edituri



**Dr Mario Thomas Vassallo**
*Kap tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika*



**Dr Michael Spagnol**
*Kap tad-Dipartiment tal-Malti*

Hemm ħafna x'jorbot il-letteratura mal-politika. Fl-opri letterarji tagħhom, kemm awturi tal-imgħoddi u wkoll dawk kontemporanji, esprimew diversi sentimenti u materji politiċi. Uħud tkellmu dwar utopja, oħrajn kixfu t-tnawwir ta' tmexxija awtoritarja. Imbagħad hemm min kiteb bl-istil tal-parodija biex isensel kritika kontra l-elitisti tal-poter, u oħrajn ikkonċentraw fuq ir-realtajiet soċjali qarsa ta' madwarhom biex jiftħu attakk fuq min imexxi. Irridu nsemmu wkoll li hemm drabi meta l-istat jikkummissjona kitbiet biex idawwar l-opinjoni pubblika favur tiegħu. Għaldaqstant il-ġlieda tal-influwenza politika fuq imħuħ in-nies minn dejjem kienet – u għadha – missielta minn fuq għal isfel b'tir dottrinali u minn isfel għal fuq b'intenzjoni ta' protesta.

Huwa għal dan il-għan li d-Dipartiment tal-Politika Pubblika fi ħdan il-Fakultà tal-Ekonomija, tal-Ġestjoni u l-Kontabilità għaqqad il-forzi tiegħu mad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Fakultà tal-Arti biex tinħoloq kullana ta' konferenzi nazzjonali taħt l-isem Lingua-Politik. L-iskop huwa biex nistħarrġu r-rabta bejn il-lingwa u l-politika minn perspettivi transdixxiplinarji. Dawn il-konferenzi jissoktaw jgħinu lill-Università ta' Malta biex tifrex u sseddaq l-impatt nazzjonali tagħha fuq id-diversi oqsma tal-ħajja lil hinn mill-kampus.

L-ewwel konferenza nazzjonali mis-sensiela Lingua-Politik ittellgħet fil-Parlament ta' Malta, is-Sibt 30 t'April 2022. Dakinhar attendew diversi akkademiċi, studenti, uffiċjali pubbliċi u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, mhux l-inqas dawk li jaħdmu b'risq l-ilsien Malti u oħrajn impenjati fil-governanza. L-għażla tat-tema waqgħet b'mod naturali fuq il-pinna politika tal-mibki Professur Oliver Friggieri (1947–2020). Ir-rumanzi, in-novelli u l-poeżiji ta' Friggieri huma mdewda b'narrattivi, fehmiet u ġudizzji ta' natura politika. Mhux ta' b'xejn, mela, li għal dan il-għan ħsibna biex nippubblikaw id-diskorsi u l-interventi kollha li saru dakinhar tal-konferenza intitolata *Il-Poter tal-Kelma: Politika u Letteratura f'Oliver Friggieri*. Din il-pubblikazzjoni li għandek f'idejk tixhed għal dak li ntqal u kien diskuss waqt il-konferenza.

Nirringrazzjaw b'mod partikolari lill-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti l-Onor. Dr Anġlu Farrugia li wera interess kbir f'din l-inizjattiva sa mill-ewwel darba li avviċinajnieh. Ħajr ukoll lill-amministraturi tal-Parlament, partikolarment lis-Sur Pierre Mallia li kien tal-akbar għajnuna kemm mil-lat loġistiku kif ukoll għal din il-pubblikazzjoni ffinanzjata mill-Parlament ta' Malta. Min-naħa tad-Dipartiment tal-Malti nroddu ħajr lill-Prof. Bernard Micallef u Dr Chris Bezzina li magħhom ħdimna għalenija. Mhux l-inqas, nirriservaw ir-ringrazzjamenti tagħna lil Dr George Vital Zammit u lis-Sinjura Mariella Gambin għan-nom tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika, u lis-Sinjura Melanie Vassallo u Lorna Genovese għan-naħa tal-Uffiċċju Konġunt għall-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

Ninsabu determinati li din l-inizjattiva konġunta tagħna – Lingua-Politik – inkompluha fis-snin li ġejjin għax nagħrfu l-ħtieġa ta' ħidma transdixxiplinarja u fi sħubija ma' entitajiet diversi.

# Il-Poter tal-Kelma

## Politika u Letteratura f'Oliver Friggieri

Konferenza Nazzjonali

Imtellgħa mid-Dipartiment tal-Politika Pubblika
u d-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta

Is-Sibt, 30 ta' April 2022, fil-Parlament ta' Malta

| | |
|---|---|
| **08:00** | **Reġistrazzjoni** |
| **08:45** | Il-mistednin għandhom ikunu f'posthom fil-Kamra tad-Deputati |
| **09:00** | Filmat dwar Oliver Friggieri: studjuż, awtur u politiku<br>**Kelmtejn ta' merħba**<br>L-Onor. Anġlu Farrugia M.P.<br>L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta<br>Dr Mario Thomas Vassallo<br>Kap tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika |
| **09:15** | **Silta mir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri***<br>Taqra s-Sa Marceline Galea |
| **09:25** | **Il-poeta li ħabb lil familtu u lil artu**<br>Is-Sa Sara Brincat Friggieri<br>Bint il-Professur Oliver Friggieri |
| **09:40** | **Il-politika tad-dissens ta' Friggieri mix-xogħlijiet miġbura *Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri***<br>Dr George Vital Zammit<br>Dipartiment tal-Politika Pubblika |
| **09:55** | **In-nazzjonaliżmu għal Friggieri fil-kumplessità globalizzata**<br>Is-Sur André P. DeBattista<br>Assistent Lettur fl-Istitut għall-Istudji Ewropej<br>Student tad-Dottorat fid-Dipartiment tal-Politika Pubblika |
| **10:10** | **Karlu Manju: il-Joker Malti?**<br>Dr David Aloisio<br>Dipartiment tal-Malti fil-Junior College |
| **10:25** | **Silta mill-ġabra ta' rakkonti *Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri***<br>Taqra s-Sa Magdalena van Kuilenburg |
| **10:40** | ***L-Istramb*: bejn is-silenzju u l-kliem**<br>Is-Sa Justine Somerville<br>Dipartiment tal-Malti |
| **10:55** | **Il-politika mis-sema lejn l-art u kullimkien**<br>Dr Immanuel Mifsud<br>Dipartiment tal-Malti |

| | |
|---|---|
| 11:10 | **Kostituzzjoni bla klawsoli: l-ilsien sigriet fil-lirika ta' Friggieri**<br>Il-Prof. Bernard Micallef<br>Dipartiment tal-Malti |
| 11:25 | **It-taqtigħat tal-ħassieb-kittieb politiku**<br>Is-Sur Robert Micallef<br>Dipartiment tal-Politika Pubblika |
| 11:40 | **Interventi mill-udjenza** |
| 12:10 | **Kelmtejn tal-għeluq**<br>President tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta<br><br>Ritratt kommemorattiv |


L-Onor. Anglu Farrugia, MP
peaker tal-Parlament ta' Malta

# Il-Parlament Malti jsellem il-memorja u l-legat tal-Professur Oliver Friggieri

L-Onor. Dr Anġlu Farrugia, L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati

Merħba. Illum iltqajna għal attività partikolari u speċjali; konferenza nazzjonali bit-tema *Il-Poter tal-Kelma – Politika u Letteratura f'Oliver Friggieri*. Irrid nirringrazzja uffiċjalment lill-PBS li ħadmu magħna biex tkun tista' tittella' din l-attività li naħseb se tkun biċċa xogħol tajba.

Nixtieq nilqagħkom ilkoll fil-Parlament ta' Malta proprju biex nagħtu ġieħ mistħoqq lill-Professur Oliver Friggieri, li twieled il-Furjana nhar is-27 ta' Marzu 1947. Alla għoġbu jsejjaħlu minn fostna nhar il-21 ta' Novembru 2020.

Qed niltaqgħu f'dan il-Parlament, fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż għaliex ilkoll inħossu l-ħtieġa li kemm il-Parlament kif ukoll l-Università ta' Malta permezz tad-Dipartiment tal-Malti u d-Dipartiment tal-Politika Pubblika, nagħtu qima u ġieħ lill-Professur Oliver Friggieri għall-wirt letterarju f'għadd kbir ta' poeżiji, rumanzi u artikli – ħafna minnhom ippubblikati f'diversi lingwi oħra – u s-sehem tiegħu fit-tagħlim u l-apprezzament tal-ilsien Malti kemm f'pajjiżna u wkoll lil hinn minnu.

Oliver Friggieri ggradwa mill-Università ta' Malta b'Baċellerat fil-Malti, it-Taljan u l-Filosofija. Hu għallem il-Malti u l-Filosofija fil-livell sekondarju. Fl-1975 Oliver Friggieri kiseb Master's Degree fil-Letteratura Maltija mill-Università ta' Malta. Fl-1976 inħatar Assistent Lettur fid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta u fl-1978 kiseb Dottorat fil-Letteratura Maltija u fil-Kritika Letterarja mill-Università Kattolika ta' Milan fl-Italja. Dik is-sena stess huwa nħatar Lettur u fl-1988 Professur Assoċjat. Fl-istess sena huwa ntgħażel bħala Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, kariga li okkupa sas-sena 2002. Fl-1990 l-Università ta' Malta ħatritu Professur.

Wieħed jista' jinnota li l-Professur Friggieri matul ħajtu stinka u ħadem flimkien ma' ħbiebu li jħobbu l-lingwa Maltija biex il-lingwa Maltija tikseb l-għarfien li jistħoqqilha b'għadd ta' inizjattivi importanti. Fl-1967 Oliver Friggieri, flimkien ma' sħabu kittieba tal-Malti, waqqfu l-Moviment Qawmien Letterarju. Huwa kien editur tal-ġurnal tal-istess għaqda *Il-Polz* bejn l-1974 u l-1975. Fl-1971, Oliver Friggieri waqqaf ir-rivista *Sagħtar* għall-istudenti fl-iskola sekondarja.

Inizjattiva oħra importanti ħafna li ttieħdet minn Oliver Friggieri kienet li, flimkien ma' Pawlu Mizzi, Alla jaħfirlu, twaqqfet id-dar tal-pubblikazzjoni tal-kotba bil-Malti Klabb Kotba Maltin fl-1971. Fl-1980 Oliver Friggieri sar editur tal-*Journal of Maltese Studies*. Il-Professur Friggieri mhux biss kien għalliem tal-Malti, iżda ta s-sehem tiegħu, flimkien ma' oħrajn, biex jitwaqqfu strutturi importanti għal dawk l-awturi li kienu jiktbu bil-Malti kif ukoll biex jitwaqqaf ġurnal akkademiku dwar l-istudji tal-lingwa u l-letteratura Maltija. Għen ħafna biex titwaqqaf dar tal-pubblikazzjoni biex tgħin lill-kittieba jippubblikaw kotba bil-lingwa Maltija.

Dan kollu juri l-imħabba li Oliver Friggieri kellu għall-ilsien Malti, l-ilsien tal-poplu u n-nazzjon Malti, liema nazzjon fl-1964 kiseb l-Indipendenza mir-Renju Unit u ngħaqad fil-komunità internazzjonali ta' stati sovrani bis-sħubija, fis-sittinijiet, fin-Nazzjonijiet Magħquda u aktar tard fil-Kunsill tal-Ewropa. Importanti li ntenni dan il-punt, għax għalkemm bosta Maltin kienu diġà taw is-sehem tagħhom fl-iżvilupp tal-lingwa u l-letteratura Maltija, Oliver Friggieri flimkien ma' oħrajn, mhux biss tħeġġu mix-xogħlijiet letterarji ta' Maltin kbar li ġew qabilhom – bħal Ġan Anton Vassallo, Ġużè Muscat Azzopardi, Annibale Preca, Alfons Maria Galea, Ġorġ Pisani, Rużar Briffa, Ninu Cremona, Ġorġ Zammit, Dun Karm Psaila, Erin Serracino Inglott, Ġużè Aquilina, Karmenu Vassallo, Anton Buttigieg u tant oħrajn, li lkoll jixirqilhom it-tislima tagħna f'din l-attività li għandna hawnhekk fil-Parlament – imma lkoll ħabirku biex il-poplu Malti jagħraf aktar l-importanza tal-lingwa u jaqra u japprezza l-kitbiet bil-Malti.

Il-lingwa, il-kultura, il-fidi u t-twemmin, id-drawwiet u l-istorja huma fost l-elementi fundamentali li jsawru poplu u nazzjon. Kemm hu sabiħ li wieħed ikun protagonista ewlieni, bħalma kien Oliver Friggieri, ta' dawn l-elementi li jsawru l-karattru ta' poplu u nazzjon! Il-Professur Oliver Friggieri għandu jitqies fost dawn in-nies kbar tal-poplu u n-nazzjon Malti għax iddedika ħajtu mhux biss bħala studjuż u għalliem, imma kien wieħed mill-awturi ewlenin u promotur tal-ilsien Malti u l-letteratura Maltija.

Oliver Friggieri kien bniedem ta' fidi kbira u kien jemmen fl-eżistenza u l-preżenza t'Alla mal-bnedmin. Kien jisħaq li aħna l-bnedmin għandna nkunu umli fir-relazzjoni ma' Alla. Fl-għerf, il-bniedem jiskopri l-imġiba tajba, l-imħabba u l-ħniena li għandu jkollna lejn xulxin. Jien niftakar okkażjoni partikolari mill-ftit li ltqajt ma' Oliver. Kien hemm okkażjoni waħda meta ltqajt miegħu fit-tul; konna jien, Richard Vella Laurenti, li forsi tafuh, u Alla jaħfirlu Mario Briffa, li jidhirli li kien jgħallem San Alwiġi imma li kont nafu sewwa għax kien tilef lil ommu u missieru li kienu ġew maqtula f'Ħal Tarxien. Niftakar li dak iż-żmien konna għamilna laqgħa u kilna flimkien. Nista' ngħid li verament il-ħsibijiet ta' Oliver kienu b'saħħithom. Kien jemmen ħafna fir-rikonċiljazzjoni, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi. Fil-kontroversji politiċi, Friggieri jħeġġeġ lill-Maltin biex jingħaqdu, iħobbu lil xulxin u jippersistu fit-tajjeb.

L-Indipendenza titqies mill-istess Oliver Friggieri bħala xewqa tal-poplu Malti lejn żvilupp u progress kulturali, ekonomiku u soċjali, lejn orizzonti ta' għajxien għani u dinjituż, li għadd ta' pajjiżi Ewropej oħra diġà kienu kisbu minkejja kull diffikultà u ostakoli ta' natura politika, inkluż iż-żmien ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-era postkolonjali u dik ta' sigurtà internazzjonali.

Bħala Malti, Oliver Friggieri kien kburi bl-għeruq Għarab u Semitiċi. Irridu nagħmluha ċara li l-kultura tal-poplu Malti kienet ukoll minsuġa f'dawn il-ħsibijiet fejn fl-istess waqt li għaraf iċ-ċokon tiegħu tul l-istorja tiegħu, il-poplu Malti żewwaq ir-Romantiċiżmu Ewropew, b'mod mill-aktar prominenti l-Latin u t-Taljan, fil-lingwa u l-kultura. Hawn wieħed jilmaħ id-dimensjoni Ewro-Mediterranja ta' poplu, fost l-iżgħar fost il-ġnus kollha. Hawn ukoll tispikka l-vokazzjoni tagħna l-Maltin li ninħelsu minn kull rabta li xxekkel l-armonija u s-sliem fost il-ġnus.

Id-dikjarazzjoni ta' Malta Repubbblika mill-Parlament ta' Malta fit-13 ta' Diċembru 1974, u l-għeluq tal-bażijiet militari tal-Ingliżi f'Malta fil-31 ta' Marzu 1979 jitqiesu, anke mill-istess Oliver Friggieri, bħala deċiżjonijiet importanti li jkomplu jsawru l-poplu Malti bħala wieħed tassew indipendenti u sovran b'vokazzjoni u b'politika barranija li tippromwovi s-sliem u l-progress fost il-ġnus.

Wieħed irid jammetti li dawn iż-żminijiet ma kinux faċli għall-poplu Malti, tant li fostna kien hemm suspetti u nuqqas ta' qbil politiku għar-rigward tal-ġejjieni ta' Malta. Hawn, Oliver Friggieri jkun protagonist minkejja l-offiża personali li saritlu. Pereżempju, kien hemm min kiteb: "Min m'għandux x'jagħmel, jikteb ktieb." Hawnhekk irrid nosserva li Friggieri għadda minn tbatija bħala persuna. Ir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* jitqies minn ħafna bħala s-sehem tal-Professur Friggieri għall-konflitt ta' ideat fost il-mexxejja politiċi tas-snin sebgħin u tmenin. Hu stess jammetti li dak il-konflitt, bħal dak li seħħ aktar kmieni mal-awtoritajiet Ekkleżjastiċi, kemm qabel u wara l-kisba tal-Indipendenza ta' Malta, kien konfront iebes ħafna li ġab lill-poplu Malti f'xifer gwerra ċivili. Ovvjament osservazzjoni iebsa, però kien korrett għall-mod kif ħaseb. Hawn huwa jfaħħar l-għaqal tal-mexxejja politiċi Maltin, huma min huma, li bi mħabba sinċiera lejn art twelidhom u l-poplu Malti huma għarfu li għandhom jilħqu kompromess bejniethom f'ġieħ is-sewwa.

L-emendi kostituzzjonali maqbula dwar l-istatus tan-newtralità ta' Malta u d-dritt li min jikseb il-maġġoranza tal-voti fl-elezzjoni għandu dritt jiggverna, wittew it-triq għal aktar deċiżjonijiet politiċi importanti, fosthom is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju tal-2004 wara li kien sar referendum jew konsultazzjoni mal-elettorat f'Marzu tal-2003.

Fil-kotba tiegħu, *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* tas-sena 2000, *La Jibbnazza Niġi Lura* tal-2006 u *Fjuri li ma Jinxfux* tal-2008, Oliver Friggieri jista' jitqies li qed iħares lejn l-imgħoddi, jirrakkonta l-imgħoddi tal-poplu Malti u tiegħu stess, sabiex aħna l-qarrejja li qed ngħixu llum, nagħrfu l-imgħoddi ta' ġensna u nitgħallmu ħalli bl-għaqal nitbiegħdu minn dak kollu li bih nistgħu nweġġgħu. Importanti ħafna li lkoll kemm aħna għandna nħabirku biex dejjem nagħmlu t-tajjeb għax mit-tajjeb li nagħmlu jgawdi kulħadd.

F'soċjetà ta' konsum, speċjalment illum, li tħeġġeġ lill-individwi jagħmlu użu sfrenat minn dak kollu li jeżisti madwarhom b'mod li saħansitra jwarrbu dak kollu li mhuwiex utli għalihom, Oliver Friggieri, ta' bniedem għaref li kien, kien prudenti ħafna. Fil-polemika dwar jekk aħna bħala Maltin għandniex nagħmlu biss dak li hu utli, bi prudenza liema bħalha, Oliver Friggieri jiddeskrivi dik il-kontroversja bħala "Problema ta' lingwa, ħaġa li tolqot lil kull ġens u poplu." Anzi jgħid: "Ma konniex qed nifhmu lil xulxin u x'qed ngħidu." Bħala edukatur u bniedem għaref, Oliver Friggieri jisħaq li t-tagħlim iwassal biex persuna tkun edukata b'mod sħiħ. F'intervista li hu ta fl-2019, dan jispjegah hekk:

> Mingħajr arti jkollok bniedem barbaru. Mingħajr xjenza ma nistgħu nagħmlu xejn. Mingħajr ambjent kif se ngawdu n-natura? Mingħajr fidi ma nistgħux nagħrfu x'inhu tajjeb. Bniedem mingħajr arti, xjenza u fidi mhuwiex komplut.

Għandu jkollna rispett kbir lejn l-edukaturi u l-għalliema. Malta hi li hi llum grazzi għall-ħidma bla heda, il-bżulija ta' missirijietna u ommijietna u sens ċiviku qawwi, ta' doveri u l-flessibilità fil-ħidmiet u x-xogħlijiet li għamlu l-Maltin tal-imgħoddi, li qed nintalbu nżommu aħna llum u aktar 'il quddiem uliedna.

Ma nistgħux inħarsu lura. Pajjiżna ma jistax jieqaf. Jekk tassew inħobbu lil pajjiżna u lil ħutna l-Maltin, jeħtieġ nevitaw kwistjonijiet interni bla bżonn jew ta' bejnietna. Jeħtieġ nitkellmu u niddiskutu aktar u nkunu kritiċi aktar bil-ħsieb li l-affarijiet isiru aħjar u li minnhom igawdi kulħadd, inkluż iż-żgħar u dawk li għal xi raġuni jkunu waqgħu lura.

Pajjiżna jeħtieġ li jibqa' jiġġedded mingħajr ma jitlef il-karattru tiegħu. Il-poplu Malti ma jistax jibqa' statiku, iżda jagħraf iż-żminijiet mingħajr ma jitlef l-elementi bażiċi li jagħmluh Malti, dak li hu.

Intemm l-intervent billi nisħaq fuq ix-xewqat ta' ħuna l-Professur Oliver Friggieri. Waqt li nsellem lilu, issa li qiegħed fi ħdan Alla l-Missier, hekk kif fil-kitbiet, rumanzi, poeżiji tiegħu, il-wirt u l-memorja tiegħu hawn f'artna jitqiesu bħala l-wirt kollettiv tiegħu għalina, nitolbuh biex fl-ispirtu huwa jibqa' magħna, iħarisna, jisħaq magħna biex ningħaqdu aktar flimkien u nħobbu aktar lil Malta għażiża tagħna biex tassew inkunu poplu ferħan u ferm f'dak kollu li hu tajjeb u li nħobbu lil xulxin u lill-bnedmin.



# Kelma tintrabat ma' kelma waqt li l-għasafar itiru mifxulin!

Mario Thomas Vassallo

Huwa tal-akbar sodisfazzjon għalina lkoll li dalgħodu ltqajna hawnhekk – fil-Kamra tar-Rappreżentanti tal-poplu – biex niftakru u nfakkru l-wirt letterarju tal-Professur Oliver Friggieri: ta' dak li qajjem rivoluzzjoni tal-ħsieb permezz tar-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (1986), waqt li għarrax u sfida l-aġenda ta' dawk fis-setgħa kull meta rashom kibritilhom u nsew liż-żgħir u ssoktaw jemarġinaw lil dawk li kienu diġà mġennba. Għalhekk l-għażla ta' dan il-post uniku u tant prestiġjuż mhux biss hija sinifikattiva biex stajna ntellgħu din il-konferenza nazzjonali, imma hija wkoll mill-aktar simbolika.

**Ħidma konġunta**

Il-pinna niffieda, imma qatt kattiva, ta' Friggieri ħafna drabi titkellem dwar il-politika u l-poter; dwar min imexxi u min jitmexxa – dwar il-kuntratt soċjali li xi drabi jisfa' sfruttat minn xi wħud minn dawk li jgawdu s-siġġu f'din l-istess Kamra. Għalhekk, illum, id-Dipartiment tal-Politika Pubblika fi ħdan il-Fakultà tal-Ekonomija, Ġestjoni u Kontabilità (FEMA) għaqqad l-impenn tiegħu mad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Fakultà tal-Arti, biex nistħarrġu l-poter tal-kelma fl-isfond tal-politika u l-letteratura ta' Oliver Friggieri.

Għandna magħna l-akkademiċi, l-istudenti u r-rappreżentanti ta' diversi istituzzjonijiet u għaqdiet li jaħdmu b'risq il-Malti, il-letteratura u l-governanza t-tajba. Għandna magħna wkoll il-familjari tal-Professur Friggieri, l-istess kif għandna magħna lill-politiċi.

**Kif sirt naf lil Friggieri**

Il-kuntatt dirett tiegħi mal-Professur Friggieri beda meta rfist l-għatba fl-Università f'Tal-Qroqq bħala Assistent Lettur. Lil Friggieri kont ili nafu għomor minn kitbietu, imma sas-sena 2011 kont għadni qatt ma ltqajt miegħu wiċċ imb wiċċ. Id-deċiżjoni li nissieħeb mal-korp akkademiku ma fissritx biss post tax-xogħol ġdid imma, aktar minn hekk, impenn mastizz biex nibda l-istudji tiegħi f'livell ta' dottorat fil-politika.

U bdejna. Kotba, qari, riflessjonijiet. Riċerka, taħżiż u thewdin. L-avventura tad-dottorat mhix ċajta u, wisq drabi, għandu mnejn li tispiċċa titkellem waħdek. Ridt nirriċerka l-impatt tal-Unjoni Ewropea fuq l-għaqdiet tal-volontarjat permezz ta' paragun bejn Malta u l-Irlanda bħala żewġ pajjiżi żgħar u gżejjer fit-truf nett ta' kontinent integrat. Bħal dejjem, kien ikolli l-garigori ta' moħħi mburġati bi ħsibijiet, argumenti u teoriji, imma meta niġi biex nikteb bdejt neħel. Ma nkunx naf minn fejn se nibda nferra' biex il-ħsieb nittraduċih f'kitba. Niftakar li darba minnhom, għall-ħabta ta' Novembru, għamilt kuraġġ u mort ħabbatt fuq il-bieb tal-uffiċċju tal-Professur Oliver Friggieri.

Ma kellix għalfejn intektiklu għax il-bieb tal-uffiċċju tiegħu dejjem kien ikun imbexxaq. Minnufih smajtu jgħidli, "Għaddi," u dħalt. L-uffiċċju kien bħas-soltu – bi ftit li xejn dawl kif kien iħobb joqgħod hu. Il-ħitan kienu miksija dawramejt bl-ixkaffar imfawra bil-kotba. Ħafna minnhom weqfin, oħrajn mimdudin fuq sħabhom il-weqfin biex jimlew il-ftit spazju li kien jifdal waqt li oħrajn kienu għadhom fil-kaxxi mal-art. Stedinni noqgħod quddiem l-iskrivanija

u ma tilifx ħin biex isaqsini kif jien u x'jista' jagħmel biex jgħinni. Għedtlu bil-konfużjoni li kienet ħakmitni. Moħħi tgħabba b'ħafna ideat u prinċipji u materjal u kunċetti u termini u letteratura li kont qrajt, imma qajla stajt nibda nikteb. Ma kontx naf minn fejn kelli nibda. Tfixkilt f'saqajja u minflok id-dawl, rajt id-dlam u weħilt għalkollox. Oliver qagħad jismagħni bl-akbar sabar bla ma qatt interrompa u tkellem biss meta jien skitt. Qalli li dak li qiegħed inħoss huwa normali għal ħafna kittieba, għax hu stess kultant iħossu. Użali l-metafora li l-kittieb huwa bħal mara tqila li tbati ħafna biex twelled tarbija, l-istess bħalma l-kittieb jaqla' fwiedu biex jiled ħsiebu fuq karta. Dan hu proċess li ma tistax taħrab minnu, kompla jgħidli, għax hu miktub fin-natura tagħna l-bnedmin. Iżda Oliver ma waqafx hemm billi rrassenjani għal dak li kont qiegħed inġarrab, għax imbagħad għadda biex jagħtini parir mimli dehen ta' x'kelli nagħmel biex nibda nara d-dawl. Hekk l-uġigħ jinħeles f'kitba mwielda ġdida frott id-demm u l-għaraq. "Mario," qalli, "Ftakar li biex il-ħsieb isir kelma jeħtieġ ingranaġġ sempliċi daqskemm profond. Żurżieqi daqskemm hu għat-telgħa. Proċess li jbiddel ħsieb f'kelma. U hekk titwieled l-ewwel kelma. Imbagħad inti tibda tibni kelma fuq kelma..."

Kelma
Din il-kelma tintrabat mal-kelma ta' qabilha u ta' warajha.
Hekk tifforma frażi.
Din il-frażi tintrabat mal-frażi ta' qabilha u ta' warajha.
Hekk tinbena sentenza.
Din is-sentenza tintrabat mas-sentenza ta' qabilha u ta' warajha.
U jkollok paragrafu.
Dan il-paragrafu jintrabat mal-paragrafu ta' qablu u ta' warajh.
U flimkien jiffurmaw kapitlu.
Dan il-kapitlu jintrifed mal-kapitlu ta' qablu u ta' warajh.
U finalment ikollok it-teżi lesta!

Dan hu l-kliem eżatt li qalli dakinhar Oliver f'dik l-għodwa Novembrina u li għadu jirbombja f'moħħi, tant li għadni ntennih mal-istudenti ta' kull darba li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni. Bi kliem sempliċi, Oliver qaxxar il-mod ta' kif tinbena kitba akkademikament valida, ikkaratterizzata minn sistema xjentifika u sekwenza loġika. Il-parir ta' Oliver qalagħni minn ġod-dagħbien li kont tgerbibt fih u minn hemm 'il quddiem qbadt rotta li ma waqfitx qabel ħames snin. Ktibt teżi ta' disa' kapitli u li kollha flimkien jammontaw għal 90,000 kelma. Kull kelma tintrabat mal-kelmiet ta' madwarha. Flimkien jiffurmaw sentenzi li jwieżnu lil xulxin biex iseddqu l-paragrafi. Il-paragrafi huma msenslin mal-għerq maġġuri tal-argument biex għalenija jnaqqxu l-kapitli. U hekk, wara wġigħ il-ħlas bil-bosta, wellidt teżi li kellha tkun frott l-għerf li sawwart f'ġuf moħħi.

## L-għasafar mifxulin

Bit-tlajja' u l-inżul kollha, it-teżi ktibtha u, wara li ssottomettejtha, qgħadt għall-famuża viva li matulha jkollok tiddefendi xogħlok quddiem tliet professuri. Kien eżami li kkonsma mat-tliet sigħat sakemm kien stabbilit li xogħli kien meqjus denju u tal-kalibru mistenni. Il-Professur Simon Bulmer, li kien responsabbli mis-superviżjoni ta' kitbiti, ħeġġiġni biex ma niqafx hawn u għamilli ħafna kuraġġ biex nippubblika t-teżi ma' pubblikatur internazzjonali. U hekk għamilt. Inzerta li wriet interess il-kumpanija Palgrave Macmillan u f'kemm ili ngħidlek bdejt

il-proċess biex nittrasforma t-teżi fi ktieb. Kien hemm partijiet li kelli ntajjarhom waqt li oħrajn inbiddilhom jew nippreżentahom fi stil differenti.

Meta l-ktieb kien ippubblikat, ħsibt biex, kif xieraq, norganizza tnedija fuq il-kampus li l-Università għandha fil-Belt Valletta. Stedint lill-familjari u l-ħbieb, kollegi u akkademiċi, iżda lill-Professur Oliver Friggieri tajtu d-dritta bħala l-mistieden tal-unur. Kien diġà ma jiflaħx u l-flaġell tal-marda tal-Parkinson's ma kienx aktar mistur. Il-mixja tiegħu kienet saret qabbiżija, wiċċu niżel, spallejh ċedew u diskorsu sar maħtuf tant li bilkemm kien jinftiehem sewwa. Imma ħsiebu kien ċar kristall. Qalil daqskemm mieles. Meta fl-aħħar tas-serata stedintu biex jgħid kelmtejn, niftakar li għenitu martu biex jitla' fuq il-podju u fis-sala waqgħet sikta liema bħalha. Fost ħwejjeġ oħrajn relatati mal-ktieb tiegħi, dakinhar Oliver irrakkonta storja li għadni niftakarha bl-għeruq u x-xniexel kollha. Dakinhar qalilna hekk:

> Darba waħda kien hemm raġel li waqaf mistagħġeb f'salib it-toroq traffikuż immens. F'nofsu kien hemm roundabout li madwarha kienu jduru sriebet ta' karozzi li kważi ma jaqtgħu xejn. Imma dak li żamm lil dak ir-raġel wieqaf hemm la kienu l-karozzi u lanqas il-geġwiġija ta' nies li seħlu għaddejjin minn dawk l-inħawi. Ħarstu kienet iffissata 'l fuq lejn qatgħa għasafar li kienu qegħdin itiru dawra tond eżatt fuq ir-roundabout. It-tidwir tagħhom kien kontinwu u bħal donnu mherwel għax it-tpespis minn munqarhom ukoll kien bla heda. Tidwir u tpespis. Tpespis u tidwir. Ma jaqtgħu qatt waqt li jtiru tond tond fuq ir-roundabout. Ir-raġel, li ma kellux mill-indifferenza ta' tant nies li kienu għaddejjin minn biswitu u minn warajh, waqaf hemm u dik ix-xena stramba ma ħallitux iħarrek saqajh.
>
> Hemm baqa' jħares bħal miblugħ quddiem dik ix-xena stramba. Tpespis ma jaqta' xejn u titjir idur għat-tond. F'ħin minnhom waqaf raġel ieħor ħdejh u qallu, "Taf għalfejn dawk l-għasafar qegħdin iduru dawra tond bla ma jieħdu nifs?" "M'għandix idea l-għala," qallu l-ieħor. "Mela ħa ngħidlek jien", irrispondieh, "dalgħodu ġiet il-gaffa u minn ġo nofs ir-roundabout qaċċtet siġra folta minn għeruqha. Illejla ġew l-għasafar li ta' kuljum kienu jsibu l-kenn u s-serħ fuqha għal matul il-lejl, imma llum ma sabuhiex! Għalhekk qegħdin itiru tond fuq ir-roundabout u t-tpespis tagħhom għandu mill-istagħġib u l-korla. Għalhekk! Għax ma jistgħux jifhmu x'ġara."

Dak hu r-rakkont li qalilna Oliver dakinhar tat-tnedija tal-ktieb tiegħi. Storja li għandha mill-għafsa ta' qalb daqskemm għandha minn għajta ta' kundanna. Rakkont li ma jħallikx kwiet għax iġibek wiċċ imb wiċċ mar-realtà tagħna llum. Malta. Min hi Malta? Min bena lil Malta? Minn xiex hija mibnija Malta? Fejn sejra Malta? Kemm hi ħanina Malta? Kemm hi kattiva Malta? X'se jiġri minn Malta tagħna? Ir-rakkont li Oliver refa' għal dakinhar għadu mkaħħal fil-memorja tiegħi u llum sibt ix-xoqqa f'moxtha biex niktbu ħalli ma jintilifx mal-mogħdija tas-snin.


### Biblijografija

Friggieri, Oliver. *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*. Mireva, 1986.

Vassallo, Mario Thomas. *Karattri u Rakkonti mir-Raħal u mis-Safar*. Kite Group, 2021.

---. *The Europeanization of Interest Groups in Malta and Ireland: A Small State Perspective*. Palgrave Macmillan, 2015.



## OLIVER FRIGGIERI

# FIL-PARLAMENT MA JIKBRUX FJUR

# Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri ta' Oliver Friggieri

Din is-silta nqrat mis-Sinjura Marceline Galea waqt il-Konferenza.

*L-imġiba tagħkom hi tipika tal-gladjaturi. Il-burdata tagħkom hi dejjem vjolenti. Wiċċkom dejjem imgħaddab, leħenkom dejjem għoli, kliemkom dejjem inniggeż, insejtu kif titbissmu, u ma tgħallimtux kif tħobbu. Biddiltu lill-gżira f'żewġ tribujiet imqanqla. Titkellmu dejjem kontra l-avversarji u mhux favur il-valuri magħżulin minnkom. Sarraftu l-intelliġenza fi snobbiżmu, bnejtu l-kult tal-medjokrità u rawwimtulna l-ambjent tal-ġungla. Ladarba m'għandkomx denb, ġegħiltuna naqtgħu denbna wkoll. Innewtralizzajtu l-valuri oġġettivi u ppakkjajtuhom fil-frażi "motivazzjoni politika". L-injoranza tagħkom tgħattuha taħt il-preġudizzju kontra l-ħaddiema tal-moħħ, waqt li identifikajtuha mal-ħaddiema tal-id, li mingħalikom mhumiex intelliġenti daqs il-bqija. Insejtu li ebda moħħ ma jaħdem mingħajr id, u ebda id ma tiċċaqlaq mingħajr moħħ.*

*Identifikajtu l-medjokrità mal-kultura popolari. Ġibtuna nistħu mill-identità tagħna. Waqqajtulna l-istorja, it-tradizzjonijiet, il-lingwa, kull ħaġa li bnejna b'moħħna u b'dirgħajna maż-żmien. Qegħdin tħarsu lejna bħala mezz biex tiksbu s-setgħa imperjali tagħkom, bħalma għamlu l-predeċessuri denji tagħkom il-Kavallieri u l-Gvernaturi. Il-fedeltà tagħkom hi lejhom u mhux lejna; begħtuna. L-istrateġija tagħkom hi mażżra m'għonq il-kotra, il-qerda tal-emanċipazzjoni tagħna. L-antikultura naturali tagħkom trid twassalna biex fid-dlam naqbdu bil-ħniena kull id sewwa – u nbusuha.*

#### Il-qagħda li tixirqilna

*Fuq il-fdal tal-esperjenza kolonjali twila, bnejtu l-imperu. Iċ-ċittadini rabbew il-qoxra tas-sottomissjoni u tal-ubbidjenza għamja lejn l-awtorità. Iżda r-rebħa tagħkom mhix sħiħa: minn barra jidhru l-inkini u r-reverenzi, iżda minn ġewwa jinstema' l-leħen tad-deċenza mweġġgħa, jinħassu l-iskossi ta' kuxjenza li għadkom ma wasaltux biex tħassruhielna għalkollox. Fil-beraħ tingħataw l-appoġġ tal-konvenjenza, u fil-magħluq tgħaddu mill-qrati tal-poplu; fil-pubbliku tintrefgħu fuq l-ispallejn u fil-privat tintremew taħt is-saqajn.*

*M'hemmx politika nadifa mingħajr edukazzjoni kritika. L-Isfruttament u l-Edukazzjoni huma koppja skomda li ma tiżżewweġ qatt. Nesiġu politika ta' nies nodfa, edukati, intelliġenti u kuxjenzjużi; politika mibnija fuq l-ideat u mhux fuq il-persuni, marbuta mal-valuri tajbin u mhux mal-ambizzjonijiet. Intom tingħażlu biex taqdu lil kulħadd indaqs u mhux biex tinqdew bil-klijenteliżmu ħalli tibnu l-padrunaġġ. Is-suċċess tagħkom ma jistax jitqies skont kemm togħġbu lill-eletturi tagħkom, iżda skont kemm ma ddejqux lill-oħrajn. Minuta wara li jitħabbar ir-riżultat elettorali, il-partit rebbieħ għandu d-dmir isir gvern nazzjonali u l-votanti jerġgħu jsiru ċittadini. Il-kotra ma tivvutax aktar minn darba kull ftit snin. M'għandkom ebda jedd tistorduna bl-ambizzjonijiet tagħkom il-ħin kollu.*

*Jekk triduna nemmnukom, iddikjaraw ġidkom kollu qabel tidħlu fit-torri tagħkom, u erġgħu ddikjarawh malli nerġgħu ngħidulkom biex titilqu 'l barra. Il-parlament hu tagħna u mhux tagħkom, u tidħlu fih jekk ngħidulkom aħna, tpoġġu fejn nordnawlkom aħna, u ġġibu ruħkom hemm kif irridu aħna. Bħala s-sidien ġodda tal-gżira, intom titwerwru minn dan. Għalhekk tirfsu fuq l-opinjoni pubblika u tqisuha bħala tarbija illeġittima li m'għandhiex jedd titwieled, jew li jekk titwieled bil-moħbi m'għandhiex tingħata l-karta tal-identità. Intom għandkom tibżgħu minna u mhux aħna nibżgħu minnkom.*

*Ma rridux politiċi aħjar, iżda bnedmin aħjar. Flimkien mal-kultura li jmissu jkollkom, trid tidħol ix-xhieda persunali tagħkom. Dak li tgħidu u dak li tagħmlu jridu jkunu ħaġa waħda. Imħejjijin bl-istudju, miftuħin bl-ideat, imġarrbin bl-esperjenza, il-parlamentari tajbin ma jistax ikollhom edukazzjoni u deċenza inferjuri għal dawk taċ-ċittadini l-oħra. B'dan il-mod tiżnu kull kelma, l-aktar jekk se tinkiteb, u tibżgħu minn min jismagħkom. L-istima tagħna lejkom titnissel biss meta tneħħu l-impressjoni li intom sfruttaturi li timxu "skont il-liġi". Ogħla mil-liġi, li tomogħduha bejn snienkom, hemm il-ħaqq, li jimxi fid-demm.*



# Il-poeta li ħabb lil familtu u lil artu

Sara Brincat Friggieri

L-okkażjoni tal-lum teħodni lura fis-snin, lura għall-1984; lura għal mument partikulari fil-memorja tiegħi; mument li ta' tifla li kont ma kontx qed nistennieh; mument li għadu mwaħħad miegħi sal-lum. Dan kien il-mument tat-twelid tar-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri.*

Dik li kellha tkun lejla sajfija ntemmet mal-mument li kellha tibda. Konna għadna kemm wasalna Tas-Sliema, proprju Għar id-Dud meta fil-pront dar fuqi u tennieli, "Jeħtieġ li mmorru d-dar. Għandi idea." Dak kien il-mument li fih il-ħsibijiet mistura ġewwa fih għal tant żmien kellhom jissarrfu fi kliem. Ħsibijiet jaħarqu u mqanqla mis-sitwazzjoni fil-gżira tagħna f'dawk is-snin; ħsibijiet imqanqla fuq kollox mill-imħabba kbira li kellu lejn din l-istess gżira. Il-ħsibijiet u s-sentimenti li joħorġu f'dan ir-rumanz smajthom u ħassejthom għal tant u tant snin li fihom ħass il-bżonn u d-dmir li jsemma' leħnu.

> "Jekk tiskot, tkun traditur."
>
> "Tinten jew tfuħ mhux f'għajnejn il-partit imma f'għajnejn in-nies li jridu jagħżlu l-valuri tagħhom... il-valur jibqa' valur, u ma tistax tiskot quddiemu."

X'sehem għandha din l-art li nsejħulha Malta? Malta, is-Sud tas-Sud, kif kien ta' spiss iħobb isejħilha. U dan b'rispett kbir lejn dak li hu żgħir imma sħiħ. Il-gżira, li fiċ-ċokon tagħha hija sħiħa, daqskemm hi sħiħa nemla. Gżira li mill-għeluq tagħha ġegħlitu jfittex u joħroġ lil hinn mit-toroq tagħha bla qatt ma jinsa l-għeruq li sawruh. Il-gżira li kienet l-għajn ta' ispirazzjoni għall-kitbiet tiegħu. Din il-qatra f'oċean, it-tikka fuq il-mappa tad-dinja, imma li għandha storja tant twila, bl-eqdem imqades u fuq kollox bl-ilsien tagħha. Is-sbuħija ta' dan l-ilsien mexxietu dejjem biex kull kelma li ħalla miktuba, tinkiteb biex turi proprju s-sbuħija ta' dak li hu Malti. L-istorja ta' artu wasslitu biex jifraħ magħha, wasslitu biex iħossu kburi biha u wasslitu wkoll biex jibki magħha. Artu li xtaq jibqa' jiftakarha u jaraha kif dejjem ħolom hu fi ħsibijietu.

Dan kien il-poeta ribell li kien imqanqal mill-bżonn li juża l-qawwa tal-kelma b'mod aktar elokwenti. Ta' spiss kont nisimgħu jgħidli li l-kelma hija bżonn naturali li bil-qawwa tagħha tagħmel dak kollu li tista' biex toħroġ mill-qalb, mill-moħħ u mill-fomm. Hekk kienet qawwija l-kelma għalih. L-ilsien tagħna li bħal-lingwi kbar tal-kontinenti l-oħra kellu d-dritt li jiġi mħares u meqjum. Ma tiċħad qatt dak li huwa tiegħek jekk ma tridx tmur kontra l-loġika u n-natura. Dan mhux patrijottiżmu żejjed jew fieragħ. Ladarba aħna parti mid-dinja, allura l-loġika tgħidilna li għandna nagħmlu dak li jagħmlu pajjiżi oħra. L-ovvju m'hemmx għalfejn tgħidu, kif ta' spiss kien itenni. Din kienet il-konvinzjoni u l-imħabba lejn il-Malti u dak li jagħmilna Maltin.

Kif tista' tkun poeta u ma tħobbx? Kif tista' tkun poeta u ma tkunx sensittiv? Kif tista' tkun poeta u ma tħossx b'qalb tħabbat għal artek? Kif tista' tkun poeta li ma tinkorlax kontra dak kollu li b'xi mod qiegħed jiċħad jew jeqred dak li jagħtina l-identità tagħna? Dan ukoll huwa l-poeta li jħobb lil artu. Jekk irridu nifhmu lill-ġens tagħna llum u hawn,

jeħtieġ li nħarsu lura lejn l-imgħoddi u nfittxu l-għeruq tagħna. Irridu nħarsu lejn missirijietna li wittew it-triq għalina. Missirijietna li b'idejhom bnew il-ħitan tas-sejjieħ. Dan huwa l-kliem li kien itenni kull meta kien jitkellem dwar din l-art.

L-imħabba timplika għożża imma wkoll sentiment li jġib miegħu riflessjoni b'mod partikulari dwar dik li għalih kienet l-akbar problema ta' Malta, l-ambjent, li tfisser ukoll ħajja jew mewt għal Malta. Malta li mil-lenti tiegħu donnha tilfet is-sens tal-limitu, is-sens ta' fejn għandha tieqaf ("Fl-Isfond" [76]).

Il-pajjiż li skopra l-gass imma nesa fejn huma l-brejkijiet. Tenna li l-problemi ambjentali f'pajjiżna m'għandhomx kulur. Hi kwistjoni li tolqot lilna lkoll li qegħdin hawnhekk proprju llum, fil-post fejn jiġi deċiż il-futur tagħna. Għalih "Hi kwistjoni ta' poplu wieħed u sħiħ li ma jistax jinsa għal waqt wieħed li hu żgħir ħafna" ("Fl-Isfond" [129]).

L-ambjent huwa sempliċiment l-ilma li l-ħuta, (aħna lkoll) qiegħda tgħum fih ("Fl-Isfond" [129]). Din il-gżira li f'għajnejh kienet fraġli teħtieġ trattament sensittiv. Bħal missier li jinkwieta għal bintu, hekk bl-istess mod, il-missier li jinkwieta u xi drabi wkoll b'diqa kbira għal artu. Dan kont inħossu u narah b'mod viżiv quddiem il-qerda ta' dak kollu li hu naturali, quddiem il-qerda ta' kull siġra. Dawn il-ħsibijiet esprimiehom sa mis-snin bikrin fi *Stejjer Għal Qabel Jidlam*:

> Ħares madwaru u tbekka l-aħħar ġebel qadim li kellu jinqala' minn postu, u l-aħħar siġar xjuħ li ma kellhomx ħsieb imutu għalissa u li kienu ilhom hemm jaraw kollox. ("Din hi d-Dinja Kollha Tiegħi" 156)

Kien jemmen bis-sħiħ li m'għandniex jedd inbiddlu din l-art, l-art li missirijietna ħadmu tant għaliha. L-imħabba lejk innifsek issibha fil-mera li tieħdok lura għall-imgħoddi u l-għeruq tiegħek. "Ħobb lil art twelidek, minkejja art twelidek."

Ma nistax ma nsemmix meta bħala tifla kien jeħodni miegħu għall-kungressi internazzjonali f'artijiet oħra fejn poeti u awturi ta' fama internazzjonali kienu jiltaqgħu biex jiddiskutu l-letteratura ta' pajjiżhom bil-probabilità li dawn l-artijiet kienu xi ftit akbar minn din tagħna. Imma hemm, fosthom, kien hemm hu li fihom ried iwassal il-letteratura Maltija f'artijiet oħra. Il-Malti li sab postu mal-ilsna l-oħra fosthom it-Taljan, li tant kien miġbud lejh minħabba r-riċerka bikrija tiegħu, imma wkoll mal-Franċiż, l-ilsien li kien jaffaxxinah minkejja li qatt ma studjah. Il-Franċiż li minnu nnifsu qisu melodija mitkellma, mhux bħall-Malti li ma jdoqqx tajjeb għall-widna meta mpoġġi mal-mużika, kif ġieli kien hemm min qallu. Niftakar ir-reazzjoni tiegħu għal din l-istqarrija xejn xierqa. X'għandu inqas minn ilsna oħra l-Malti biex ikun immużikat, speċjalment meta huwa mħaddem b'ħila u bi mħabba?

Lura għall-kungressi li fihom, il-poeżiji tiegħu, fost kitbiet akkademiċi oħra, kienu jiġu tradotti u moqrija b'ilsna barranin. Ma nistax ninsa l-mumenti li fihom kien iħossu verament ferħan u kburi meta kien ikun mogħti ċ-ċans li jaqra dawn il-versi bil-Malti, bl-ilsien li ftit li xejn jifhmuh u għad li dawk li jlissnuh kienu magħduda, dan l-ilsien kien

qiegħed isemma' leħnu mal-ilsna l-kbar. Dan l-ilsien li rnexxielu joħroġ miċ-ċokon ta' gżiritna biex ikollu post mal-ilsna l-kbar. L-aħħar żewġ kotba tiegħu li kienu għadhom kemm ġew ippubblikati kienu f'Londra u f'Parigi.

Niftakru jgħidli, "Għandi x-xorti li l-impjieg tiegħi huwa dak li nħobb nagħmel. Ma nistax ma niktibx. Il-kitba hija dak li nħobb nagħmel. Il-kitba hija bżonn. Il-kitba tista' tkun diffiċli imma tagħtik pjaċir." Inħares lura lejn dan il-passaġġ twil li għadda minnu, li għal tant snin terraq fih b'qawwa letterarja li dwiet, u mumenti oħra fejn terraq fis-silenzju. "L-estremi bħal xulxin," kif kien iħobb itennili. Frażi li għadha tidwi f'widnejja llum aktar minn qatt qabel. M'hemmx iswed mingħajr abjad; m'hemmx blu mingħajr aħmar; u m'hemmx mużika mingħajr pawsa. Hekk ukoll il-qawwa tal-kelma kapaċi toħroġ f'kuntrast mal-mument tas-silenzju. Il-bżonn li tieqaf biex tisma' u taħseb. Fi kliemu stess, "Minkejja l-istorbju li qajjem ir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, forsi l-qofol tiegħu huwa s-silenzju. Silenzju li jagħti spazju għar-riflessjoni u l-ħsieb. F'mument ieħor tenna li "Aktar ma tikteb, aktar tinduna li l-unika lingwa perfetta u fidila hija s-silenzju." Il-kuntrasti tal-ħajja kienu wisq ogħla mil-livell tal-politika.

Maż-żmien fhimt is-sens wiesa' li seta' jkollha "familja" għalih. Il-familja bla dubju kienet tiġbor fiha dawk il-persuni qrib tiegħu: jiena, ommi, qraba, ħbieb u kollegi. Il-familja kienet aħna li għexna miegħu tul is-snin twal li fihom għamel dak li dejjem ħabb. Il-familja li magħha seta' jaqsam ħsibijietu. Din il-familja kienet ukoll in-nukleu li qsamnieha ma' tant ħbieb u studenti li kien jilqagħhom id-dar tagħna. Fid-dar tagħna kienet in-norma li studenti tiegħu jiġu biex jikkonsultaw u jiddiskutu dwar l-istudji tagħhom. Sa minn snin bikrin kont drajt li d-dar tagħna tilqa' fiha dawn l-istudenti meta jkun hemm bżonn. Kien hemm żmien li s-salott tad-dar laqa' mhux student wieħed jew tnejn imma għal ġimgħat sħaħ lura għas-snin tmenin, laqa' gruppi sħaħ ta' studenti. Dan, minħabba li kien għamel xi żmien ma jistax jimxi minħabba li kien kiser sieqū, allura biex l-istudenti ma jitilfux il-lekċers, kien stedinhom jiġu fid-dar tagħna, naturalment mhux fl-istudju, imma fis-salott, il-post fejn konna niltaqgħu aħna bħala familja.

Kont tgħallimt ukoll li dawn l-istudenti setgħu jkunu parti mill-familja f'sens aktar wiesa'. Għadni niftakar is-sena 1981. Kellu studenti li 'l quddiem kienu għalliema tiegħi u aktar 'il quddiem oħrajn li kienu kollegi tiegħi. Dawn l-istudenti li 'l quddiem ħafna minnhom qabdu l-professjoni ta' għalliem; professjoni li f'għajnejh kellha post għoli u sinifikanti; għalih l-għalliem qiegħed jgħix u jmiss ir-realtajiet tas-soċjetà proprju għax kif jgħid hu, "Hu xi ħadd li jista' juri lil nazzjon sħiħ li l-benessri u l-malessri tas-soċjetà jinsabu diġà fil-klassi" ("Fl-Isfond" [129]).

Ir-rispett lejn l-istudent kien wieħed li jmur lil hinn mill-aspett akkademiku. Kien jilqagħhom id-dar u jagħmel mezz li ma jaqbiżx dawn il-laqgħat li kienu tant importanti għalihom imma daqstant ieħor għalih. Fihom kien jara individwu li, lil hinn mill-kors universitarju, kellu storja u din l-istorja kienet parti minnu. Ir-rispett kellu jkun fuq livell orizzontali. Il-professur u t-tutur li jiggwida filwaqt li jisma' b'qalb ta' poeta. X'jiswa jekk bl-għerf ma tmissx il-qlub? Il-fjuri jistgħu jikbru biss kull fejn hemm qalb miftuħa.

L-imħabba tiegħu lejn din l-art tant għażiża għalih wassalha permezz tal-kelma. Il-kelma li biha dejjem ipprova jwassal dak li xtaq u emmen fih; il-kelma li hija l-polz u r-ruħ ta' bniedem li biha jista' jmiss is-soċjetà. Ix-xewqa aħħarija ta' kull awtur hija li ħsibijietu u kliemu joħorġu 'l barra mill-karta u xewqtu u l-ideali tiegħu kienu li b'dak li jikteb jista' b'xi mod imiss qalb xi ħadd.

> Ma riedx jgħix mingħajr ma jaħseb, u ma setax jgħix mingħajr ma jaħseb. Jew tgħix u taħseb, jew tmut. ("Dan il-Lejl taċ-Ċomb" [134])

Niftakru jgħidli dan il-kliem: "Sara, li kelli ngħid, għedtu; li kelli nikteb, ktibtu."

> Jien warda mingħajr isem li tinħasad
> minn bidwi aljenat, jien poeżija
> li ma jifhimha ħadd u jidħak biha,
> munita bla valur, musbieħ bla ftila,
> arloġġ bla pendlu, iltim li ma tawhx isem,
> jien pellegrin devot li tilef triqtu,
> ċensier bla 'nċens, bniedem b'kumbinazzjoni,
> jien pjanu bla pjanista, nota muta,
> jien, Oliver, petala tal-imgħoddi.
> (*Il-Poeżiji Miġbura* 83)

Issa, dan il-kapitlu tbexxaq biex jiftaħ ieħor u dan hu l-missier kif nafu jien u dan hu l-missier li nixtieq nibqa' nġorr fi ħsiebi u f'qalbi fiż-żmien li ġej.



# Il-politika tad-dissens ta' Friggieri mix-xogħlijiet miġbura *Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri*

George Vital Zammit

## Daħla

Wara l-ewwel laqgħat dwar din il-Konferenza tal-lum, il-ħabib tiegħi Dr Mario Thomas Vassallo kellimni dwar tema li nistgħu nitkellmu fuqha - id-Dissens fil-kitba ta' Friggieri: suġġett - id-Dissens Politiku - li hu jaf li jinteressani. "Imma minn fejn naqbad nibda?" staqsejtu. Qalli, m'għandekx fiex titfixkel, aqbad il-ktieb *Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri*.

Inqerr magħkom, dax-xogħol ma kontx naf bih. U jidher li m'iniex waħdi. Ftit ilu rajt poster b'firxa ta' kotba ta' Friggieri u dal-ktieb ma kienx magħhom. Ir-raġuni probabbilment hija li llum dal-ktieb m'għadekx issibu għall-bejgħ.

Ħasra. Għax veru hemm bżonnu.

Qed ngħid hekk għax dan il-ktieb huwa ġawhra tant li nixtieq inħajjar jerġa' jiġi ppubblikat u jintefa' fil-libreriji u fil-kurrikulu tal-iskejjel, ħwienet tal-kotba (li kulma jmur dejjem jonqsu), ħalli għalhekk ikun aċċessibbli għal min s'issa ma kienx jaf bih.

Naf li m'għandix ħafna ħin - ħa ndur mill-ewwel għall-ktieb.

M'għandix la l-għarfien, u lanqas il-preparazzjoni biex nagħmel kritika letterarja. Li se nagħmel huwa nislet xi siltiet u nżid il-ħsibijiet tiegħi.

Jien, aħna, għandna l-vantaġġ li Friggieri ma kellux. Nistgħu nagħmlu analiżi mogħnija bit-tiġrib taż-żmien tal-qafas ta' ħsieb li mbotta 'l quddiem Friggieri.

## Taparsi

"Taparsi" hawn huwa l-isem tal-gżira, metafora għall-gżira li nafuha bħala Malta. Però ftakar fit-teknika *Mise en abyme* - teknika li tintuża fl-arti, fil-kitba, fiċ-ċinema, fejn tara stampa ġo stampa (jew plott ġo plott). Mela fil-gżira li jisimha Taparsi, taparsi jikbru l-fjuri - fjuri li, bħall-ward, mimlijin xewk.

## Il-politika u s-setgħa

Mela, dritt għall-punt, lanqas għandi bżonn nagħti jien, prefazju. L-ewwel ftit linji tal-ewwel paġna tal-ewwel storja - "Il-Ministru jħobb l-Ambjent".

> Min twieled u għex fil-gżira Taparsi u baqa' ma fehemx lid-dinja kien ħmar u ma kellux skużi. Ħtija tiegħu jekk ma sarx sinjur; ħtija tiegħu jekk ma mexiex 'il quddiem u wasal fejn ried. Bniedem bħal dan mhuwiex intelliġenti, u ħaqqu li jiġrilu hekk. Jaħasra, il-formula tas-suċċess kienet waħda biss, u kienet ħafifa rixa.

Kif? Tidħol fil-politika.

> Hemm tiġbor is-setgħa, imbagħad is-setgħa tfisser suċċess, u s-suċċess iġiblek il-flus. Ebda suċċess ma kien jgħodd fil-gżira Taparsi ħlief is-suċċess tas-setgħa. Is-setgħa kienet flus, u l-flus kienu setgħa. Fiex hemm fejn titfixkel? ("Il-Ministru jħobb l-Ambjent" 1)

Mad-daħla, mill-ewwel tintebaħ x'tip ta' kitba se tistenna fil-bqija tal-ktieb. Dlonk tistaqsi: Imma din letteratura jew teorija politika? Għax jekk dil-gżira daqshekk Machiavelljana fil-kilba għall-poter, mela xi ngħidu għax-xejriet l-oħra?

## Ir-regħba

Mill-istess paġna, ftit linji biss 'l isfel, Friggieri kien qed jara fit-tul. Ma kienx għadu jaf bir-Rationalisation Plans tal-2006 – forsi l-iktar skuża konvenjenti għall-qerda tal-ambjent li smajna f'dawn l-aħħar snin.

Dawk kienu għadhom 'il bogħod, però Friggieri mill-ewwel fehem x'poplu aħna. In-nuqqas ta' fjuri minn dejjem inkwetah. Għax fejn hemm il-fjuri hemm il-ħajja, riħa tfuħ, u armonija ta' kuluri u ġmiel fl-għajnejn. Flok żammejna l-fjuri, jew żrajniehom, neħħejniehom, u tfajna l-konkrit. Qaċċatna s-siġar li għal mijiet jew għexieren ta' snin ħaddru u tawna n-nifs, ġejna aħna u f'isem il-progress tajjarniehom min-nofs. Qridna postijiet miftuħa bħall-pjazza ta' Raħal Ġdid, bnejna fil-widien, u nawwarna l-istituzzjonijiet biex ninvestu f'dak li Friggieri jsejjaħlu "il-ġebla".

Għadni ma spiċċajtx mill-ewwel paġna, tafux. Mela konna qed nitkellmu fuq il-politiku u s-setgħa. Imma, jgħid Friggieri:

> Jekk kont tkun sinjur fil-gżira Taparsi kien ikollok ukoll problema. Fiex taqbad tonfoqhom il-flus? X'tagħmel bihom? L-eħfef għażla kienet il-ġebla. Il-gżira kollha mela kienet marida sew bil-marda tal-ġebla, u għalhekk il-wiċċ tal-art mhux biss ma kienx qiegħed iwarrad bis-sbuħija iżda kien mimli ġrieħi, kruhat u flaġelli. Lil dan kollu wħud kienu jsejħulu żvilupp, oħrajn sejħulu qerda, u aħna se nsejħulu delitt. Politiku li kien jitla' fis-setgħa, u għalhekk jagħmel il-flus, u mbagħad ma jonfoqhomx fl-artijiet ma kienx bniedem intelliġenti u normali. Kellu rota nieqsa, u iżjed ukoll. Kien ikun politiku onest, stramb, barra minn postu u llum jew għada s-sistema kienet tobżqu. Sħabu kienu jsejħulu idealist, jiġifieri ibleh u ma kien hemm ebda istituzzjoni li tfaħħru jew tkanta l-virtujiet tiegħu. Ebda pulptu, ebda parlament. ("Il-Ministru jħobb l-Ambjent" 1–2)

## Mhux dejjem hekk għamilna?

Jekk hemm vizzju diffiċli li jiġi eradikat huwa li dak li niskużaw jew niġġustifikaw għemilna billi ngħidu li ta' qabilna hekk għamlu. Fl-ewwel storja tal-ktieb, il-Ministru Gustavu jaqa' f'dan il-vizzju, anki jekk il-kuxjenza, permezz tal-mara tiegħu, tniggżu xi ftit.

"Ibleh m'iniex, Marija," qal il-Ministru Gustavu lil martu. "Hekk għamlu ta' qabli u hekk se nagħmel jien. Mhux jien tħabatt tant għall-partit? Min se jkun jafhuli wara kollox?"

"Ara ma tiġix fil-għali!" tħassbet Marija.

"Niġi fil-għali? Minn qatt ġie fil-għali fil-gżira Taparsi? Minn qatt ikkundanna ħwejjeġ bħal dawn minn fuq l-artali? Kemm saru riżenji? Trid tkun ibleh, u ibleh m'iniex. Jien se nkun beżżul? Kulħadd bniedem, Marija, u m'hemm xejn ġdid taħt il-kappa tax-xemx. La se nkun l-ewwel wieħed u lanqas se nkun l-aħħar."
("Il-Ministru jħobb l-Ambjent" 3)

Tistgħu timmaġinaw x'kien jgħid Friggieri l-ġimgħa li għaddiet meta l-Prosekutur tal-Frodi tal-Unjoni Ewropea, Laura Codruţa Kövesi, indirizzat il-Parlament Ewropew u qalet li wara jumejn ta' laqgħat mal-awtoritajiet ta' pajjiżna, indunat kif ħadd ma jerfa' responsabilità, kulħadd iwaħħal f'ħaddieħor u kulħadd jgħid li mhux hu. Pajjiż fejn tidħol korruzzjoni u politika, tirrenja impunità u letarġija imbarazzanti.

## Il-ħsieb kritiku

Fil-gżira Taparsi, il-poter kellu duwopolju, knisja u politika. Tal-ewwel "kienu jwiegħdu l-ġenna wara l-mewt" u "jaħkmu lin-nies billi jbeżżgħuhom bit-telfa ta' ruħhom." Il-politiċi, jew inkella l-padruni l-oħra, "kienu jwiegħdu l-ġenna qabel il-mewt u jaħkmu lin-nies billi jwerwruhom bil-qerda ta' xortihom."

Issa mhux kulħadd jaċċetta l-ordnijiet tal-padruni.

Infatti fl-istorja "Padruni u Qaddejja" (9–14), il-padruni "jum fost l-oħrajn skoprew li wieħed min-nies tal-gżira ma kienx normali, anzi kien qed juri sintomi koroh ħafna." Dan kien "iħobb isaqsi għaliex hekk u għaliex mhux hekk, għaliex dan u għaliex din. Iħobb jikkritika u jiddiskuti, janalizza u jikkonkludi." Il-Padruni bdew joħorġu bl-ideat biex jaraw kif se jwaqqfuh:

"Nesterminawh."
"Mela ngħadduh kwarantina."
"Nikkastrawh!"
"Inbeżżgħuh li l-ewwel se jitlef xortih... imbagħad inwerwruh li se jitlef ruħu?"
Fl-aħħar ftiehmu.
"Insikktuh."

U hekk ġara. Għaddewh ġuri, u kkonvinċewh jiskot. U minn qaddej sar padrun. Fakkritni ħafna din f'sitwazzjoni familjari, fejn nies jissospendu l-fakultajiet kritiċi tagħhom meta jaqbel lilhom, meta forsi għandhom gwadann materjali, u minn kritiċi tal-poter, isiru huma parti minnu. Illum naħseb ipperfezzjonajna ħafna fuq kif insikktu lin-nies.

Kulma trid hu li tistenna elezzjoni, tirċievi t-telefonata (mill-uffiċċju tal-ministru) u jsaqsuk jekk għandikx bżonn xi ħaġa, u l-għadab isir ferħ, id-dwejjaq isir kuntentizza. It-theddida tal-vot tispiċċa, għax issa ħadna dak li ridna.

Min irid jibqa' qaddej ħajtu kollha? Skużawni ħa nissellef espressjoni bl-Ingliż – Worth it?

## Rakkonti emottivi

Dax-xogħol iniggeż u jqanqal. Dawn mhumiex rakkonti fejn fl-aħħar se ssib il-ġustizzja. Anzi bil-kontra. Tlesti kapitlu u ssibek tfittex rakkonti oħra. Għax iktar ma taqra iktar tiskopri lilek innifsek.

Ħa nsemmi tnejn oħra li laqtuni.

Fl-istorja "Min hu bħall-Ministru" nsibu lil Gawdenz, li tant ħadem għal Pankrazju, li ħareġ għall-politika. Refgħu fuq spalltu, ġera bih u warajh, ħadem għalih. Ġara li Pankrazju sar Ministru u Gawdenz, li kien ferħan se jtir mar ifittxu, u bl-innoċenza kollha saqsa għalih b'ismu. Imma did-darba spiċċa mċanfar. Qalulu:

> "Għalik, issa dak hu l-Ministru Seguna u ara ma jisimgħekx xi ħadd terġa' ssejjaħlu hekk." ("Min hu bħall-Ministru?" 25)

Għamel appuntament, imma l-Ministru issa kien imħabbat. Gawdenz kulma ried ikellmu. Mar id-dar imbikkem. Għal darb'oħra l-mara sservi ta' kuxjenza. Tfakkru:

> Għedtlek żmien ilu li ma kellekx għalfejn tqiegħed il-fiduċja tiegħek fil-politiċi... Ħabib li jsir politiku ma jibqax ħabib, Gawdenz. Jixtrik u jbigħek meta jaqbillu. Politiku m'għandux ħbieb jekk kiseb is-setgħa li jkun xtaq minn fuq dahrek.

L-aħħar rakkont huwa "Ħmir fil-Katidral" (31–38). Mela kien hemm raħal fejn matul il-festa, is-sidien tal-ħmir kienu joħorġuhom għall-festa. Il-ħmir kienu jtellqu bihom, iħalluhom fix-xemx, u jżommuhom sajmin. Dawn il-ħmir kienu jsofru kull tortura immaġinabbli, biex jifferoċjaw u jżidu l-ħeffa ħalli jirbħu t-tellieqa.

Darba fost l-oħrajn irribellaw, u qatgħuha li jipprotestaw. Ħarbu lil sidhom u daħlu l-Katidral. Dawn il-ħmir lemħu pittura bid-dehra ta' Ġużeppi u Marija u Ġesù rekbin fuq il-ħmara. Xħin raw dil-pittura ħassewhom importanti. Bdew jgħajtu biex ikellmu lill-isqof, iżda ħarġu l-qassisin u keċċewhom 'il barra.

L-isqof wera ħafna prepotenza magħhom. Qalilhom li l-Katidral għall-bnedmin biss – imma għamlilhom pjaċir u semagħhom. Il-ħmir qalulu li xebgħu jaqilgħu swat u jbatu wġigħ. L-isqof iktar ħassu superjuri u b'ton patronizzanti qalilhom:

> Taf minn fejn ġejja l-kelma *ħmerijiet*? Ġejja mill-kelma ħmar.

U ma' din, il-qassisin komplew jidħku. Insomma ġew is-sidien tagħhom għalihom, u l-isqof qalilhom:

> Morru għand il-politiċi, forsi jaqbżu għalikom huma.

Il-ħmir qalulu:

> Il-politiċi ma jaqbżux għalina għaliex jitilfu l-voti.

L-isqof baqa' sakemm keċċiehom, fost daħk kontinwu tal-prelati li kienu preżenti.

> Demgħa kbira qattret mill-għajnejn ta' Ġesù riekeb il-ħmara, hemm fuq fil-pittura tas-saqaf, u ġiet dritt fuq ras l-isqof. L-isqof għolla idu u mesaħ rasu. "Is-saqaf qed iqattar," qal, "hemm bżonn nirrestawrawh. Dik pittura famuża."

## Konklużjoni

Fid-daħla tal-ktieb, il-mibki Godfrey Grima stqarr li "Dan huwa wieħed minn dawk il-kotba kontroversjali għall-aħħar – miktub b'pinna li ttajjar in-nar – li għandu jixxokkja lil min jaqrah." Meta taqra dan ix-xogħol, tletin sena wara, ma nafx jekk għadux kontroversjali jew le – jew jekk għadux jixxokkja.

Għaliex?

Għax Friggieri qaxxar b'mod perfett il-psike Maltija. B'sensiela ta' rakkonti qosra, Friggieri, mingħajr ma jinsulta jew iweġġa', tefgħalna mera quddiemna li sservina biex inħarsu lejn l-imġiba tagħna.

Tletin sena ilu, Friggieri qara eżatt l-imġiba tal-poplu Malti. Jien naħseb dan kien l-iktar survey preċiż li qatt kellna. Survey bla numri.

Survey tar-ruħ soċjali, tal-kejl u l-ġudizzju tagħna.

Kif jgħid Friggieri (*Fil-gżira Taparsi* ix-x), "dan hu l-muftieħ tal-ipokrezija nazzjonali. Is-serratura tiegħu hi ċirku vizzjuż: m'hemmx dibattitu nazzjonali għaliex hemm l-ordni, u hemm l-ordni għaliex m'hemmx dibattitu nazzjonali."

Fl-aħħar nett, ix-xewqa, kif jgħid Friggieri, hi ċaqliqa.

Grazzi ħafna.

**Biblijografija**

Friggieri, Oliver. *Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri*. Grima Printing & Publishing Industries, 1991.



# In-nazzjonaliżmu għal Friggieri fil-kumplessità globalizzata

André P. DeBattista

*"Lill-politiċi żgħażagħ Maltin kollha li,*
*fgati f'din il-foga parrokkjali,*
*jixtiequ jbexxqu t-tieqa."*

Din hija d-dedika li Oliver Friggieri uża biex jiftaħ il-ktejjeb tiegħu *Malta teħtieġ Politika Moderna* fl-1980. Dan huwa ktieb, fl-opinjoni tiegħi, profetiku – li għad għandu rilevanza siewja sal-lum. Fost l-osservazzjonijiet li jagħmel hemm dik li "F'art demokratika, għandu jkun il-parlamentari li jibża' mill-poplu, u mhux il-poplu li jibża' mill-parlamentari" (*Malta Teħtieġ* 15).

Għalkemm Friggieri kien bniedem b'għeruq sodi f'Malta u bi mħabba lejn dak li hu Malti, kien ukoll jifhem li din l-imħabba – dan il-patrijottiżmu – għandu bżonn jesprimi ruħu b'tingiża bil-pulit minn żmien għal żmien. Huwa wkoll patrijottiżmu li ma jistax jinjora l-iżviluppi f'artijiet demokratiċi oħra – pajjiżi li Malta taspira li tkun bħalhom u magħhom. Il-mistoqsija li nħoss li jagħmel Friggieri hija din: Fejn għandha tieqaf Malta fl-ossessjoni tagħha li tkun "bħal ta" barra'?

It-tema li nindirizza tikkonċerna n-nazzjonaliżmu fil-ħsieb ta' Friggieri, fil-kuntest tal-kumplessità globalizzata. Nemmen li din il-mistoqsija għandha tipprovdi spunt bħala l-punt tat-tluq.

### Definizzjonijiet: in-nazzjonaliżmu u l-globalizzazzjoni

Żewġ definizzjonijiet xierqa tan-"nazzjonaliżmu" u l-"globalizzazzjoni" ġew proposti mill-filosofu Ingliż, il-mibki Sir Roger Scruton (1944 – 2020).

In-nazzjonaliżmu jaf ikun sentiment jew ideoloġija ta' rabta man-nazzjon u l-interessi tiegħu. Marbut ma' dan il-kunċett hemm dak tal-identità nazzjonali li tinvolvi wkoll aspetti bħall-integrità territorjali, il-lingwa, id-drawwiet u l-kultura. Dawn jgħinu mhux biss biex jissawwar nazzjon iżda wkoll li wieħed isir konxju minnu (Scruton 465).

Il-globalizzazzjoni hija proċess li, bil-mod il-mod, iħott il-fruntieri bejn nazzjon u ieħor, bejn reġjun u ieħor u anki bejn popolazzjonijiet. Fost il-ħafna kawżi tagħha hemm l-iżviluppi fit-teknoloġija u l-komunikazzjoni. Filwaqt li l-globalizzazzjoni ħolqot opportunitajiet għal skambju ekonomiku ġdid, ħolqot ukoll sitwazzjoni fejn il-kulturi, id-drawwiet, u l-lingwi huma mhedda minn omoġenizzazzjoni gradwali.[1]

[1] Dak li Scruton (277) isejjaħ "tradition, local custom and the gentle institutions of people who live close to the soil."

## Il-riflessjonijiet ta' Oliver Friggieri

Ma jistax jonqos li, għal Friggieri, il-lingwa tieħu l-post prinċipali fir-riflessjonijiet tiegħu. Kif jgħid fl-istudju tiegħu *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija*: "Il-ġrajja tal-lingwa hija marbuta mill-qrib mal-ġrajja tal-bnedmin li jitħaddtuha; għalhekk l-għarfien tal-istorja lingwistika jwassal għall-għarfien tal-istorja tal-poplu u l-kuntrarju" (*Kuxjenza* 13).

Il-lingwa ssir ċentrali biex wieħed jifhem u japprezza n-nazzjon u l-kultura tiegħu:

> Il-kultura ta' nazzjon tikkonsisti fl-edukazzjoni, minn fejn titnissel il-moralità tiegħu, kif ukoll fl-għaqal tal-politika nazzjonali li biha taħdem għall-ġid komuni. Il-kultura titlob ukoll il-kultivazzjoni tax-xjenza u tal-arti, biex b'hekk jikber il-kummerċ. Huwa meħtieġ ukoll l-għarfien u l-ħarsien tal-liġijiet li jżommu l-istat fil-paċi u fit-trankwillità. Dan kollu ma jistax jinkiseb mingħajr l-użu tal-ilsien tal-pajjiż, miktub u mħaddem fost kulħadd, għaliex il-lingwa hi l-mezz ewlieni tas-soċjetà. Minn dan wieħed jikkonkludi li fejn l-ilsien nazzjonali mhux ikkultivat u ma jinkitibx, in-nazzjon li jitħaddtu ma jista' jasal qatt biex jikber u jiffjorixxi. (*Kuxjenza* 16)

Paradossalment, il-lingwa u l-kultura Maltija mhumiex biss espressjoni ta' poplu ċkejken u iżolat fil-periferija tal-kontinent Afrikan u Ewropew, iżda wkoll riflessjoni ta' gżira "roundabout ta' reġjun" (*Fjuri* lxix). Din il-qagħda ġeografika hija riflessa wkoll f'bosta oqsma oħra fosthom il-kċina u l-arkitettura tradizzjonali.

Minkejja dan, l-iżolament u ċ-ċokon huma żewġ fatturi li jinfluwenzaw il-moħħ Malti. L-iżolament ifisser li, ħafna drabi, il-Malti jaħseb li hu fiċ-ċentru ta' kollox - saħansitra fiċ-ċentru tad-dinja! Iċ-ċokon inissel sens ta' esaġerazzjoni. Friggieri jagħti eżempju ta' din l-attitudni: "Malta hi l-aqwa u l-aħjar, unika u differenti f'kollox, jew hi l-agħar u l-inqas waħda" (*Kuxjenza* 111). L-estremi jidhru wkoll fl-interpretazzjoni tal-istorja: "fuq naħa hemm il-Maltin li huma tajbin, u fuq in-naħa l-oħra hemm il-barranin, li huma ħżiena" (*Kuxjenza* 111). Ma' dan, nistgħu nżidu wkoll il-qasma kronika partiġġjana ta' bejn il-Maltin – tal-aħmar u l-blu - wieħed dejjem tajjeb u l-ieħor dejjem ħażin (jiddependi fejn ixxaqleb politikament).

Naturalment, l-istorja hija magħmula minn sfumaturi aktar kumplessi!

Fil-ktejjeb *Malta f'Salib it-Toroq* (18-19), il-Professur Friggieri jidentifika l-problema ewlenija li Malta tesperjenza - u din la hi ċ-ċokon u lanqas l-iżolament iżda "l-istint tal-maħkum, il-kumpless ta' inferjorità." Din taf twassal lill-Malti biex jadotta atteġġjament ta' persuna b'rasu mniżżla, mistħi minn kulma jagħmlu differenti minn min ħakmu." Dan huwa riflessjoni "ta' abitanti mweġġgħin fid-dinjità tagħhom." Dan iwassal għal insularità qawwija li taqtgħek mill-oħrajn. U kif jgħid Friggieri, "l-agħar mod kif tinqata' mill-oħrajn hu billi ma tirrispettax lilek innifsek" (*Malta f'Salib* 18-19).

## Malta f'dinja globalizzata

Friggieri jfakkarna f'punt importanti ħafna - ma tistax tkun ċittadin tad-dinja, jew ċittadin Ewropew tajjeb jekk ma tħobbx lil pajjiżek.

Iżda huwa jistaqsi wkoll, "Malta għandha saħħa biżżejjed biex ma titlifx l-identità tagħha f'ambjent globalizzat?" (*Fjuri* liv).

Friggieri kellu d-dubji tiegħu.

L-ewwel - Malta għandha l-isfida li trid tkun pajjiż modern, demokratiku, mingħajr ma tiċħad il-prinċipji tradizzjonali tagħha. Fl-2008 kiteb li qed "tidher il-mogħdija minn klassi politika li tifforma u tikkmanda lill-opinjoni popolari għal klassi politika li tissottometti ruħha u tobdi lill-opinjoni popolari" (*Fjuri* liv). Illum, il-mexxejja reliġjużi u politiċi "ħadu transfer" - "saru spettaturi tar-realtà, u ma baqgħux protagonisti tagħha" (*Fjuri* lv–lvi).

It-tieni - Malta mhi qed tesperjenza xejn ġdid: "Malta qiegħda tħaffef il-pass biex il-ħin tagħha wkoll ikun jaqbel mal-ħin tal-arloġġ globalizzat" (*Fjuri* lv).

Allura, biex nuża t-titlu tal-kontribut tiegħi, kif nistgħu ngħixu r-realtà nazzjonali tagħna f'kuntest globalizzat?

Friggieri jagħtina xi ħjiel.

L-ewwel - irridu nifhmu l-kuntest li fih nitrawmu - ċoè, il-kuntest Mediterranju. Dan jinkludi l-kuntest filosofiku, ekonomiku, soċjoloġiku u kulturali. Dan huwa importanti biex Malta ma tinbelax. Fl-1980 wissa "il-politika Maltija mhix dik li tibda u tispiċċa billi tixrob ideoloġiji barranin bla ma tanalizzahom. Iċ-ċokon ta' Malta hu uniku, u jitlob stħarriġ lokali. L-għarfien tal-qagħda tal-gżira jrid iwassalna għal żewġ għażliet: ma narawx kbir iżżejjed għax inwaqqgħu lil Malta għaż-żuffjett, u ma narawx żgħir iżżejjed għax nispiċċaw biex nisparixxu. Il-megalomanija u s-sens ta' persekuzzjoni jew inferjorità huma żewġ estremi ta' min jaħrabhom" (*Malta Teħtieġ* 16).

It-tieni - irid ikollna rispett lejn l-istorja tagħna. Biex nagħmlu dan irid ikollna rispett lejn id-dixxiplina storika u nevitaw li l-avvenimenti storiċi jkunu mmanipulati żżejjed mill-politiċi: "Ebda gvern m'għandu jitħalla jisraq il-jedd li jilgħab bl-Istorja ta' Malta, u jbiddilha f'kartellun partiġġjan. L-istorja hi tal-poplu kollu, tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada. L-interpretazzjoni tagħha hi kwistjoni ta' kompetenza u studju serju li tistrieħ biss fuq l-istħarriġ xjentifiku tal-istoriċi validi u ħielsa" (*Malta Teħtieġ* 27).

It-tielet - Malta trid temmen fiha nnifisha u trid temmen li għandha x'toffri lill-pajjiżi ġirien tagħha, speċjalment il-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Hawnhekk, Friggieri joffri xi kriterji:

- dak ġeografiku – Malta hija gżira;
- dak reġjonali – Malta hija gżira f'nofs il-Mediterran;
- dak kontinentali – Malta hija gżira fit-tarf t'isfel tal-Ewropa;
- dak lingwistiku – Malta hija gżira bi lsien li joffri lill-Ewropa l-ħila li "titkellem" ma' kontinent ieħor;
- dak kulturali – Malta hija gżira li l-identità tagħha fiha xejriet Orjentali fundamentali.

Kif ifisser tajjeb Friggieri (*Fjuri* 15), "Lil hinn mil-liġijiet tas-suq ekonomiku, dan hu l-aqwa sehem li Malta tista' tagħti lill-Ewropa, entità li minn Suq Komuni tidher li tixtieq issir Ħajja Komuni, mibnija fuq prinċipji ta' ċiviltà" (*Malta f'Salib* 15).

## Konklużjoni: bejn "għeruq" u "identità"

Hemm punt li jgħaqqad dan kollu – ċoè dak tal-għeruq. Friggieri kien jagħmel distinzjoni bejn "għeruq" u "identità."

L-għeruq ma jitbiddlux: "jissaħħu, jew jimirdu u jmutu."

L-identità hi process ta' għajxien "li hu tibdil minnu nnifsu, għall-aħjar jew għall-agħar" (*Malta f'Salib* 17).

"L-għeruq ma jimplikawx għażla, waqt li l-identità tinkludi l-għażla" (*Malta f'Salib* 17).

L-għażliet f'dinja globalizzata jikkonċernaw l-għeruq tagħna. Dawk Maltin huma għeruq "qodma iżda batew mill-agħar staġuni; għaddew minn bosta skossi u fuq kollox m'għandhomx storja twila ta' apprezzament. Għadhom ħajja iżda huma dgħajfa ħafna." Quddiem realtajiet globalizzati, dawn l-għeruq huma f'riskju li jitqaċċtu għax jinsabu f'kundizzjonijiet li "qatt ma kienu mħejjijin għaliha" (*Malta f'Salib* 17).

Minkejja dan kollu, għal Friggieri, Malta tibqa' "art ta' kultura kbira. Mhix dik li ħallew il-ħakkiema għalihom infushom iżda dik li bnew b'moħħhom u b'idejhom l-abitanti, minn Ħaġar Qim sal-ħitan tas-sejjieħ" (*Malta f'Salib* 18).

Nagħmel osservazzjoni personali. Illum nazzarda ngħid li aħna stess qegħdin infarrku din il-kultura; aħna stess qed infarrku dan il-wirt. L-akbar għadu tal-wirt Malti u tal-kultura Maltija huwa l-Malti stess – il-Malti u r-regħba tiegħu. U dan huwa proprju l-punt tat-tluq. In-nazzjonaliżmu ta' Friggieri f'kuntest ta' dinja globalizzata jista' jitfisser f'sentenza waħda biss – "in-nuqqas ta' rispett lejn pajjiżek hu garanzija ta' nuqqas ta' rispett lejn pajjiż ħaddieħor" (*Fjuri* 18–19).

Biblijografija

Friggieri, Oliver. *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija: Lejn Definizzjoni Storika-Kulturali.* Klabb Kotba Maltin, 1995.

---. *Fjuri li ma Jinxfux: Tifkiriet 1955–1990.* Klabb Kotba Maltin, 2008.

---. *Malta f'Salib it-Toroq: l-Unjoni Ewropea u l-Kwistjoni Kulturali.* Malta European Studies Association, 2002.

---. *Malta Teħtieġ Politika Moderna.* Malta, Stamperija Indipendenza, 1980.

Scruton, Roger. Dictionary of Political Thought. Palgrave Macmillan, 2007.



# Karlu Manju: il-Joker Malti?

David Aloisio

F'dan id-diskors se nipproponi, fost l-oħrajn, il-qari mill-ġdid ta' xi aspetti fir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* ta' Oliver Friggieri, mitbugħ fl-1986, billi nqabbilhom man-narrattiva tal-film *Joker* ta' Todd Phillips, maħruġ fl-2019, bil-ħsieb li nasal għal inferenzi komparattivi, b'attenzjoni speċjali għal dawk ta' natura soċjopolitika. Dan it-tqabbil jissuġġerixxi li l-letteratura politika ta' Friggieri għandha l-propensità li tittraxxendi d-dimensjoni storika immedjata tagħha sabiex tikseb l-universalità li tagħmilha tirrelata ma' ġenerazzjonijiet li jgħixu f'postijiet u fi żminijiet oħra.

### Xebh bejn ir-Rumanz u l-Film

Il-film ta' Phillips, ambjentat fil-belt fittizja ta' Gotham City fl-1981, jirrakkonta l-istorja ta' Arthur Fleck, kummidjant fallut li eventwalment isir l-antieroj meta jintlaħaq il-climax tat-turbulenza soċjali fil-belt. Matul it-trajjettorja narrattiva tiegħu, Fleck jitlef xogħlu filwaqt li jidħol f'relazzjoni ta' mħabba ma' tfajla li tgħix fl-istess blokka ta' appartamenti tiegħu; madankollu, aktar tard fil-film, jiġi ssuġġerit lill-udjenza li din ir-relazzjoni hija biss immaġinarja: il-protagonista qed jgħix de facto ħajja solitarja li tkompli trewwaħ l-antagoniżmu tiegħu lejn il-klassi kapitalista ppersonifikata minn Thomas Wayne – il-politiku biljunarju ta' fama li skont Fleck huwa proprju l-missier assenti tiegħu.

Analiżi mill-qrib taż-żewġ opri artistiċi tista' tesponi karatteristiċi simili fiż-żewġ protagonisti rispettivi. Lil Karlu Manju wkoll narawh jitlef xogħlu fil-bidu tan-narrattiva ta' Friggieri u nintebħu li huwa involut f'relazzjoni romantika ma' Silvja – id-dewteragonista li, kif tagħmel it-tfajla ta' Fleck, tinteraġixxi biss mal-protagonista u mhux mal-karattri l-oħra – deskritta minn Peter Serracino Inglott bħala "bniedem-dell, silwett inċert imbandal quddiemna" (*Fil-Parlament* xxviii [1986]) u bħala "idea u ħolma importanti" minn Manju nnifsu (*Fil-Parlament* 206 [2003]). Iż-żewġ protagonisti jidhru li jiddependu mill-appoġġ tal-confidante femminili fl-isforzi kollha tagħhom; madankollu, it-teżi li s-sieħba tagħhom tista' tkun illużorja, tagħmel lil Fleck u lil Manju dejjem aktar tipi delużjonali u narċisistiċi, kif issuġġerit minn Serracino Inglott fil-każ ta' Manju (*Fil-Parlament* xxviii [1986]).

Mil-lenti Freudjana, l-inabilità li tiġi stabbilita relazzjoni reali u fiżika ma' mara, tista' saħansitra tiġi interpretata wkoll bħala sintomatika tal-Kumpless ta' Edipu. Iż-żewġ protagonisti rispettivi għandhom rabta emozzjonali qawwija ma' ommhom filwaqt li jistmerru lil missierhom (minkejja li hija mejta, ir-relazzjoni ta' Manju ma' ommu tibqa' b'saħħitha). Il-missier bijoloġiku ta' Manju huwa nieqes fil-plott iżda huwa sostitwit minn poter politiku kollu maskili, spiss impinġi bħala "missier"[2]; Serracino Inglott fil-fatt jiddeskrivi kif "l-Avversarju f'dan ir-rumanz jilbes fattizzi patrijarkali" (*Fil-Parlament* xxvi [1986]). Bħal Fleck, Manju bla waqfien jinsab skomdu quddiem din l-awtorità paternalista u oppressiva. Gradwalment, ir-relazzjoni problematika missier-iben twassal

[2] "taraw fih il-missier tagħkom" (Friggieri, 2003: 84).

liż-żewġ narrattivi għall-apoteosi tagħhom meta jispiċċaw bla ħsieb fuq il-pjattaforma li dejjem ixxennqu għaliha. Fleck, li l-ħin kollu jiffantasizza li jsir stand-up comedian, jiġi mistieden għall-aqwa spettaklu televiżiv tas-Sibt filgħaxija f'Gotham City, filwaqt li Manju, li għandu passjoni għall-oratorija politika,[3] jiġi msejjaħ fil-Parlament Malti. Madankollu, iż-żewġ protagonisti eventwalment jipperċepixxu li dil-forza Kafkjana ta' kontroll qed tagħtihom l-opportunità biex jitilgħu fuq il-palk sempliċiment biex tirredikolahom u terġa' tafferma l-poter totalitarju u l-istatus quo tagħha.

Iżda hawn ta' min jinnota li ż-żewġ xogħlijiet joffru grand finales dijametrikament opposti fil-mument klimatiku ta' konfrontazzjoni. B'reazzjoni għal dan l-abbuż tal-kbir fil-konfront taż-żgħir, Fleck joħroġ revolver mill-but quddiem kulħadd waqt li jkun live fuq it-televixn, filwaqt li Manju joħroġ fjura mill-but quddiem kulħadd waqt li jkun fil-Parlament. Is-simboliżmu antitetiku jesponi l-intenzjonijiet differenti taż-żewġ xogħlijiet artistiċi: il-film ta' Phillips jippreżenta fil-fatt il-vjolenza miġnuna bħala soluzzjoni ġustifikabbli għall-impasse soċjopolitiku, filwaqt li r-rumanz ta' Friggieri jipproponi moviment mhux vjolenti bbażat fuq id-djalogu u l-iskambju tal-ideat: "politika mibnija fuq l-ideat u mhux fuq il-persuni, marbuta mal-valuri tajbin u mhux mal-ambizzjonijiet" (*Fil-Parlament* 249 [2003]). Fl-aħħar mill-aħħar, Fleck u Manju huma essenzjalment differenti: l-għażla fundamentali bejn ir-revolver u l-fjura tiżvela żewġ fehmiet politiċi diverġenti. Il-fjura, miżmuma f'ponn minn Manju, hija l-metafora konkretistika tal-approċċ paċifista ta' Friggieri stess lejn il-politika Maltija – reminixxenza tar-reżistenza mhux vjolenti ta' Gandhi li kienet ibbażata wkoll fuq it-tagħlim ta' Kristu:

> "Sur President, għandek id-dmir tordnalu li joħroġ idu mill-but. Aħna nafu x'għandu fil-but? Dan bniedem perikoluż, u x'għandu hemm, xi revolver? Min jaf x'għandu hemm ġew xewwiexi bħal dan?"
> Għajnejn kulħadd daru f'post wieħed. Karlu ħareġ idu f'għamla ta' ponn, għollieha u fetaħha fid-direzzjoni tal-ministru l-kbir. Ftit mill-petali waqgħu fl-art, u l-qalba tal-fjura mgħaffġa baqgħet imwaħħla fuq il-pala ta' idu stirata.
> (*Fil-Parlament* 280 [2003])

### L-Approprjazzjoni Politika versu l-Universalità Letterarja

Fl-istudju "That Joke Isn't Funny Anymore: A Critical Exploration of *Joker*", Sean Redmond jitkellem dwar ir-rilevanza dejjiema ta' dan il-film għall-ġenerazzjonijiet tal-lum, minkejja li huwa ambjentat fl-1981. Skont Redmond, *Joker* jirnexxilu jpinġi xenarju soċjopolitiku antik li l-ispettaturi jistgħu jarawh rifless fi żminijiet preżenti:

> Permezz tan-nostalġija skura jew distopika tiegħu, il-film *Joker* jikxef indirettament kif il-frott morr tal-lum inħasad għall-ewwel darba taħt il-politika mħassra tas-snin tmenin: id-deċennju meta twieled ir-Reaganiżmu u miegħu l-forzi

[3] Fin-narrattiva ta' Friggieri hemm xena li fiha Manju jagħmel diskors politiku impromptu fit-triq imma li jkollu eżitu infeliċi.

tan-Neoliberaliżmu... F'dan il-kuntest, il-ħemel ta' allużjonijiet u referenzi ċinematografiċi li nsibu fil-*Joker* mhumiex nostalġiji vojta imma iħirsa li ma jridux jitilqu għax baqgħu jsibu kenn fiċ-ċimiterji tal-lum (Redmond 3).[4]

Bl-istess mod, ir-rumanz politiku ta' Friggieri kapaċi jibqa' topiku għax jinnegozja ma' realtà soċjopolitika li l-qarrejja attwali jistgħu jibqgħu jirrelataw magħha u jagħmluha tagħhom. Fil-memoir tiegħu, Friggieri jgħid li ma xtaqx li *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* jiġi "ppolitiċizzat fis-sens Malti" (*Fjuri* 650) - imma hawn insaqsi: Dan kien qatt possibbli? L-awtur innifsu jammetti li kiteb ir-rumanz għax kien irrabjat bil-mod kif kien imexxi Dom Mintoff - konfessjoni li għamel mal-mexxej innifsu (*Fjuri* 655). Inevitabbilment, iċ-ċirkostanzi li fih ġie mitbugħ ressqu lir-rumanz eqreb lejn l-aġenda tal-Partit Nazzjonalista, li mill-ewwel approprjah u ttrasformah f'vejjikolu ta' propaganda.[5]

Minkejja dan, Friggieri baqa' jemmen li huwa possibbli li l-kittieba letterarji jieħdu pożizzjoni politika mingħajr ma jkunu partiġġjani (*Fjuri* 651). Iżda aktar tard ammetta li twemminu kien idealistiku wisq: "Għamilt kulma stajt biex ma nkunx partiġġjan, u jekk kont, ifisser li l-iskop tiegħi ma lħaqtux dejjem. Ifisser ukoll li ma nagħmilx mirakli" (*Fjuri* 643). Huwa fehem ukoll li fil-kuntest soċjali li fih ippreżenta r-rumanz tiegħu, kien hemm riskju kbir li xogħlu seta' jiġi eżaltat jew disprezzat abbażi tal-affiljazzjoni politika ta' min jiġġudikah. F'intervista li għamillu Noel Grima fl-2007, il-kittieb esprima ruħu hekk:

> Meta kont qed nikteb ir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (1986), kont qed nistħajjel pajjiż fejn id-duwalità u d-diviżjoni setgħu jiġi eliminati gradwalment. Nittama li kkontribwejt għal dan bil-kitbiet tiegħi. Iżda issa naħseb li din il-kwalità tista' biss tadatta għaż-żminijiet. Hija innata fina, kundizzjoni, prerekwiżit biex tkun Mediterranju, Malti, iżolan. Forsi hija karatteristika ferm aktar b'saħħitha mir-rieda tagħna li nkunu imparzjali u distakkati. Il-letteratura għenitni ħafna biex nibni u nħott konklużjonijiet ta' dan it-tip. Il-konklużjonijiet milħuqa jew għall-inqas implikati fir-riċerka akkademika tiegħi mill-ewwel qanqlu fija x-xewqa li nsawwarhom mill-ġdid fil-forma ta' novelli u ta' rumanzi.[6]

---

[4] "Through its dark or dystopian nostalgia, Joker obliquely reveals that the bitter fruit of today was first harvested under the rancid politics of the 1980s: the decade when Reaganism was born and with it the forces of neoliberalism... In this context, the sea of cinematic allusions and references found in *Joker* are not empty nostalgias but ghosts that refuse to leave because they remain at home in the graveyards of today."

[5] L-awtur kien assoċjat fuq livell personali mal-Partit Nazzjonalista, tant li saħansitra ntalab joħroġ għall-elezzjoni bħala kandidat f'isem l-istess partit (Spiteri 2008). Friggieri kien ukoll qrib tal-protagonisti tal-Partit Nazzjonalista, fosthom Guido de Marco u Eddie Fenech Adami (*Fjuri* 582, 590).

[6] "When writing the novel *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (1986), I envisaged a country where duality, divisiveness, could be gradually eliminated. I hope I have contributed to that in my writings. Now I think it can only be adapted to the times. It is an ingrained nature, a condition, a prerequisite for being Mediterranean, Maltese, islandish. Perhaps it is a trait much stronger than our will to be impartial and detached. Literature has helped me a lot to construct and to deconstruct conclusions of this sort. Conclusions reached or at least implied in my academic research immediately provoked in me the desire to reshape them in terms of short stories and novels."

Mill-banda l-oħra, kif ġara b'xogħlijiet kanoniċi bħal *Animal Farm* ta' George Orwell (1945), wieħed jista' jargumenta li *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* xorta waħda għandu l-kapaċità li jittraxxendi d-dimensjoni storika immedjata tiegħu u jikseb validità universali mingħajr ma jkun assoċjat kontinwament ma' partit politiku speċifiku. Adrian Grima (2020: 296)[7] jikteb dwar "l-interpretazzjoni profondament inkwetanti ta' Friggieri fil-konfront tal-esperjenza tagħna bħala komunità" - interpretazzjoni li għandha l-potenzjal li tibqa' ħajja permezz tax-xogħlijiet tiegħu għax il-valutazzjoni politika ta' Friggieri hija applikabbli (kif dejjem kellha tkun) għal kull politiku fi kwalunkwe partit, pajjiż u epoka.

## Konklużjoni

Fl-istudju seminali tiegħu *L-Idea tal-Letteratura*, Friggieri (2) nnifsu jittratta d-dimensjoni soċjali bħala element bażiku tal-letteratura - fattur determinanti li madankollu jeħtieġ li jevolvi sabiex ix-xogħol letterarju jikseb l-universalità u joffri interpretazzjoni tal-ħajja għall-bnedmin kollha. Il-letteratura tinteressana storikament - skont "meta" u "fejn"; bi "storikament" Friggieri jissuġġerixxi li m'għandniex nifhmu u niftakru biss il-passat, imma wkoll dak kollu li jsawwarna llum (*L-Idea* 2). L-arti waħedha tivvjaġġa mill-persuna għall-grupp, mis-soċjetà għan-nazzjon u eventwalment għall-umanità. Għalhekk, trid titbiegħed mill-partikolari sabiex tilħaq id-destinazzjoni aħħarija tagħha tal-universalità; Friggieri nnifsu jemmen bis-sħiħ li l-letteratura tajba għandha l-potenzjal li tittrasforma l-ansjetajiet immedjati f'kapulavur universali (*L-Idea* 27).

U proprju għalhekk li hawnhekk għamilt dan l-eżerċizzju komparattiv: bħalma blockbuster ta' Hollywood appella għal miljuni madwar id-dinja, hekk ukoll ix-xogħlijiet ta' Friggieri jistgħu jibqgħu "jinqraw mill-ġdid" fis-sens li tkellmu bih it-teoristi tar-rispons tal-qarrejja bħal Wolfgang Iser u Roman Ingarden.[8] Il-qari ta' dan ir-rumanz mhux biss jixħet dawl fuq it-turbulenzi mġarrba mill-Malti fl-imgħoddi riċenti, imma jservi wkoll biex il-qarrejja jixtarru r-razzjonalità li biha l-ħallieq ta' Karlu Manju kien jipperċepixxi s-soċjetà li għex fiha billi jeżerċita l-iskrutinju oġġettiv tipiku tiegħu - l-antiteżi tal-ħsieb partiġġjan li sal-lum għadu ddettat mill-midja ppolarizzata tal-partiti.

Forsi hemm min jemmen li l-forma mentis ta' Friggieri hija skaduta, li xogħlijietu jixhdu mentalità sorpassata, li kien wisq tradizzjonali jew konservattiv, jew, kif poġġieha hu stess fil-poeżija "Il-Poeta u l-Politiku", "Oliver, petala tal-imgħoddi" (*Poeżiji Miġbura* 83). Forsi hemm min hu tal-fehma li aħjar nirrelegawh għall-passat, anke jekk xi kultant infakkruh f'xi okkażjoni eċċezzjonali bħal din. Attitudni li mhijiex ġdida - intweriet spiss fil-konfront tal-akbar ħassieba dinjija tal-imgħoddi, speċjalment minn min ħaseb li l-ġenerazzjoni tal-mument hija esklussivament responsabbli biex tivvinta mill-ġdid ir-rota. Imma l-mument huwa effimeru; huwa minnu li aħna fid-dmir li nimirħu f'itinerarji ġodda tat-teorija politika, tal-espressjoni letterarja, tal-ħsieb filosofiku. Madankollu, hemm letteratura li tmur lil hinn,

---

[7] "deeply disturbing interpretation of our experience as a community".

[8] L-att tal-qari mill-ġdid ġie enfasizzat mit-teoriji tar-rispons tal-qarrejja bħal dawk espressi minn Wolfgang Iser f'*The Act of Reading - A Theory of Aesthetic Response* u minn Roman Ingarden f'*The Cognition of the Literary Work of Art*. Teoriji bħal dawn jinkoraġġixxu s-sehem attiv tal-qarrejja li waqt il-proċess tal-qari jikkontribwixxu għall-produzzjoni tat-tifsir u tal-qari mill-ġdid.

li tittraxxendi l-limiti spazjali u temporali. Il-letteratura ta' Friggieri nħossha tħaddan raġġ ta' verità, li jinbidlu kemm jinbidlu l-epoki, għandu l-potenzjal li jibqa' jiddi. Għaldaqstant, b'sens ta' umiltà u rispett, jaqblilna nkomplu nqallbu kitbietu jekk tassew irridu ntejbu l-esperjenza tagħna fuq din l-art. Nemmen ukoll li qatt ma għandna ninsew il-mantra ta' Friggieri nnifsu: "M'hemmx tradizzjoni ħajja mingħajr modernità, u m'hemmx modernità f'saħħitha mingħajr tradizzjoni" ('It-Triloġija'). It-tiftix għat-triq tan-nofs jibqa' dejjem problematiku – f'kull sfera tal-ħajja umana. Il-letteratura ta' Friggieri tagħtina l-opportunità biex infetħu l-perspettiva, inħarsu lil hinn mill-echo chamber komdu tagħna u fuq kollox infittxu dak il-bilanċ elużiv li bih nivvalutaw l-imgħoddi biex nifhmu aħjar is-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum – kemm fil-ħajja personali, kif ukoll fil-ħajja tagħna bħala nazzjon.

Biblijografija


Akkademja tal-Malti. "It-Triloġija: Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija." akkademjatalmalti.org, akkademjatalmalti.org/2015/11/30/ittrilogija-hekk-thabbat-il-qalb-maltija.

Friggieri, Oliver. *Fjuri li ma Jinxfux: Tifkiriet 1955–1990*. Klabb Kotba Maltin, 2008.

---. *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*. It-tieni ed., Mireva Publications, 2003.

---. *Il-Poeżiji Miġbura*. Mireva Publications, 2002.

---. *L-Idea tal-Letteratura – Daħla għall-Istudju tal-Arti tal-Kelma*. Midsea Publications, 1986.

Grima, Adrian. "Oliver Friggieri (1947–2020): Poet, Critic and Educator". *Postcolonial Directions in Education*, 2020, vol. 9, no. 2, pp. 295–298.

Grima, Noel. "A Political Message through Novels." *The Malta Independent*, 29 ta' Lulju 2007, http://www.independent.com.mt/articles/2007-07-29/news/a-political-messagethrough- novels-177119/.

Redmond, Sean. "That Joke Isn't Funny Anymore: A Critical Exploration of Joker", *New Review of Film and Television Studies*, 2021, vol. 19, no. 1, pp. 1–6.

Serracino Inglott, Peter, "Kumment ta' Peter Serracino Inglott", *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, Bugelli Publications, 1986, pp. vii – xxxii.

Spiteri, Lino. "Language Voices." *The Times of Malta*, 7 ta' Diċembru 2008, https://timesofmalta.com/articles/view/language-voices.236179.

OLIVER FRIGGIERI

# Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri



## "L-Iskandlu Sabiħ ta' Dun Anton"
## Novella ta' Oliver Friggieri meħuda minn *Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri*

Din is-silta nqrat waqt il-Konferenza mis-Sinjura Magdalena van Kuilenburg.

*Meta l-Mulej Alla ġie biex jgħarraq lid-dinja għat-tieni darba, ħasibha darbtejn u mbagħad biddel fehemtu. U m'għarraqhiex, sewwasew għaliex għalkemm fid-dinja kollha kollha kien qiegħed isaltan kull ħażen, kien għad hemm roqgħa art mimlija nies tajbin.*

*"Jekk insib li fadal ftit nies tajbin, lid-dinja ma ngħarraqhiex," qal il-Mulej Alla lill-anġli tiegħu.*

*U l-anġli tiegħu niżlu mill-għoli, daru mat-truf kollha tal-art, u ma sabux ħlief ħażen ta' kull xorta. Qatgħu qalbhom u bkew kemm felħu, u kienu diġà qatgħuha li jerġgħu lura lejn is-sema biex iwasslu l-aħbar kerha, meta fettlilhom jagħtu l-aħħar ħarsa lejn il-mappa tad-dinja u lemħu tikka li ma kinux jafu biha. "Din it-tikka ma żornihiex," qalu. Għalhekk qabdu t-triq u marru jfittxu din it-tikka. U b'għaġeb kbir għalihom isibu li din kienet gżira ċkejkna maqtugħa mid-dinja u mimlija nies tajbin, u ħadu r-ruħ. Kienet il-gżira Taparsi. Għalhekk il-Mulej Alla ma reġax għarraq lid-dinja. U tant hu minnu dan kollu, li ninsabu hawn nirrakkontaw dil-ġrajja.*

*Kollox kien jimxi sewwa fil-gżira Taparsi. Qatt ma kien jirriżenja politiku jew ministru għaliex ħadd minnhom ma kien jagħmel xejn ħażin. Lanqas dell ta' korruzzjoni ma kien hemm. Id-demokrazija kienet fl-aqwa tagħha u kien hemm iżżejjed minnha. Ħadd ma kien jikkritika l-qrati għaliex hemmhekk il-ħaqq u s-sewwa kienu jsiru l-ħin kollu. Ma kinux isiru suwiċidji, iżda biss in-nies kienu jaqgħu mill-għoli u jmutu. Ma kienx hemm divorzju għaliex iż-żwiġijiet kollha kienu jirnexxu u jimxu ħarir mill-bidu sal-aħħar. U lanqas kienet tissemma l-ħtieġa li jitneħħa ċ-ċelibat tal-qassisin għaliex ilkoll kienu 'l bogħod mill-problemi li kienu jsibu ruħhom fihom il-qassisin sħabhom tal-artijiet l-oħra. L-argument ma kien jissemma qatt, imqar fil-gazzetti, u min kien jittanta jgħid kelma, kien jitqies xitan, ilsien ħażin, antiklerikali. U min kien iżerżaq kelma fuq id-divorzju kien jingħadd bħala fallut, theddida għas-soċjetà, bniedem li kien ħa żball ta' ħmar. F'kelma waħda, il-bnedmin imwielda fil-gżira Taparsi kienu perfetti; kollox kien jiġihom tajjeb, ma jiżbaljaw qatt, jirnexxu dejjem, eċċetra, eċċetra. Taparsi kienet art mudell għad-dinja kollha mgħarrqa fil-ħażen fejn kollox kien juri li l-membri tar-razza umana kollha, minbarra n-nies ta' Taparsi, kienu imperfetti.*

*Għalhekk kemm l-Onorevoli u kemm ir-Reverendi, il-ħakkiema tal-Gżira, kienu nies kuntenti ħafna. Kienu jqisu ruħhom xortihom tajba li kellhom taħt idejhom gżira speċjali bħal din fejn il-bnedmin kienu superjuri, mogħnija b'doni ġenetiċi rari li jeħilsuhom mill-periklu komuni li jagħmlu żball. Fil-fatt, hawn fil-gżira Taparsi biss kienet tgħix ir-razza superjuri.*

*Madankollu, minn taħt kien isir mod ieħor, anzi l-kuntrarju. Din hi r-raġuni li l-gżira kien jisimha Taparsi. Il-formula sigrieta tar-razza speċjali ma kinitx taħdem dejjem, u kienu sikwit jitwieldu skerzi jew mostri li kienu jixbhu lin-nies komuni l-oħra tad-dinja li kienu jgħixu lil hinn mill-Gżira. Minħabba li dawn kienu eċċezzjonijiet, kemm l-Onorevoli u kemm ir-Reverendi kienu jfittxu li jaħbu kollox biex la d-dinja barranija u lanqas il-ħlejjaq safjin tar-razza superjuri ma jindunaw. B'hekk ħadd ma seta' jgħid kemm kienu kotrana dawn l-eċċezzjonijiet. Jingħad x'jingħad, ma kienx hemm prova, u l-Gżira baqgħet tidher bħala art perfetta, taparsi. Anki l-anġli li kienu niżlu mis-sema ma kinux indunaw x'kien hemm minn taħt, għax l-anġli qagħdu fuq kulma kienu qalulhom l-Onorevoli u r-Reverendi. U b'hekk lanqas il-Mulej Alla ma ntebaħ - ġiet tajba, għax b'hekk id-dinja kollha ħelsitha minn għarqa oħra.*

*Dun Anton kien wieħed mill-abitanti tal-gżira Taparsi li ma setgħux jidraw dis-sitwazzjoni. Kien twieled u trabba hemm bla ma rnexxielu jixħet l-għeruq tiegħu fil-fond wisq. Għalhekk kien imperfett.*

*"Kollox taparsi f'dan il-pajjiż. Inħossni xbajt ngħix dil-gidba. Minn ġewwa naħsbu mod u minn barra nagħmlu mod ieħor, jew ngħixu bix-xewqa li nagħmlu dak li m'għandniex kuraġġ nagħmlu," qal Dun Anton lil Marija, il-ħabiba tiegħu li issa kien ilu jafha mill-qrib għal xi għaxar snin. "Hemm limitu għal kollox, u għad jasal il-waqt li ngħid biżżejjed u nċarrat din il-gidba kbira li qiegħed ikolli ngħix f'dil-gżira li ma tħallikx tikber u tiżviluppa b'mod naturali," qalilha waqt li ħares f'għajnejha u qara fihom l-hena li kien sab sa fl-aħħar.*



# *L-Istramb*: bejn is-silenzju u l-kliem

Justine Somerville

Meta poġġejt bilqiegħda biex nikteb dan id-diskors kelli nagħmel għażla, għax il-kliem u s-silenzju (jew is-silenzji) fir-rumanz *L-Istramb* ta' Oliver Friggieri jistgħu jiġu avviċinati minn perspettivi differenti.

Ngħidu aħna, stajt għażilt li niffoka fuq is-silenzju li matul ir-rakkont jimtela bi ħsejjes differenti bħax-xita "ċċaqċaq" (1), it-"tokki kajmana" (2), it-"tħaxwix imbikki" tal-friegħi (2), "leħen l-orgni" (63), "id-daqq misterjuż" tal-pjanu (99), il-ħoss "stunat" tal-bott tal-landa (108), imma qatt bil-kliem.

Stajt għażilt li niffoka fuq il-kelmiet ripetuti, bħal "Ħadd ma jafni, ħadd ma jafni" (107) jew fuq ir-ritornell "Uff xi dwejjaq..." (1, 124), frażi li r-rumanz jiftaħ u jagħlaq biha, jew fuq il-kelmiet frammentati, maqsumin f'sillabi, bħal "in-sub-or-din-azz-jo-ni" [*sic*] (90) u "in-ħob-bok" (121).

Jew forsi stajt għażilt li nitkellem dwar it-temi tas-suwiċidju u l-omosesswalità li jmiss magħhom dan ir-rumanz, suġġetti li fiż-żmien li ġie ppubblikat, fl-1980, ftit li xejn kienu rrappreżentati fil-letteratura lokali. Allura fuq kif, f'ċertu sens, Oliver Friggieri b'dan ix-xogħol, imma anke b'xogħlijiet oħra, kien fost dawk li bdew jiksru s-silenzju f'dan ir-rigward.

Minflok, għażilt li nikkonċentra fuq uħud mir-referenzi li jsiru għas-silenzju u l-kliem fir-rakkont; għax dan ir-rumanz huwa miżgħud, fgat tista' tgħid, b'referenzi diretti, espliċiti, għas-silenzju jew is-skiet, għall-kelma jew il-kliem. Dawn ix-xbihat jikkumplimentaw daqskemm jikkontradixxu lil xulxin, filwaqt li jinnegozjaw l-ispazju ta' bejniethom.

F'*L-Istramb* il-kliem huwa deskritt bħala "ikreh u mħaxlef" (72); is-silenzju wkoll "ikreh" (34), "iswed" (59), "mejjet" u jistordi (70). Is-skiet "prudenti u diplomatiku" (119), u f'waqtiet il-ħoss tal-kliem isir "vulgari" (113). Is-sikta kapaċi tkun "tal-biża'" (74) u "ta' niket" (94), imma ġieli sserraħ u twennes (57, 86). Niltaqgħu mal-preokkupazzjoni dwar il-faqar tal-kelma li, bil-konkretezza tagħha, qatt ma tista' tkun manifestazzjoni ġusta tal-verità ġewwiena (56). Kultant il-kliem sabiħ imma "ċatt" bħal tal-kartolini (55); kultant "stupidu" meta kkumparat mas-sentimenti (82).

Min-naħa l-oħra hemm ir-realizzazzjoni li l-kliem huwa "sagrileġġ meħtieġ" (57), "tradiment meħtieġ tal-esperjenza mfissra." Dawn il-perspettivi kunfliġġenti jistabbilixxu qagħdiet u burdati ta' tensjoni matul ir-rakkont.

Il-protagonist ta' dan ir-rumanz huwa Baruk, żagħżugħ ta' għoxrin sena, u filwaqt li fil-ftuħ tar-rumanz narawh jimxi u jiġri waħdu fix-xita mid-dar saċ-ċimiterju, sa tmiem ir-rumanz narawh iwettaq vjaġġ solitarju, diffiċli, intens, fit-tentattiv li jsib lilu nnifsu u jifhem il-veritajiet tal-ħajja. Kull fejn imur dan iż-żagħżugħ "stramb" huwa donnu barrani, inkwilin. Qatt mhu wieħed ta' ġewwa: la f'daru stess, la fis-swali tal-Università, la fis-Seminarju – ebda komunità mhi akkoljenti, ebda waħda minnhom ma ssir tiegħu.

Il-lingwa li tgħallem sa minn ċkunitu ssir għodda inutli f'idejn Baruk, saħansitra sors ta' frustrazzjoni, speċjalment fejn jidħlu r-relazzjonijiet ma' ħaddieħor. Minkejja li tgħallem l-imperattivi, in-nomi, il-pronomi, u kapaċi "jilgħab" bil-grammatika (11), minkejja li jimla paġna wara paġna fid-djarju bil-kliem miktub, quddiem ħaddieħor spiss jeħillu lsienu, ilaqlaq, jimmuta: ma jsibx xi jgħid jew jintrikeb mill-biża' li ma jifhmuhx jew ma jkunux iridu jisimgħuh (57).

Baruk għandu ħafna mħabba x'jagħti lil ħaddieħor, imma jirrealizza li l-imħabba ta' bniedem "teħtieġ il-kliem" (5), u l-kliem fuq fommu "qatt ma kien irħis" (97). F'Baruk hemm volumi sħaħ ta' kliem li hu stess qatt ma qalleb u li jtaqqluh b'"toqol żejjed" (17). Fommu mfawwar "bi kliem kbir" li ma jistax ilissen (34). Meta l-kliem joħroġlu sikwit joħroġ imtertaq (110), mikul bir-rogħda ta' fomm "marid" jew ta' min "jitkellem lingwa barranija għall-ewwel darba" (45). L-ambjent donnu kompliċi ma' Baruk: is-silenzju tiegħu huwa kkumplimentat mill-irziezet "siktin" (1), miċ-ċipressi "muti" (2), mill-kamra siekta (123), mid-dar siekta (47), mis-seminarju "monument sieket" (48) b'ħitan siktin (56) u b'waqtiet immarkati minn "sikta leġġendarja" (57). Il-kurċifiss ukoll sieket, imma "josserva kollox" (93); l-alla ta' Baruk "mutu," imma jifhem (57). Fit-talb Baruk jitkellem bil-ħsieb: la bil-"kantaliena devota" (61) u lanqas bil-kliem magħżul bir-reqqa.

Il-ġenituri tiegħu ma jaċċettawx lil binhom kif inhu, jinkwetaw fuq is-"skiet li jħasseb" (37), fuq in-nixfa ta' kliemu (30), in-nuqqas ta' "ventilatur miftuħ għal barra" (14). Min-naħa l-oħra, meta jkellimhom spiss jinterpretawh ħażin, u l-mistoqsijiet tagħhom Baruk iħosshom "itqal minn tal-eżami" (16). Ħarsithom tiskomodah, kliemhom iqisu prevedibbli u "tas-soltu" (15), u l-konverżazzjonijiet magħhom jaħrabhom. Minflok jgħidilhom wiċċ imb wiċċ, jagħżel li jiktbilhom ittra biex jinfurmahom bid-deċiżjoni tiegħu li jabbanduna l-istudju fl-università u jidħol is-seminarju.

Baruk jidħol is-seminarju bit-tama li "jfiq mis-solitudni" (21), bix-xewqa li jsib familja li tilqgħu, li "jinfetaħ beraħ u jitkellem" (71), iżda l-liġi ta' din l-istituzzjoni timponi perjodi twal ta' silenzju. L-ewwel xhur fis-seminarju huma kkaratterizzati minn irtiri solitarji u minn silenzji u prietki twal li "jniggżu u jxoqqu l-għadam sakemm joħroġ id-demm" (83). Baruk isib ruħu "f'folla żgħażagħ siekta, b'ħalqhom marbut u msakkar bħal tiegħu" (71). Is-silenzju u l-ubbidjenza imposti fuqu jnisslu fih ix-xewqa li "jisfronda fommu beraħ" u jgħajjat il-kliem kollu li "jaqa' fuq ilsienu"; iħoss il-bżonn li jwerżaq sakemm gerżumtu "tinħaraq" u "tinqasam," biex hekk almenu jidħol f'"silenzju loġiku" li mhux kontra n-natura (72).

Wara l-liġi tas-Seminarju hemm ir-Rettur li huwa l-antiteżi tal-Professur li Baruk kien iqim fl-Università. Kliem dan il-professur huwa awtentiku, "biċċa minn ruħu," jimlieh u jbiddlu (8–9). Min-naħa l-oħra, kliem ir-Rettur huwa magħżul bi preċiżjoni, b'moħħ li jikkalkula u jimmanipula. Jinsisti fuq l-importanza tas-silenzju u liż-żgħażagħ Seminaristi jwiddibhom biex jobdu bla ma jistaqsu, biex jafdaw lill-awtorità (60). Il-ħsieb tal-poter imtenni mir-Rettur isir ritornell komuni "mingħajr indulġenzi" (55). Bi kliemu "jraqqad l-imħuħ," iġegħelhom jaħsbu kif iridhom hu (69), u jqanqal fihom il-biża' minn alla vampir "iħobb

id-demm" u "jrid il-vittmi" (84). Baruk jinqabad bejn l-ammirazzjoni għas-"sengħa tat-taħdit" fuq naħa, u l-istmerrija għall-assurdità tad-diskors u l-manipulazzjoni tar-rettorika fuq in-naħa l-oħra (91).

Minkejja li Baruk jidħol is-Seminarju bil-ħsieb li jaqsam imħabbtu ma' ħaddieħor u jiddiskuti suġġetti differenti, meta eventwalment tippreżenta ruħha l-opportunità li jissoċjalizza ma' sħabu, xorta ma jsibx x'jgħidilhom u jiskanta b'kif uħud minnhom jitkellmu mingħajr ma tinħlielhom "il-ħażna tal-kliem" (55). Baruk ma jsib postu f'ebda klikka ta' ħbieb u, bħalma jisħet lilu nnifsu, jisħet lilhom ukoll. Il-ħbiberija tiegħu ma' Anton tibda bis-serqa, b'kelma mżerżqa bejn posta u oħra tar-Rużarju, fil-ħin li mhux suppost jinkiser is-silenzju. Din il-ħbiberija tintemm ukoll fis-silenzju: quddiem il-bieb tar-Rettur li jsejħilhom biex iwiddibhom u jammonihom. F'wieħed mill-aħħar mumenti ta' Baruk fis-Seminarju, Baruk u Anton jiftiehmu mingħajr ma jlissnu kelma, għax f'qalbhom jistaqsu mistoqsija lil xulxin "bl-istess kliem u fl-istess ħin" (101). In-narrazzjoni li tberraħ dak li jintqal mingħajr ma *jintqal* bejn il-karattri timmina s-silenzju, jew timmina l-kliem, jew tisfidahom it-tnejn f'salt.

Baruk spiss jaħrab il-ħarsa ta' ħaddieħor għax, mingħajr ma jlissen kelma, iħossu jitneżża' quddiemu. Iħoss li "kull rokna ta' ġismu" "tinkixef" (85) taħt il-ħarsa suspettuża li tieklu minn fuq s'isfel u "tfittixlu ġewwa" (16); iħoss "ħwejġu jinħallu u l-buttuni jinfetħu u jaqa' kollox minn fuqu u jisfa' għarwien taħt għajnejn in-nies imlibbsin" (79), f'qagħda ta' skrutinju li tagħtihom vantaġġ fuqu. Dan huwa simili għall-vantaġġ li n-narrazzjoni tagħti lill-qarrejja f'dan ir-rakkont li fih il-fruntiera bejn il-vuċi li tirrakkonta u l-vuċi interjuri ta' Baruk sikwit tiċċajpar. Il-qarrejja bejn isiru kompliċi man-nies li jgħaddu lil Baruk minn għarbiel qabel ma jippruvaw isiru jafuh, u bejn isiru kompliċi ma' Baruk, għax jempatizzaw miegħu wara li n-narrazzjoni tifdi s-sikta u tagħtihom aċċess għall-ħsibijiet, l-emozzjonijiet, il-frustrazzjonijiet tiegħu quddiem il-preġudizzji u l-attitudnijiet ta' soċjetà deskritta bħala "marida u bierda," komunità li "tadura lil uħud" u tqsiħom allat tagħha (7).

L-ispazji paradossali bejn is-silenzji u l-kliem f'*L-Istramb* jikkomunikaw l-insuffiċjenza, il-limiti, u l-indeterminabbiltà tal-kliem, imma wkoll il-ħtieġa, l-indispensabbiltà, il-piż tiegħu. Dawn l-ispazji jfissru l-passività u l-oppressjoni fis-silenzju, imma wkoll ir-reżistenza sovversiva li jħaddan (Sciberras 38). Fuq kollox, fit-tensjoni ta' dawn l-ispazji naqraw il-fraġilità umana u l-ansjetajiet tal-inkomunikabbiltà f'soċjetà indifferenti, riġida, inġusta li tittimbra u twarrab lil min mhuwiex bħall-maġġoranza, lil min ma jimxix man-norma, lil min tagħraf bħala theddida għall-istrutturi li stabbiliet bil-kejl dejjaq tagħha.

F'diskors li għamel f'ċerimonja ta' gradwazzjoni fid-disgħinijiet, fost l-oħrajn, Oliver Friggieri tkellem fuq il-banalità tal-kliem imżejjen, frivolu u kapriċċuż li, bħal "kaxxa infernali," jisplodi u ma jfisser xejn (1). Fi spirtu u diskors li jidwu lil dak tan-narratur f'*L-Istramb* jappella lill-istudenti biex ma jidħlux fl-għadira ta' ilma-qiegħed tas-soċjetà, u jgħidilhom: "F'art fejn il-kliem hu mħawwad, fejn il-kelma qajla hi stmata jew imfissra tajjeb, tistgħu tkunu intom li tgħidu kelma ġdida" (2–3). Fl-ispazju ta' bejn is-silenzji u l-kliem fir-rumanz *L-Istramb* jaf hemm il-potenzjal għal kelma li mhix konvenzjonali, kelma

ġdida, *stramba* forsi; hemm l-istedina għal kelma li tisfida, li tazzarda, kelma li ma tistenna t-tifħir u l-approvazzjoni ta' ħadd, u li ma titlob xejn ħlief il-kuraġġ, l-awtentiċità, u l-umanità ta' min ilissinha.

### Biblijografija


Friggieri, Oliver. *L-Istramb*. It-tieni ed., Merlin Library Ltd., 1980.

---. "Taħdita li saret mill-Professur Oliver Friggieri, il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti f'Jum il-Gradwazzjoni tat-22 ta' Novembru, 1991." *University of Malta Gazette* 1991, suppliment nru 5, vol. 23 nru 4. https://adriangrima.files.wordpress.com/2020/11/tahdita-li-saret-mill-professur-oliver-friggieri.pdf. Aċċessata 14 t'April 2022.

Sciberras, Romario. *Konfini, Silenzji u Mergħat: Aspetti Queer fin-Narrattiva Maltija, b'Referenza Speċjali Għal Bep*. 2019. L-Università ta' Malta. Teżi tal-BA. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/49125. Aċċessata 18 ta' Marzu 2022.



# Il-politika mis-sema lejn l-art u kullimkien

Immanuel Mifsud

*Il-Muntanja tas-Sinaj bdiet iddaħħan kollha kemm hi,*
*għax niżel fuqha l-Mulej fin-nar.*
*Id-duħħan beda tiela' 'l fuq bħad-duħħan ta' forn,*
*u l-Muntanja kienet titheżżeż kollha.*
*(Eż. 19.18)*

*U ħareġ nar mingħand il-Mulej*
*u qered il-mitejn u ħamsin raġel li kienu offrew l-inċens.*
*(Num. 16.35)*

It-tieni ġabra ta' novelli fil-volum *Stejjer Għal Qabel Jidlam*, oriġinarjament ippubblikata fl-1983, tiftaħ b'novella dwar traġedja f'kamra tan-nar, f'raħal immaġinarju f'Għawdex (Friggieri, *Stejjer* 73–79). In-narratur, ħaddiem tan-nar fil-kamra ta' dan ir-raħal, jirrakkonta l-ġrajja ta' wieħed minn sħabu li fil-lejl tal-festa, waqt li kien waħdu jħejji x-xogħol għall-għada, imut bi splużjoni li ttajjar il-kamra. L-ammirazzjoni għax-xogħol tan-nar, qabel dan l-inċident fatali, kienet tispira f'dan il-gaj ħaddiema l-fehma li l-qawwa tan-nar, tal-bombi tal-ġelatina, kienet il-qawwa t'Alla nnifsu. Mattew, sieħeb in-narratur u sieħeb Masu li spiċċa splodut, kien spiss jesklama b'entużjażmu kbir li l-ġelatina marsusa f'dak il-murtal tal-bomba kienet, "il-putinza t'Alla" (75).

Iżda kemm missier in-narratur kif ukoll il-kappillan, donnhom kienu jikkoreġu lil Mattew kull darba li kienu jirribattu bil-fehma li Alla huwa l-vera potenza li titfi kull potenza oħra. Alla huwa tan-nar: huwa qawwa li tisboq il-qawwiet kollha l-oħra. Alla huwa entità tal-biża'.

Din tidher li hi l-fehma popolari, aktarx mitmugħa minn snin ta' tagħlim dwar il-biża' ta' Alla u l-biża' minn Alla. Alla huwa l-"putinza", bħall-putassa fit-taħlita tal-murtal. U jseħħ l-inċident fatali li donnu jfakkar lil dak li jkun fl-ammonizzjoni ta' missier in-narratur u tal-kappillan. Anzi, il-gaj ta' ħaddiema tan-nar jieħdu l-inċident bħala tbeżbiża mingħand Alla biex ifakkarhom li hu biss huwa l-potenti; in-nar tiegħu ferm aqwa minn tagħhom. Is-suppervja tal-bniedem li ħaseb li jista' jippakkja l-"putinza" ta' Alla f'murtal u jisparaha lejn is-sema, meta n-nar, kif anki nistgħu naraw mill-istorja tal-imsejken Prometew, huwa l-proprjetà assoluta tal-Assolut (Hesiod 20; Graves 144–145).

Alla jitkellem bit-traġedji hekk kif il-kimika tiegħu l-kors naturali tagħha u tegħleb l-għarfien, evidentement limitat u difettuż, tal-bniedem suppost professjonista li jaħseb li jaf. In-nar huwa l-lingwa ta' Alla: "Alla tagħna wriena s-sebħ u l-kobor tiegħu, u smmgħalna leħnu minn ġon-nar" (Dewt. 5.24); jew kif jurina l-ktieb tal-*Lamentazzjonijiet* meta "fuq l-għarix ta' Sijon, sawwab bħan-nar is-saħna tiegħu" (Lam. 2.4); jew meta ħassu inġurjat bi tgemgim il-poplu tiegħu u spiċċa biex "bagħtilhom in-nar, u ħarqilhom it-truf tal-kamp" (Num. 11.1). Dak li jseħħ fil-kamra tan-nar xi mkien diżabitat f'Għawdex jikkonferma l-profezija ta' Iżaija, hekk kif Alla, qawwi u potenti, iqum fuq qaddu u dawk li jippretendu li jistgħu jitkellmu bil-lingwa tiegħu, "jinħarqu bħal kalkara tal-ġir,/bħal

xwiek maqtugħa u mogħtija n-nar" (Iż. 33.12). Tassew Alla ta' San Galdinu huwa Alla tan-nar, ta' dan l-element tan-natura li jaf ikun tant perikoluż daqskemm affaxxinanti, l-istess bħal Alla li jaf ikun tant benevolenti u fl-istess waqt distruttiv. Din in-natura li ssir il-vuċi tar-rabja ta' Alla għal min jaħseb li jista' jilħqu. U l-istess il-baħar li jaħbat ma' qiegħ l-irdum f'Ta' Ċenċ fejn sħab Masu jmorru kisknijiet biex jarmu l-kumplament tan-nar li kellhom moħbi: "Tlaqna weħidna lejn Ta' Ċenċ u ħriġna kollox fuq ix-xifer tal-irdum għoli. Taħtna l-baħar kien lest li jibla' u jxejjen kollox" (79). F'dan is-sens, il-baħar ukoll huwa l-preżenza ta' Alla li jassigura ruħu mhux biss li joħroġ b'saħħtu kollha imma li saħansitra jumilja lil min ried isir alla tan-nar fuq l-art.

L-istess baħar jerġa' jsir l-istrument ta' Alla – ta' Alla potenti – f'xogħol ieħor ta' Friggieri, miktub sentejn wara li ħarġet din in-novella: l-aktar xogħol magħruf tiegħu, jew l-aktar xogħol li mess lill-pubbliku Malti, "Pawlu ta' Malta" (*Poeżiji* 338–352). Il-ħsieb ċentrali ta' dan l-oratorju, wirt dirett tal-fehma li Dun Karm tenna fil-poeżiji Pawlini tiegħu, hu li n-nawfraġju kien mossa politika ta' Alla. Kienet l-"id moħbija" – appuntu sineddoke ta' Alla – li tqajjem il-baħar, li tfixkel il-vjaġġ lejn Ruma, litteralment tiżvija x-xini Ruman u tħabbtu u tkissru mal-blat ta' Malta. Alla li jimmanuvra u jimmanipula l-istorja għall-finijiet politiċi tiegħu. Mis-sema – għall-inqas hemm hu maħsub popolarment li jgħammar dan il-politiku – jipprogramma dak kollu li jseħħ fl-art maħluqa minnu stess.

Jekk fin-novella nieħdu l-impressjoni li din ix-xbieha tradizzjonali ta' Alla hija biss it-twemmin popolari ta' erba' raħħala sempliċi li jgħixu għal ħarqa nar ta' darba f'sena, l-oratorju jwebbilna nibdlu l-fehma u nagħrfu li dan kien it-twemmin ta' Friggieri nnifsu. Alla huwa l-politiku potenti li juri saħħtu meta jħoss il-ħtieġa u meta jara li l-bniedem fraġli u vulnerabbli li ħalaq se jaħbat jgħolli rasu. L-istess ibnu l-għażiż li fil-poeżija "L-Akbar Mass Meeting" (*Poeżiji* 81), Friggieri josserva kif, meta jrid u kif irid u kemm irid jiġbed l-akbar folol għall-akbar laqgħa politika li wieħed jista' jimmaġina – laqgħa li tispiċċa biex tumilja s-suppervja tal-politiċi u l-onorevoli, partikolarment dawk Maltin.

Biblijografija


Friggieri, Oliver. "Il-Festa tan-Nar." *Stejjer Għal Qabel Jidlam*. PEG, 1986.

----. *Il-Poeżiji Miġbura*. Mireva, 2002.

Graves, Robert. *The Greek Myths*. Penguin, 1992.

Hesiod. *Theogony and Works and Days*. Tradott minn M.L. West. Oxford UP, 1988.



# Kostituzzjoni bla klawsoli – l-ilsien sigriet fil-lirika ta' Friggieri

Bernard Micallef

Fil-poeżija "L-Akbar Mass Meeting" Friggieri jsejjaħ lil Kristu mexxej "Diż-Onorevoli" li naqqax fina l-akbar kostituzzjoni, liġi mwaqqfa "bla klawsoli u tiġbid, bla diskussjoni." F'kuntrast mal-manifesti politiċi li jaspiraw għal rebħa, l-akbar folla ssegwi lil Kristu - id-"dittatur ħanin" u tellief - b'"kuxjenza li tkun sabet qabel fittxet," istituzzjoni li ma tistax tqarraq għax mhix magħmula mill-"kliem tal-okkażjoni" iżda minn rakkonti umiljanti fl-uċuħ muti jsegwu lid-Duluri. Ix-xettiċiżmu ta' Friggieri fil-kelma pubblika, miktuba jew mitħaddta, ma jaħfirhiex lid-diskors poetiku nnifsu. Fil-poeżija "Mulej," jilmenta li ma jafx kif is-sentiment "se naqbad b'fommi nroddu sħiħ u safi / [...] għani fil-kelma / kif trabba l-ewwel ġewwa qalbi siekta," bl-implikazzjoni li s-sentiment jitlef is-sħuħija tiegħu malli jitlaq il-ħemda tal-qalb fejn trabba, bħalma l-kostituzzjoni titlef l-att kostituttiv tagħha fil-kuxjenza malli tiġi artikulata verbalment. Fattur ieħor li jaggrava dil-problematika tax-xandir jew il-pubblikazzjoni tal-kelma huwa l-eżawriment tal-enerġija espressiva, bħalma tixhed il-poeżija "Fl-Oċean t'Għajnejk," fejn "[i]l-pendlu żorr [li] dalwaqt jinħela u jieqaf" jikkorrispondi mal-"pinna [li] dalwaqt taqa' fuq il-karta," f'rassenjazzjoni inartikulata li teliċita t-talba, "Mulejja, / nebbaħni int is-salm li għandi nikteb." Anki forom oħra ta' arti, bħall-mużika, jiġu apprezzati minn Friggieri skont id-delikatezza kważi muta u evanexxenti tagħhom, kif jindika l-enkomju "Fuq il-Qabar ta' Chopin - Fiċ-ċimiterju ta' Père Lachaise," Pariġi, fejn tingħata tislima lill-kompożitur meqjus bħala "l-vuċi ta' kull mutu," bħallikieku l-bravura tiegħu hija l-kompożizzjoni tas-skiet. Jekk l-arti mużikali ta' Chopin tesprimi ħsus li ma setgħux jitleħħnu, tirriproduċi s-sentimenti u l-muta (verbali) flimkien, mhux is-sentimenti biss.

Is-skiet - flimkien mal-interruzzjonijiet, il-pawsi, l-ellissi, il-frammenti sintattiċi, il-mistoqsijiet rettoriċi li ma jintweġbux, u diversi tekniki oħra li jaqtgħu d-diskors liriku - joħolqu paradoss fundamentali f'awtur prolifiku bħal Friggieri, li sikwit jiddrammatizza l-kliem maqtugħ b'elokwenza abbundanti, u bis-solennità metrika tal-endekasillabu, il-vers twil li donnu jrid imeri l-istess waqfien tad-diskors. Dal-paradoss jintwieġeb parzjalment bid-differenza li dan il-poeta jagħmel bejn id-diskors mgħajjat, itanbar, jew asserit tal-okkażjoni pubblika u s-sejħa retiċenti tal-oġġetti madwarna, fenomeni mġarrbin daqslikieku fihom infushom diġà huma artikulazzjoni fiżika tas-sensibilità poetika. Mhuwiex faċli tagħti leħen lill-fenomeni madwarek bi kliem li, aktar milli sempliċiment jivverbalizza sitwazzjoni, irid, ngħidu aħna, jaqfel il-fdal ta' relazzjoni intima f'xi oġġett fil-qrib, jew isemma' l-imgħoddi jitnikker f'lokalità evokattiva, jew joħloq klima pajsaġġistika li tesprimi l-inesprimibbli. Wieħed jista' jiddefinixxi dawn il-paradossi skont il-kunċett tan-"negative capability" tal-poeta Romantiku John Keats, it-tendenza ta' kull kittieb kbir biex jabita fid-dubji u l-inċertezzi aktar milli jirrisolvihom, li jgħix il-lingwa bħala negazzjoni aktar milli affermazzjoni. Ma' dal-prinċipju Romantiku, wieħed jista' wkoll iżid l-indefinitezza Simbolista li tixref 'l hinn u 'l hawn fil-lirika ta' Friggieri. Fix-xogħol klassiku tiegħu *The Symbolist Movement in Literature*, Arthur Symons jitkellem dwar kliem li jiġi evokat mingħajr ma jiġi espress, u bil-maqlub: forma verbali pperfezzjonata sal-punt li tgħosfor fl-ispiritwalità li teliċita (9). Is-Simboliżmu

jissagrifika l-artikulazzjoni preċiża u empirika f'ġieħ din il-qawwa evokattiva tal-kelma, u f'dan is-sens Friggieri mhuwiex favur is-skiet bħala nuqqas ta' espressività, iżda favur l-allużjonijiet siekta tal-kliem moqri jew mismugħ. Il-motif ta' kostituzzjoni kuxjenzjuża li tiġi qabel il-kelma għandu affinità sħiħa ma' dawn il-massimi Romantiċi u Simbolisti.

Madankollu, hemm ukoll l-argument aktar reċenti tal-ħassieb fenomenoloġista Maurice Merleau-Ponty dwar għarfien prelingwistiku, li fuqu mbagħad jinbena d-diskors kollu tagħna. Fl-esej tiegħu, tradott fl-Ingliż bit-titlu "Indirect Language and the Voices of Silence," Merleau-Ponty jistqarr li l-lingwa għandha funzjoni intrinsikament alluživa, imnissla mid-diverġenzi u l-intervalli meħtieġa għall-mixja siekta bejn kelma u oħra, għax il-ftuq tad-diskors jagħmel parti indispensabbli mill-artikulazzjoni tas-sens; fi kliem ieħor, is-silenzju u d-diskors jintisġu f'tessut wieħed, bħalma d-dinja fenomenali u l-bniedem li evolva magħha jiffurmaw inkarnazzjoni waħda, tlaħħim globali li jagħraf il-ħajja sensorjalment u organikament qabel jifformulaha verbalment (39, 43, 46). Għal Merleau-Ponty, il-lingwa dejjem tinxteħet 'il quddiem, fi projezzjoni muta, lejn dak li għad irid jinftiehem ("Indirect Language" 46). Ix-xogħol letterarju jilħaq il-milja tiegħu mhux b'diskors espliċitu, iżda billi jagħmel lill-ispettaturi jew il-qarrejja parteċipi f'dan l-orjentament ħiemed lejn l-artikulazzjoni, il-kelma li ssegwi l-ġest kreattiv ta' organiċità eqdem minnha.

Rhonda Siu telabora li b'hekk l-espressjoni artistika tikseb awtorevolezza mill-moviment intrinsiku tax-xogħol innifsu, u tinkludi lill-udjenza tagħha fl-orjentament sieket lejn dak li għad jonqsu jingħad (1111). Henri Maldiney ukoll josserva, b'referenza għal Merleau-Ponty, li l-insuffiċjenza fl-artikulazzjoni tal-oġġett jew tal-fatt iżżommna ffukati fuq il-milja tiegħu (72–3). Fl-insuffiċjenza hemm l-onestà tal-aspirazzjoni, tal-objettiv li jgħaqqad il-fakultajiet kollha fi sforz wieħed u kkonċentrat. F'dan is-sens, l-onestà bilfors tmiss mal-muta, bħalma l-kostituzzjoni awtentika tar-ruħ bilfors tmiss maċ-ċaħda tal-klawsoli eżistenti, għax timmira lejn dawk l-aspetti l-oħra tar-ruħ li għandhom is-sinċerità ta' kulma għad jeħtieġlu jingħad. Meta Merleau-Ponty jitkellem dwar għarfien prelingwistiku, jara fih impenn simili biex il-fenomenu l-ġdid jixref f'artikulazzjoni sostnuta mis-silenzju, perċezzjoni fiżika ħierġa minn dominju mutu fejn donnu ma kien hemm xejn, iżda fejn effettivament tkun bdiet il-fermentazzjoni verbali li qatt ma tinqata' mis-skiet oriġinarju ("Interrogation and Intuition" 126). Il-muta kontinwa ta' dan id-dominju ma tistax tiġi interrotta bħalma jiġri lill-kliem, u taħdem bħallikieku hija artikulazzjoni qabel il-kelma.

Aktar ma tagħti prominenza lill-awtentiċità tad-diskors ħiemed jew maqtugħ, is-sensibilità lirika ta' Friggieri inqas tafda diskorsi assertivi, awtoritarji, jew istituzzjonalizzati, bit-tendenza tagħhom li jaqflu l-iżvolġiment kontinwu tal-ħajja f'qafas strutturat u komplut. Fil-poeżija "Fid-Dlam ta' Issa," il-poeta jilmenta ma' Alla talli ħalla bnedmin oħra jitkellmu f'ismu (Alla) u jbiddlu ġmiel il-ħolqien "f'dell tal-mewt u l-kruha"; Alla jitqies jew tirann talli ppermetta kliem l-imħabba jiġi ċċensurat mill-għorrief, jew "ħanin wisq" ladarba ħalla d-dinja ssir tafu ħażin minn kelliema li warrbu l-kompassjoni u l-estasi f'ġieħ l-iskemi fissi tal-għarfien tagħhom. L-empatija tal-poeta ma' entitajiet oħra retiċenti bħalu,

distinti minħabba t-temtim, il-kliem maqtugħ, u l-ġesti teneri li jieħdu post l-isterjotipi u l-asserzjonijiet verbali, issir l-avveniment poetiku nnifsu, lirika kompassjonali sewwasew għax ma għandhiex it-tip ta' diskors li Roland Barthes isejjaħlu transittiv, jiġifieri li jrid jgħaddi messaġġ diġà magħmul minflok iġiegħlek teħel fid-dinamika intransittiva (bla tifsira lesta) tal-kliem għadu qiegħed jiżvolġi fuq il-paġna, skont qagħda emerġenti li fiha jinstarmu saħansitra l-qarrejja (185–88).

F'dan id-dawl jinftiehmu aħjar poeżiji bħal "Int Ftit Tħobb Tiftaħ Fommok," fejn kliem il-persuna indirizzata jitqies bħala "karti żgħar imqattgħa minn volumi / li ma sabux lil min jifhimhom sewwa." Il-qagħda verbalment inkomunikabbli bejn il-kelliem u din is-semmiegħa b'fommha mitbuq issir aktar tenera u sublimi proprju għax l-inesprimibbli jagħmilha fiżikament u kuntestwalment aktar preżenti, imqar fl-istennija tal-kelliem liriku biex kliemha "jiftaħ / quddiemi moħħok beraħ." L-istess iseħħ f'għadd ġmielu ta' poeżiji oħra fejn entitajiet retiċenti daqs il-poeta – il-maħbuba, Alla, il-lokalità fejn trabba, u ruħu stess bħala entità mbikkma quddiemu – jimmaterjalizzaw sewwasew fil-pawsi, fil-mistoqsijiet, fl-eżitazzjoni, fl-interruzzjonijiet, fl-aposjopesi (il-qtugħ ta' sentenza qabel tmiemha), u f'forom oħra ta' diskors ifframmentat, insuffiċjenti, jew imxejjen. Fi studju ieħor kont osservajt dan it-tixjin wettieqi b'referena għal poeżiji bħal "Il-Litanija tax-Xewqat," fejn il-poeta jafferma li "l-kelma straordinarja titlissen meta ma jintqal xejn," li l-għarfien jiġġedded minn fehma nieqsa, li ħarsa unika tinkiseb fl-għajnejn meħudin min-ngħas, u li l-mużika esklużiva tinqabad biss mill-widnejn "imtarrxin" (Micallef 395):

Hemm kelma li tlissinha
met'int ma titkellimx,
hemm ħaġa li tifhimha
met'inti ma tifhimx.

Hemm ħarsa li tħarisha
xħin jaqa' n-ngħas f'għajnejk,
hemm mużika li tisma'
jekk imtarrxin widnejk.

Fir-rinunzja tad-diskors mitkellem tiegħu, il-leħen liriku jiskopri tlissin ieħor ħieles mix-xkiel jew mil-limiti tal-kliem esternalizzat. Anzi, il-poeżija hawnhekk tinftiehem bħala avveniment suġġestiv li jibda u jibqa' għaddej sewwasew fejn titwaqqaf il-kelma mitħaddta, bil-konfini temporali u kuntestwali tagħha. Mill-banda l-oħra, il-kelma li tibqa' ħaġa waħda mal-muta għandha l-versatilità konnotattiva u s-sottilezza espansiva li ma jinqabdux bl-artikulazzjoni komunikabbli. Din il-waqfa tal-komunikazzjoni esterna li tkabbar il-potenzjal espressiv (flimkien mar-retiċenza) tixhed kemm fil-lirika ta' Friggieri tekniki bħall-aposjopesi mhumiex ornamenti letterarji biss, iżda kundizzjoni fundamentali tal-espressività. L-aposjopesi mhijiex sempliċiment sentenza maqtugħa qabel tmiemha fi Friggieri; hija impetu emottiv, empatiku, jew alluživ miexi lil hinn mit-tarf tal-artikulazzjoni esterna, b'versatilità siekta meħlusa mill-konfini verbali.

Dan it-tip ta' leħen liriku, li jsib potenzjal alluživ ġdid fit-tbikkim tiegħu, ma jsofrix l-imbarazzament tal-politiku, tax-xandar, jew tal-lettur akkademiku xħin tonqsilhom il-kelma. Huwa leħen ibbażat fuq l-inesprimibbli espressiv. Kif josserva Merleau-Ponty, aħna diġà ninsabu fiżikament - u allura intellettwalment - intonati mal-loġika siekta tal-ħwejjeġ madwarna (Kleinberg-Levin 117–118), b'ġisem li huwa l-medju biex niksbu dinja, u b'dinja li, mill-banda l-oħra, hija l-filtru materjali li minnu niksbu t-tiġrib sensorju ta' ġisimna. L-eqdem espressività, f'dan id-dawl, mhijiex magħmula minn diskors verbali, iżda minn skema korporali komuni li fiha nsibuna f'sintonija mal-oġġetti u s-suġġetti l-oħra ċirkostanti. Fil-poeżija "Pellegrin Distratt - Eleġija għal Tifel li Miet qabel Twieled," l-"ilsien sigriet" tat-tarbija mejta jappella, qabelxejn, għal din is-sintonija fiżika mal-mixja alliterattiva tiegħu, mogħtija prominenza bil-fonema sibilanti /s/ li, b'mod persistenti, tirreċta t-tlissin minn taħt waqt li ma tittrażmetti l-ebda kontenut, sija tal-kliem imlissen, sija tal-kelliem innifsu bħala bijografija:

Hemm ħarsa li tħarisha
xħin jaqa' n-ngħas f'għajnejk,
hemm mużika li tisma'
jekk imtarrxin widnejk.

Hawnhekk iċ-ċaħda definittiva tal-ħajja ("dil-kelma ta' qatt, qatt,") tiġi attribwita lil ħlejqa mogħnija b'espressività alliterattiva, onomatopejka, u melodjuża ("kantajtli l-eleġija") li, madankollu, tiċċaħħad mill-kontenut narrattiv mnejn setgħet tikseb storja u identità ("ta' bniedem li mhu ħadd"). Mill-banda l-oħra, meta l-ilsien minn taħt tat-tarbija jassumi "ritmu t'eternità," il-kostituzzjoni fiżika tiegħu tassumi reżonanza metafiżika. Għalhekk, il-leħen prelingwistiku tal-ħlejqa joffri aċċess organiku għal ritmu u kadenzi li diġà ssorpassaw il-limiti spazjali u temporali tad-diskors. Dan il-paradoss ifakkar fin-nozzjoni fenomenoloġika ta' traxxendenza immanenti, jiġifieri ħruġ 'il barra mil-limiti tal-perċezzjoni fiżika permezz ta' approfondiment fl-interazzjoni fiżika tagħna mal-korpi l-oħra madwarna. Jekk l-infinit jibqa' inskrutabbli fil-medju verbali, huwa aċċessibbli għal dawk ir-ritmi organiċi, sensorji, jew korporali li minnhom oriġina u li fuqhom jistrieħ il-kliem. L-immanenza tagħna f'din l-organiċità globali u primordjali, għalhekk, diġà ssostni u, fl-istess waqt, tittraxxendi l-artikulazzjoni verbali. Skont Merleau-Ponty, sensibilitajiet differenti jirnexxilhom jagħrfu lil xulxin qabelxejn minħabba l-immanenza tagħhom f'kumpless ta' ġesti interkorporali mġarrab bħala dinja komuni ("The Child's Relations" 117–119). Kull artikulazzjoni sofistikata mhijiex għajr estensjoni astratta ta' dan il-korp kollettiv, li diġà kien qiegħed jipponta, organikament, lejn kulma għad irid jintqal, imqar bħala ħtieġa bażika. L-istess jista' jingħad għat-tleħħin "minn taħt l-ilsien" tar-"Ribell Ġentili," it-tieni iben mejjet tal-poeta, li għal ftit ħin wara twelidu jitniffes "kliem li m'għandux storja" iżda "jrid jisfida ż-żmien." Hawn ukoll, il-kliem minn taħt u bla storja tat-tarbija moribonda hu sejħa organika li tippreċedi u teċċedi kull rakkont artikulat, u li tappartjeni għas-sintonija prelingwistika bejn il-ġesti ta' korpi differenti. Fiż-żewġ eleġiji, l-espressjoni organika tantiċipa kulma jista' jitfisser verbalment, u tappella primarjament għal skambju interkorporali qadim li diġà esprima kollox imqar fil-muta verbali tiegħu.

Il-kliem bla storja u l-ilsien sigriet, il-vuċijiet li Friggieri jattribwixxi lil uliedu nieqsa, ifakkru wkoll fid-differenza relevanti li Martin Heidegger jagħmel bejn il-vuċi bħala ħoss u d-diskors artikulat. Skont dil-perspettiva Heideggerjana, il-qagħda tagħna bħala korp fid-dinja (*dasein*) diġà tinkorpora fiha vuċi eċċessiva, ħoss sejjieħi mwettaq qabel, waqt, u wara l-artikulazzjoni verbali (Smith 82–4). Din il-vuċi tibqa' tipponta lejn kulma għad irid jiġi artikulat bil-medju intelliġibbli tad-diskors referenzjali, iżda l-materjalità tal-ħoss tagħha diġà twassal burdata muta, suġġestjoni fil-milja tagħha. Il-koinċidenza bejn il-vuċi u n-nuqqas ta' referenza tesponi, skont Heidegger, il-ħoss tal-kliem fl-istadju oriġinarju tiegħu, bħala sejħa organika mwaħħda ma' skiet palpabbli, ħtieġa espressiva bl-istess nullità konjittiva u perċettiva tagħha. Kemm għal Merleau-Ponty kif ukoll għal Heidegger il-poeżija toffri wirja tal-espressività organika u materjali tal-kliem, tal-poiesis intrinsika tal-vuċi bħala ħoss. Mingħajr tifsira verbali espliċita, il-vuċi xorta waħda tista' twassal għadd ta' aġġustamenti sofistikati fis-sens (intensità, burdata, atteġġjament, ansjetà, u l-bqija), fost oħrajn bit-timbru, bir-ritmi, bl-aċċentwazzjoni, u bl-interjezzjonijiet tagħha. Perspettivi bħal dawn jesponu mhux daqstant l-elokwenza tas-skiet, iżda s-skiet tal-elokwenza, is-silenzju palpabbli li jippersisti fl-aktar elementi qodma tal-artikulazzjoni rfinuta tagħna, l-aktar elementi siekta u primordjali li jingħataw prominenza lirika fil-kompożizzjonijiet ta' Friggieri.

Koinċidenza simili bejn is-skiet palpabbli u s-sejħa, jew bejn il-vuċi mbikkma u l-evokazzjoni ta' burdata jew atmosfera, tidher f'dawk il-poeżiji fejn is-semmiegħa titqies daqslikieku kienet post ħiemed, lokalità sublimi li tistieden komunjoni sensorja. Eżempju pjuttost elaborat jinstab fil-poeżija "Nidħol fis-Silenzji Tiegħek." Hawnhekk, is-skiet tal-persuna indirizzata jieħu l-għamla ta' ospizju ħiemed, spazju fiżiku ta' wens li fih jilqa' lill-kelliem immeraviljat daqs tifel:

> Jitbexxqu t-twieqi tas-silenzji tiegħek
> u ħafi nidħol ħiemed biex niskopri
> skantat bħal tfajjel ma jaf xejn mid-dinja.
> Jaqa' minn fommi tqil il-kliem bħal ġebel
> jistabat fuq il-qiegħa u inti tiġbru.
> Nittawwal fis-silenzji skuri tiegħek,
> il-monasteri tal-iljieli mħassba
> fejn ruħ li ma torqodx tqum tippassiġġa.

Is-silta tikkonkretizza l-muta bħala santwarju esplorat mill-poeta-tfajjel dieħel fiżikament fil-ħemda monastika tas-semmiegħa tiegħu, mit-"twieqi tas-silenzji" ħosbiena tagħha. Dan l-imkien trankwill jista' jiġi pprofanat biss b'interruzzjoni verbali, ħoss artikulat li jitqabbel ma' "ġebel / jistabat fuq il-qiegħa." Il-ħemda kunventwali tal-persuna l-oħra, għalhekk, hija elokwenza akbar u eqdem mid-diskors li effettivament jiddisturbaha. Fuq kollox, hija elokwenza li għandha s-setgħa televa l-kliem ("inti tiġbru") mill-waqgħa tipikament storbjuża tiegħu mal-art għal ġol-interazzjoni fluwenti bejn is-semmiegħa bħala post sielem u l-poeta bħala esploratur sensorju. Eżempji bħal dan għandhom inebbħuna għaliex parti ġmielha mil-lirika ta' Friggieri tgħaqqad flimkien reġistru dwar

il-lingwa inutli ("karti żgħar imqattgħa," "ktieb magħluq," "alfabett stramb," "kliem li ma jinstabx fid-dizzjunarju," "poeżija muta," u tant eżempji oħra mxerrdin mal-opra lirika sħiħa tiegħu), reġistru korporali b'ġesti teneri u grazzjużi li jikkumpensaw għall-inutilità u l-guffaġni verbali, u l-ambjent evokattiv bħala mkien daqstant konsolatorju għad-disfatta tal-kliem. Minn hawn ġejja t-tendenza lirika ta' dan il-poeta biex f'ċerti waqtiet jindirizza kumpless ta' xejriet verbali, korporali, u ambjentali, aktar milli persuna jew entità individwali.

Il-poeżija "Ħarstek Vjola Tkanta" hija eżempju prominenti ta' din it-tendenza, speċjalment meta ssejjaħ lil "ħarstek vjola tkanta / l-għanjiet ta' dal-Kanal" u lil "kull sillaba li taf din l-għalqa sewda." Bl-isfumar bejn il-fattizzi umani mogħtijin lewn il-kompassjoni ("ħarstek vjola"), l-"għanjiet" imlissna minn fenomeni ċirkostanti ("ta' dal-kanal") daqskemm mill-korp uman ("ħarstek vjola tkanta"), u l-ambjent iffurmat minn sinestesija kontinwa bejn is-smigħ u l-ħars, din is-sejħa poetika qajla jista' jkollha funzjoni referenzjali. Xogħolha mhuwiex li tagħti referenzi definibbli, u lanqas li tfornina b'istruzzjonijiet fattibbli, bħalma jagħmlu l-manifest politiku, kliem l-għorrief, u l-klawsoli kostituzzjonali. L-indirizz liriku ta' Friggieri aktar jinftiehem fid-dawl tad-definizzjoni li Heidegger jagħti lill-poeżija: id-diskors poetiku huwa *smigħ* għal lingwa eqdem minnu, sewwasew il-lingwa tal-fenomeni qegħdin jiġu fis-seħħ, jiġifieri qegħdin jassumu differenza meħtieġa bejniethom biex jibnu intimità ma' xulxin li mhijiex għajr l-ewwel artikulazzjoni tal-preżenza relazzjonali tagħhom ("Language" 206). Il-poeżija hi, għal Heidegger, rispons verbali għal din il-lingwa sielma u nissiela li diġà tkellmet qabilna, mhux b'ħoss jew b'nuqqas ta' ħoss, iżda b'sejħa primordjali li mhijiex għajr il-materjalizzazzjoni (poiesis) tad-dinja u l-fenomeni tagħha.

Fl-indirizz liriku ta' Friggieri, it-tiftix għal din il-lingwa oriġinarja jinħass kull meta l-vulnerabbiltà tal-medju verbali ssir parti intrinsika mill-espressività. Fil-poeżija "Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel," ngħidu aħna, jispikkaw dawn l-eżempji ta' fraġilità, fallibilità, jew insuffiċjenza fl-espressjoni: "ħożż ħaddejk bil-kelma / li sibtlek mill-qigħan tad-dizzjunarju / qadim ta' ruħi," "ibża' għall-paġni mqattgħa," "dik hi l-kelma tiegħi, ħudha," "biex titwieled fl-aħħar / il-melodija," "[biex] tfeġġ fuq fommi / l-għanja li qatt ma ktibt," "kantali," u "aqrali jdejja." Apparti dan, l-indirizz intimu jseħħ lil preżenza metamorfika, imsawra kif inhi minn sfumar kontinwu bejn suġġeriment ta' semmiegħa siekta u l-elementi sublimi tal-post. Il-poeta jindiehes korporalment ma' din il-preżenza biex isib l-għanja li għad irid jikteb. Madankollu, din l-istennija għal komunjoni sħiħa permezz tal-għanja ideali tkompli teliċita x-xejriet intanġibbli, elużivi, u suġġestivi tal-post, bħallikieku s-sejħa poetika qed issir lil għadd ta' fenomeni fl-istat emerġenti u prekarju tagħhom. Hekk iseħħ bit-talba lid-deżolazzjoni tal-inħawi biex tgħanni ("Kantali, Solitudni tal-kwartieri"), bl-eżortazzjoni lil ruħ il-lokalità biex tħaddnu fit-tvenvin onomatopejku tagħha, imitattiv tar-riħ jobrom fl-irkejjen ("ħaddanni, Ruħ li tvenven ġol-irkejjen"), u bl-appell lill-figura vagabonda biex taqralu l-ġejjieni fiċ-ċokon ta' jdejh u l-ftuħ tal-post ("aqrali jdejja, Żingara tal-misraħ"). Minkejja n-natura eterea tagħhom, dawn il-fenomeni mhumiex insostanzjali; huma preżenzi li għadhom qegħdin jimmaterjalizzaw bejn is-sensazzjonijiet korporali tal-kelliem u l-potenzjal ġenerattiv tal-post, jiġifieri fl-ispazju kostituttiv bejn is-suġġett u dinjitu.

Kif tosserva Daniela Vallega-Neu b'referenza għal Merleau-Ponty, fl-interazzjoni korporali bejnna u d-dinja hemm it-tlaħħim mutu ta' *stil* ta' perċezzjoni interkorporali li tinkludi wkoll in-negattività (44). In-nuqqas ta' koinċidenza perfetta bejnna u l-ħwejjeġ madwarna jkompli jinseġ il-ħjut ta' eżistenza interkorporali, bħalma għal Heidegger id-differenza oriġinarja li minnha jfeġġu l-oġġetti individwali hija wkoll l-ispazju meħtieġ għall-konfigurazzjoni intima ta' bejniethom. Fid-daħla għal *The Visible and the Invisible* ta' Merleau-Ponty, Claude Lefort ukoll jitkellem dwar l-iskambju diskursiv sieket li jseħħ fid-distakk simili bejn l-oġġett imġarrab u kull tentattiv biex nartikulawh (xxviii-xxxix). Lefort jelabora li s-silenzju u t-taħdit ma jistgħux ħlief jinstemgħu flimkien fl-artikulazzjoni intermedja ta' bejniethom, immotivata kif inhi mill-firdiet. Dan il-prinċipju fenomenoloġiku jispjega għaliex f'ħafna mumenti liriċi Friggieri jdonn lilu nnifsu verbalment inadegwat u fl-istess ħin jimplika din l-inadegwatezza tal-kelma bħala kundizzjoni meħtieġa għal komunjoni aktar evokattiva u poetikament rikka mal-ħwejjeġ komuni ta' madwaru.

Il-limitazzjonijiet intrinsiċi tal-espressjoni lirika jispikkaw mill-ġdid fil-poeżija "Il-Poeta u l-Politiku." Leħen il-poeta jiftaħ dan id-djalogu bejn żewġ kelliema pubbliċi b'rassenjazzjoni sħiħa għall-figuri dispreġjattivi li jirrappreżentawh f'għajnejn il-politiku: "nemusa fitta," "lampier batut inemnem waħdu / f'kappella vojta f'raħal mingħajr fidi," "ġebla mnawra," "dar imġarrfa," u l-bqija. Ma' dan id-disprezz tal-politiku, il-poeta joħloq għadd ta' metonimiji dwar l-impotenza awturjali tiegħu stess: "jien ktieb magħluq, [...] jien l-aħħar ittra / bla sens t'alfabett stramb," "jien poeżija / li ma jifhimha ħadd u jidħak biha," u "jien pjanu bla pjanist, nota muta." Friggieri lanqas ma jopponi l-kuntrast sardoniku bejn l-aspirazzjonijiet kbar tal-politiku u d-dehra karikaturali tal-poeta qiegħed iġorr xortih kollha fuq spallejh, "fi xkora kbira / mimlija manifesti 'mbarazzanti." Il-poeta u l-politiku huma, għalhekk, tal-istess fehma dwar l-inutilità tal-idjoma lirika biswit, ngħidu aħna, id-diskors koerenti u fattibbli ta' manifest politiku. Madankollu, meta l-poeta jibqa' jafferma l-vokazzjoni kreattiva tiegħu ("jien poeta") f'dan il-kuntest ta' poeżija mingħajr fejda empirika jew imqar proposti li jinftiehmu, inissel dubju dwar kemm id-diskors liriku għandu siwi deliberattiv jew prammatiku. Jekk il-poeta qiegħed jimmina l-utilità tal-idjoma lirika bl-"alfabett stramb," bl-idjoma inkomprensibbli ("li ma jifhimha ħadd"), u bin-"nota muta" tagħha, dan mhuwiex għajr mod kif jissorpassa l-funzjoni komunikattiva jew politika ta' diskorsu lejn espressività ulterjuri.

Wieħed mill-aqwa eżempji tal-espressività ulterjuri mnissla miż-żarmar tan-normi espressivi jinstab fil-lirika ta' Nelly Sachs, ir-rebbieħa tal-Premju Nobel li skansat il-mewt f'kamp ta' konċentrament. Sachs ħolqot vuċi lirika li teħodha mal-lingwa nattiva tagħha stess, bl-iskop li timmina l-konvenzjonijiet diskursivi li ħassithom qegħdin jikkompromettu kulma kien għad jonqsu jingħad ġenwinament (Martin 50, 76). L-eċċess poetiku, għalhekk, jintiseġ fejn jiżżarrad it-tessut komuni tal-lingwa, sikwit użat mill-awtoritajiet, mill-istituzzjonijiet, u mill-kultura aċċettata biex jikkonsolida realtà inġusta. Meta l-espressività lirika tibda b'dan l-assalt fuq il-lingwa standardizzata, uffiċjali, jew imqar normali, jitwarrab ix-xkiel tal-isterjotipi u l-platitudnijiet tad-diskors ta' kuljum, li jimponi għeluq, aktar milli jawgura ftuħ, fil-potenzjal empatiku, intersuġġettiv, u kostituttiv tad-diskors. Friggieri jesprimi xettiċiżmu simili kontra

l-lingwa mħaddma bħala medju assertiv, li jippreżumi għerf komplut jew tweġibiet definittivi. L-atteġġjament suspettuż tal-poeta lejn kull formulazzjoni eżawrjenti jew assoluta jinġabar f'din l-aforiżma magħrufa tiegħu: "il-ħajja mistoqsija / miġbura f'elf għaliex, / u ssirlek poeżija / jekk int ma tweġibhiex" ("Jekk"). L-espressjoni poetika la taqta' l-kurżità empirika u lanqas ma tikkuntenta l-ħtieġa bażika tagħna li nivverbalizzaw b'mod definittiv kulma għadu qiegħed jiżvolġi b'mod indefinit:

> jekk tgħodd in-numri kollha
> u taf kull alfabett,
> jekk tħott kull teorema
> u żżarma kull kunċett
>
> [...]
>
> jekk toftoq il-kliem kollu
> u ssib is-sens li fih
>
> [...]
>
> il-petali tal-warda
> waqgħulek minn idejk,
> dan l-univers itektek
> inqasam hemm, f'riġlejk.

Rainer Maria Rilke fisser l-istess qofol poetiku meta ħeġġeġ lil poeta ieħor aspiranti biex jgħix il-mistoqsija sakemm, mingħajr għarfien konxju, isib ruħu qiegħed jgħix it-tweġiba wkoll (27). Rilke jitkellem dwar il-fallimenti tal-għarfien uman bħala wesgħat ġodda fejn jitrawmu r-relazzjonijiet veri bejn il-bnedmin (51). Il-poeta, fi kliem ieħor, jempatizza aħjar ma' għajru kull fejn l-eżitazzjoni, il-pawsi, u forom oħra ta' interruzzjoni jħallu spazju għall-potenzjal kollaborattiv u intersuġġettiv tad-diskors. Il-kliem seminali ta' Max Picard f'dan ir-rigward jibqa' memorabbli: is-skiet, jgħid, jikkumplimenta l-kliem aktar milli jwarrbu, u jeħles lill-oġġett li għadu qiegħed jiżvolġi mill-esplojtazzjoni ta' min jassumi li għandu artikulazzjoni definittiva (19). Is-silenzju ma jistax isib punt tat-tluq eqdem minnu nnifsu għax huwa l-oriġini tal-fenomeni madwarna, u minħabba f'dan ir-rwol nissieli tiegħu qatt ma jista' jiġi ssostitwit b'entitajiet oħra (Picard 21–2). F'kull kelma, għalhekk, jippersisti s-skiet bħala impetu ħiemed għall-espressjoni, u f'kull skiet diġà jeżisti d-diskors bħala aspirazzjoni komunikattiva (Picard 24, 36). Dawn l-osservazzjonijiet joqogħdu tajjeb ħafna għall-kostituzzjoni bla klawsoli ta' Friggieri, appuntu l-att kostituttiv li b'impetu sieket jantiċipa d-diskors, u li sikwit jinvolvi sejħa reċiproka bejn is-suġġett u l-fenomeni madwaru. Is-segregazzjoni tal-kuxjenza lirika ta' Friggieri mill-ġemgħa, mill-istituzzjoni, jew mill-politika assertiva hija wkoll integrazzjoni ma' ħlejjaq u fenomeni rriżervati daqsu fl-iżvolġiment u l-komunjoni siekta tagħhom.

Is-sehem poetiku f'dan l-att kostituttiv għandu jfakkarna fl-oriġini etimoloġika tat-terminu "poeżija": il-kunċett Grieg poiesis, bit-tifsira Klassika tiegħu ta' attività produttiva li ġġib għal ġo preżenza perċettibbli lil oġġetti altrimenti nieqsa. Dan l-att bikri ta' kostituzzjoni fenomenali – il-formazzjoni viżibbli tal-oġġett f'relazzjoni mal-bqija – jantiċipa d-diskors referenzjali, il-lingwaġġ empiriku, u l-klawsoli istituzzjonali li jsegwuh. Minn hawn ġejja t-tendenza ta' Friggieri biex jinkludi fil-kompożizzjoni lirika tiegħu saħansitra l-proċess kostituttiv tal-poeżija. Dan it-treġġigħ lura lejn l-aspetti l-aktar muti u formattivi tal-medju poetiku jfakkar ukoll fl-osservazzjoni ta' Merleau-Ponty dwar kif il-lingwa nnifisha mhijiex għajr żvilupp alluživ fuq esperjenzi intersensorji u interkorporali aktar primittivi minnha, tant li fil-lingwa għadha tippersisti l-motivazzjoni karnali lejn kulma jonqsu jingħad ("Interrogation and Intuition" 129, "The Intertwining" 132, "Indirect Language" 83). Il-potenzjal *pojetiku*[9], f'dan id-dawl, huwa l-isforz intrinsiku tal-poeżija biex tirritorna lejn il-materja muta, iżda mimlija potenzjal kreattiv u formattiv, tad-diskors. Minn dan nibtu wkoll uħud mill-kunċetti magħrufin ta' Heidegger dwar, ngħidu aħna, id-diskors poetiku bħala smigħ u rispons għall-ħoss ħiemed tal-ħwejjeġ madwarna li qegħdin jiksbu preżenza relazzjonali (Krummel 267). F'dan id-dawl, l-esperjenza poetika titqies bħala żvolġiment ontoloġiku miftuħ, imwettaq fit-taqbida bejn dinja diġà (sa punt jew ieħor) ifformulata u l-materja inskrutabbli tal-medju (artistiku, verbali, u l-bqija) li jifformulaha, kunflitt li jitlob rispons għall-avveniment primordjali u anonimu tal-ħwejjeġ dinjija li qegħdin jiġu fis-seħħ (Krummel 268–9).

Ir-ritorn ta' Friggieri lejn il-materja kostituttiva, imqar jekk prekarja, tal-kelma lirika ħtieġ, kif rajna, is-segregazzjoni mill-ġeġwiġija mekkanika, mit-tħambiq politiku, u mill-ħamba soċjali tad-dinja tiegħu. Mingħajr dan il-konfront mal-istorbji tipiċi ta' dinjitu, Friggieri qajla seta' joħroġ il-kwalitajiet kuntrastanti tal-ilsien sigriet, il-vuċi mreġġgħa lura lejn l-isfumar kreattiv bejn is-silenzju u l-kliem, is-smigħ u t-tleħħin, is-suġġett uman u l-oġġett evokattiv, is-semmiegħa mbikkma u l-post sublimi. Ngħidu aħna, fil-poeżija "Kuntrast (lil C., fi triq)," il-kelliem liriku jittanta jsib lis-sieħba tiegħu – preżenza "siekta bħall-kampnari / bil-qniepen kbar, stunati, tal-imgħoddi" – billi ma jħallix lilu nnifsu jindifen "qalb l-ilħna maħnuqin u fferoċjati / tal-ħornijiet li dwew tul it-triq kollha." Is-semmiegħa, sfumata kif inhi f'binja reliġjuża ħiemda ("siekta bħall-kampnari"), mingħajr sintonija mad-dinja kontemporanja ("bil-qniepen kbar, stunati, tal-imgħoddi"), tinkiseb biss f'kuntrast mal-feroċità tal-ħsejjes tat-triq, fejn l-"ilħna" u l-"ħornijiet" ma jingħarfux aktar minn xulxin.

Drabi oħra l-kelliem liriku jipprevedi li għad jisfa sfinit mill-isforzi tiegħu biex jirriabilita ruħu f'dan il-kumpless sublimi tal-jien, l-int, u l-inħawi evokattivi. Hekk iseħħ fil-poeżija "Le, Le, Xi Darba," fejn il-leħen liriku jwiegħed lis-semmiegħa li se jerġa' jaqbad id-diskors interrott ta' bejniethom, iżda jbassar ukoll li ma' kelmtu rrestitwita se jkun inħela "bħal xemgħa fil-kappella / taċ-ċimiterju." F'mumenti liriċi bħal dawn, il-leħen moħli xorta waħda jixtered f'atmosfera sublimi, jiġifieri jippervadi l-fenomeni mbikkma u funebri tal-madwar. Il-poeżija "Ja Qanpiena" hija illustrazzjoni oħra ta' leħen liriku li jintegra

[9] L-aġġettiv "pojetiku" hu mnissel mill-kunċett Grieg poiesis, u għalhekk mhuwiex identiku mal-aġġettiv "poetiku."

mal-ambjent imbikkem u suġġestiv fl-istess waqt, speċifikament mat-tokki eleġijaċi ta' qanpiena, sakemm titneħħa d-distinzjoni bejn il-motif uman u l-mota funebri. Dawn l-għamliet ta' konverġenza għal ġo sensibilità waħda ubikwita rarament jissarrfu f'tema espliċita. F'"Il-Bosk tar-Ruħ" is-sensibilità poetika tirritorna fi tfulija tilgħab biċ-ċagħak, iżda tafferma wkoll li "kull ċagħka," għalkemm "xhud ta' kif inbeda kollox," tibqa' "xejn ma tgħid, sigriet magħluq." F'"Il-Kelma tal-Mewġa" leħen il-maħbubin jittrasferixxi ruħu għal ġol-moviment ta' mewġa fil-qrib, elokwenza kinetika li għad titlef l-enerġija tagħha malli tgħib il-maħbuba, bl-implikazzjoni li t-tenerezza umana tinżamm sħiħa fl-aġir issinkronizzat ta' fenomeni kontemporanji, mhux f'artikulazzjoni verbali li tipprova tippreservaha għal żmien ieħor. Kultant l-istess leħen liriku ta' Friggieri jisfuma wkoll fil-lingwaġġ korporali tal-persuna l-oħra, verbalment siekta iżda fiżikament elokwenti bil-ġesti senswali tagħha jartikulaw imħabba kawta u apprensiva ("Tal-Biża' din l-Imħabba").

Din in-nisġa f'sensibilità waħda, primarjament sensorja, bejn il-kuxjenza lirika u l-fenomeni madwarha tfakkar fl-osservazzjoni ta' Merleau-Ponty dwar kif il-bniedem ma jagħrafx imqar is-sensibilitajiet ta' persuni oħra b'mod dirett, iżda b'immersjoni primordjali f'tessut interkorporali wieħed, jiġifieri b'assorbiment fi skema komuni ta' mġibiet u abitudnijiet umani ("The Child's Relations" 99, 117–119). Din l-iskema ta' sensibilitajiet kumplimentari tifforma stil ta' komportament kollettiv li jippreċedi u jeċċedi kull diskors razzjonali jew istituzzjonali, kull kelma referenzjali. Mhux ta' b'xejn li s-sensibilità poetika ta' Friggieri tħossha diżorjentata meta tinqabad fir-"reġiment kbir tagħna" ("Tgħaġġlux"), karikatura taċ-ċittadini rreġimentati għal ġo pass u leħen uniformi. L-eżortazzjoni tal-poeta biex il-membri ta' dan il-korp kollettiv ma jgħaġġlux tinbidel fit-talba biex ma jogħlewx

> daqshekk 'il fuq fil-vuċi tagħkom
> għax jien ukoll irrid insemma' leħni
> mal-kor li jgħatti fih kull stunatura.
> Waqqfuh dal-kliem maħtuf, u erġgħu aħsbu
> kull argument ta' din id-diskussjoni
> għax tlift is-sens, jekk fiha.

L-"[i]stunatura" hija l-varjazzjoni distintiva tal-leħen liriku, mismugħa biss fejn jittaffew ir-ritmu mgħaġġel, il-kontenut mgħajjat, u l-"kliem maħtuf" tal-kotra rreġimentata. Dan jillustra mod ieħor frekwenti kif jingħaraf il-leħen mitfi u ħiemed tal-kuxjenza poetika: bħala żvijar midfun fl-ilħna unanimi tal-"kor" nazzjonali, devjazzjoni awtentika sewwasew għax ma tinstemax kif ġieb u laħaq qalb in-normi espressivi tal-popolazzjoni. Bħalma, għal Heidegger, is-sejħa siekta tal-fenomeni madwarna (huma u jassumu preżenza bil-poiesis intrinsika tagħhom) isseħħ biss bħala riżervatezza fit-taħdit ta' kuljum, jew bħala sikta produttiva li għadha timraħ f'kull ħoss verbali (Brogan 36–8), l-"istunatura" tal-kuxjenza lirika tista' sseħħ biss bħala appell mitfi fost l-ilħna orkestrati tal-ġemgħa. Kif jistqarr Friggieri f'"Innu lil Tribù b'Żewġ Bnadar," din il-kundizzjoni tagħmel lill-poeta barrani fl-ilsien nattiv tiegħu stess: "[i]llum il-kelma / li smajt minn fomm min barax spalltu miegħi / erġajt, bħall-bieraħ, ma fhimthiex." L-ispekulazzjoni ironika li "forsi nsejt indomm l-ilsien ta' żmieni" u t-tama daqstant improbabbli li "forsi l-kotra [.../] terġa' tlissen lingwa li nifhimha" juru d-diskrepanza bejn it-tbikkim irrassenjat tal-poeta u l-ilħna partiġjani li

paradossalment jingħaqdu f'lingwaġġ wieħed tribali. In-nisi tal-artikulazzjoni nattiva huwa meħtieġ biex il-poeta jagħraf kif is-silenzju fid-diskors jista' jiżvela sinifikat daqskemm il-ħoss tad-diskors jista' jaħbih, prinċipju li Wanda Torres Gregory tqis bħala fundamentali fil-filosofija tas-silenzju ta' Heidegger (xvii). Sentiment simili jinħass fil-poeżija "F'Misraħ il-Parlament." F'dan il-lok tal-istituzzjoni li tiddibatti pubblikament il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-poeta jassumi d-"demm marid, l-għajnejn magħluqa / ta' żingaru stunat li jkanta dejjem." Hawnhekk ukoll, l-għanja tal-ħajja ("ikanta dejjem") tispikka bħala stunatura ġol-misraħ (sineddoke ta' pajjiż sħiħ) li ħa ismu mill-assemblea leġiżlattiva li tiddominah kemm bħala bini kif ukoll bħala entità ta' diskorsi pubbliċi. Il-ħajja boemjana taż-żingaru b'għajnejh "magħluqa" tissokta bl-iżvijar, issa fiżjonomiku daqskemm verbali, mill-protokoll u d-dekor tal-istess entità leġiżlattiva, bis-setgħa tagħha li tiddetermina l-klawsoli kostituzzjonali.

F'mumenti liriċi oħra Friggieri jagħti preferenza lil ambjent kollu kemm hu deżolat, fejn in-nuqqas assolut ta' kelliema umani jippermetti espressività xorta oħra. Bħalma tistqarr il-poeżija "Il-Kwiekeb Ikellmuk," l-entitajiet irriżervati u grixtija tal-ħolqien iwieġbu għas-sejħa umana ta' "hawn isfel" f'kull waqt; madankollu, din is-sejħa tista' titleħħen biss minn sensibilità umana speċjali, kuxjenza midħla tal-ilsien skieti u trankwill tal-ħolqien. Huwa għalhekk li s-sejħa tal-bniedem lill-fenomeni naturali "toħroġ ċara" biss malli l-kelliem jindiehes mad-deżolazzjoni tal-lejl, l-atmosfera stramana u sielma li fiha ħadd ma jista' jirredikola t-tlissin stramb ta' lingwa aktar primordjali mil-lingwi umani:

> jaqbillek
> tistenna jaqa' d-dlam u n-nies imorru,
> għaliex fis-skiet il-kelma toħroġ ċara,
> u ħadd ma jidħak bik kif jagħmel tifel
> li jisma' ħoss ta' lingwa li mhix tiegħu.

Ix-xkiel tal-lingwa ta' kuljum kontra l-komunjoni sigrieta ma' fenomeni bħall-kwiekeb għandha tnebbaħna kif anki l-elementi inanimati tal-pajsaġġ jistgħu jsiru muta espressiva. Id-diskors trivjali joħloq skiet inawtentiku għax ixekkel is-skiet espressiv u antiċipatorju ta' entitajiet li għad għandhom x'jgħidu (Torres Gregory 5), imqar fil-muta espressiva tagħhom. Fil-poeżija "It-Toroq Tiegħek – Tifkiriet ta' Tfuliti fil-Furjana," jinħoloq dominju suġġestiv permezz ta' komunjoni korporali mal-lokalità fejn trabba l-poeta. L-espressività infrastrutturali u atmosferika tal-belt, li triqatha "għadhom ikellmuni / u għadni nifhem kollox," tinkludi wkoll "id-diskursati / ta' kull għasfur, u t-tħaxwix stramb tal-weraq" fil-ġonna tagħha, apparti mit-taħdit tax-"xjuħ li jdaħħnu l-pipa, / mitluqa fuq il-bankijiet tas-soltu." Il-ħsejjes alliterattivi, onomatopejċi, u reżonanti ta' dawn l-aspetti diskursivi tal-belt jifformaw konsistenza akustika waħda bejn forom ta' espressività li ma jippermettux distinzjoni superfiċjali bejn it-taħdit uman u dak tal-bqija tal-fenomeni urbani. Minn varjetà estensiva ta' ilħna, daqqiet umani u oħrajn le, iżda li kollha jagħmlu sehem mill-istess stil reżonanti, tinbena r-relazzjoni miftuħa bejn il-kelliem u l-Furjana, li fiha d-"diskursati twal li hemm bejnietna" jitwettqu korporalment daqskemm verbalment, bis-skiet daqskemm bil-ħoss, u bħala fidwa kontinwa ta' ħajjet il-poeta "qed tbatti biċċa biċċa." Iż-żewġ sensibilitajiet ta' poeta u post jappartjenu għal sublimità waħda,

imlissna topografikament daqskemm korporalment, f'toroq li "kull ġebla tagħhom twieldet miegħi / u tafni sewwa bħalma nafha jiena." Il-lirika ta' Friggieri sikwit tħabbatha mal-limiti verbali tagħha stess biex tipponta lejn din il-komunjoni prelingwistika, paralingwistika, ħiemda u miftuħa ma' fenomeni, lokalitajiet, u sensibilitajiet oħra suxxettibbli daqs il-vuċi lirika.

Dawn l-osservazzjonijiet jevokaw stqarrija relevanti ta' Rilke: meta noqogħdu bi kwietna qajla jirnexxilna nagħżlu bejnna u kulma jiċċirkondana (52). Eżempju evidenti ta' din il-kontinwità organika mal-fenomeni ċirkostanti jinsab fil-poeżija "Subgħajk Xirfin Jinfduni," li tgħaqqad lir-riħ indirizzat mar-ruħ suxxettibbli tal-poeta. F'dan il-mument il-"leħen" jassumi natura kollha kemm hi fiżika, kemm fil-figurazzjonijiet korporali kif ukoll fil-ħoss onomatopejku u alliterattiv tiegħu: "dil-lingwa tqila, dan il-leħen oħxon / stunat dal-leħen goff li jvenven fija." Meta r-riefnu niffiedi u l-leħen liriku jikkonverġu, ma jnisslux tifsira jew referenza, iżda stunatura waħda tal-kelliem u tad-destinatarju, tal-interjorità u tal-esterjorità, tat-tlissin u tas-smigħ: "stunata l-vuċi tiegħek, riefnu tiegħi." Din il-vuċi interkorporali, suġġestiva sa mill-iċken komponenti akustiċi tagħha, tiġġedded kull fejn, fil-lirika ta' Friggieri, jiltaqgħu l-elokwenza u l-inadegwatezza tad-diskors.

Friggieri joffri ħafna eżempji oħra ta' din il-komunjoni intima mal-kostituzzjoni siekta tal-fenomeni madwaru, entitajiet reżistenti għal kull tifsira referenzjali espliċita, iżda mimlijin potenzjal alluživ, inferenzjali, u assoċjattiv fil-preżentazzjoni akustika u figurattiva tagħhom. Il-poeżija "Iss'Inti l-Istaġun il-Ġdid" tixhed dan meta tindirizza lil diversi entitajiet bħallikieku huma varjanti ta' preżenza waħda mingħajr rappreżentazzjoni definittiva. Il-ġemgħa takkumula ta' fenomeni eluživi u sottili tassimila fiha, eventwalment, lix-xejriet korporali u spiritwali tal-kelliem liriku nnifsu. Id-destinatarja tal-poeżija l-ewwel tissejjaħ "l-istaġun il-ġdid," iżda minnufih terġa' tissemma bħala ħamiema mansa u solitarja tal-bieraħ, sakemm wara tiġi rraffigurata bħala "pjanu sieket" li jħaddan fih il-"melodija vjola" tal-kelliem liriku nnifsu. Imbagħad, tissejjaħ ukoll poeżija "muta" magħmula minn "kliem li ma jinstabx fid-dizzjunarju," sakemm fl-aħħar tingħata d-dehra ta' "rondina li tixrob mill-għadajjar" u li mhix għajr "bint l-erwieħ li siktu." Din l-entità ssir perċettibbli biss bix-xejriet metamorfiċi, eluživi, u effimeri tagħha, billi tinkorpora l-assenza, jew bl-intarzjar tas-skiet fl-espressjoni melodjuża tagħha. F'din ix-xorta ta' relazzjoni intima, is-sikta primordjali diġà tinħass bħala komponent espressiv, u l-kelma artikulata ttarraf lill-qarrejja għal fuq profondità akbar minnha, dimensjoni li mhijiex tingħad daqskemm tiġġarrab.

Il-kwalità fundamentali tax-xogħol letterarju, jistqarr Walter Benjamin, mhijiex il-komunikazzjoni, u kull min jistenna biċċa informazzjoni mil-letteratura jkun qiegħed inaqqas minn dak li għandha x'tgħidlu (253). Id-diskors letterarju jissorpassa l-att komunikattiv tiegħu stess bi kreattività ulterjuri, li titfi skopijiet prammatiċi bħat-twassil tal-informazzjoni, l-għoti ta' sens definittiv lill-kliem, u l-aċċess għall-intenzjoni tal-awtur (Benjamin 261). Friggieri jattwa dawn il-prinċipji meta jindirizza lill-kelma nnifisha, bħala medju fiżiku (ħoss u kitba) tal-kompożizzjoni lirika li fl-istess waqt joffri reżistenza materjali kontra l-artikulazzjoni. Il-poeżija "Se Nifrex il-Lejl Fuqek" tispikka f'dan ir-rigward, bl-

indirizz tagħha lill-kwalitajiet retiċenti u reżistenti tal-kelma nnifisha, meqjusa bħala medju deliberatament intransiġenti. Il-leħen poetiku jwiegħed lill-kelma tiegħu stess kollokju privat magħha, iżda dan minnu nnifsu jimplika ftuq bejn is-sensibilità lirika u l-mezz verbali li apparentement qiegħed iwassalha. Fil-bidu tal-poeżija, il-kelliem jistqarr li ma jafx xi trid u lanqas "mnejn ġiet u fejn se tmur" il-kelma, minkejja s-sensazzjonijiet organiċi tagħha fih: "[i]ddur iddur / u tqila ċomb ġo sidri," sakemm "tinqala' minn ġenbejja, / tinbaram max-xofftej', / tiżżerżaq fuq ilsieni" biex, malli titlissen, "tmut malajr fix-xej'." L-allużjoni biblika ("inqala' minn ġo fija, / ja xewka tal-uġigħ") tevoka t-turment fiżiku-spiritwali li San Pawl, fl-ittra tiegħu lill-Korintin, spjega bħala skumdità mibgħuta deliberatament minn Alla biex jiggwidah fil-missjoni spiritwali tiegħu (12.7). B'din l-allużjoni biblika, ir-reżistenza tal-kelma ssir tbikkim inkorporat fil-kelliem bħala orjentament spiritwali, muta imposta fuqu bħala tkattir tal-assenjament divin fih. Fuq kollox, meta l-kelma tinqala' minn ġenbejh, il-poeta xorta jħossu kostrett biex ma jgħaddix ir-rivelazzjoni tagħha lill-oħrajn, u jwegħidha kompliċità fil-komunjoni sigrieta ta' bejniethom: "u 'l ħadd ma ngħid illejla / das-sigriet tagħna x'fih." Bħala kelma "tqila wisq" biex tintrefa', li tnixxi d-demm jekk tinfetaq, "tittappan" jekk tintmess, u tisfa fix-xejn jekk xi ħadd jittanta jżarma l-mekkaniżmu tagħha, din l-espressività rriżervata se tinftiehem biss mir-ruħ, u għalhekk jixirqilha dlam il-lejl mifrux fuqha jew is-satra "f'qiegħ ta' qabar."

Merleau-Ponty jargumenta li l-espressjoni verbali titqaċċat mill-kelliem fl-impuls tagħha lejn dak li jrid jingħad, bħalma l-ġesti jitqaċċtu mill-ġisem fil-qabża spontanja tagħhom lejn dak li jeħtieġlu jitwettaq; għax fl-espressjoni hemm spontanjetà li ma toqgħodx għall-kmand jew għad-definizzjoni verbali tagħna, ladarba mhijiex għajr aħna stess qegħdin nikbru ("Indirect Language" 75). Huwa dan l-impetu projettiv u formattiv, jiġifieri l-moviment innifsu lejn dak li jonqosna nimmaterjalizzaw fih, bħala tkabbir tagħna nfusna, li jwebbel lil Friggieri l-poeta b'konċentrazzjoni fuq it-truf, l-interruzzjonijiet, l-insuffiċjenzi, u l-qtugħ għal għarrieda tal-espressjoni, jiġifieri l-limiti tad-diskors li jattivaw il-potenzjal evokattiv tal-kelma. Dan l-impenn iġib miegħu għarfien sensittiv tal-qrubija dejjiema bejn il-kostituzzjoni siekta tal-jien liriku u ż-żarmar imminenti tal-kelma tiegħu. Kif tixhed il-poeżija "Sikta tal-Ħarifa," li b'elokwenza metaforika liema bħalha tindirizza l-espressjoni qiegħda toħrof, il-kelma lirika qatt ma hija mbiegħda mill-ħarifa tagħha stess:

> Ħarifa li żarmajtli kelma b'kelma
> sentenzi li dammejthom bħal ħannieqa,
> għaliex tajjart mar-riħ kull konsonanti,
> u kull vokali xħettha fl-art mirfusa?
> Ma kelli xejn ħlief kliem, u l-kliem kien kollox,
> ifuħ bħas-sagħtar umli malli tmissu,
> idoqq minn taħt l-ilsien bħal flawt kif tonfħu,
> iħares lejk sabiħ bħal wiċċ tarbija.
> Kien ġugarell tar-ruħ li qatt ma tikber
> u ma ntebħitx bil-wasla tal-ħarifa.
> Ħarifa li tistaħba u tgħodd is-siegħa
> li nkiss inkiss tissaltja bħal ħalliela,

ma baqa' xejn ħlief sillabi miksura
sejrin jidwu lil hinn sakemm jintilfu.
Bħal nomadu misruq mill-ftit li kellu,
hawn jien, b'idejja t-tnejn 'il fuq inċedi
bla kundizzjoni. Jien poeta mutu.

Ironikament, il-poeta huwa prolifiku u elokwenti fil-figurazzjonijiet poetiċi li jindirizzaw il-ħarifa ta' diskorsu. It-twemmin tiegħu fil-logħob tfuli ("tar-ruħ li qatt ma tikber") bil-"ġugarell" tal-kliem jixxejjen bit-tħarbit tal-komponenti diskursivi msemmijin wieħed wieħed: is-sentenzi, il-kelmiet, is-sillabi, il-konsonanti, u l-vokali. U x-xbieha tal-kliem bħala l-aħħar proprjetà misruqa minn bniedem mingħajr art ("nomadu misruq mill-ftit li kellu") twassal, finalment, għall-għarfien tal-qagħda ossimoronika tiegħu bħala "poeta mutu," stat ambivalenti li la jinnega l-ħila lirika u lanqas ma jforniha b'leħen artikulat. Dawn l-elaborazzjonijiet figurattivi tal-ħarifa verbali juru kif il-poeżija, għal Friggieri, mhijiex sempliċiment artikulazzjoni sofistikata, iżda t-taqbida kostituttiva bejn it-tkattir u t-taħrif tad-diskors, id-dinamika formattiva bejn l-elokwenza u r-retiċenza. Din l-interdipendenza bejn l-espressjoni u s-skiet tevoka l-ħsieb ta' Heidegger dwar il-qofol ta' kull opra artistika: it-taqbida bejn artikulazzjoni intelliġibbli tad-dinja li ngħixu (bħala arranġament storiku) u l-materja reżistenti tal-art mnejn tellajna d-disinn tal-eżistenza dinjija tagħna, jiġifieri l-kunflitt *pojetiku* bejn il-konfigurazzjoni ta' ħajjitna u l-fiżikalità impenetrabbli tal-materja intransiġenti tagħha (38–40, 45–46). Il-materja inskrutabbli li tissostanzja l-konfigurazzjoni ta' dinja intelliġibbli tingħaraf mill-ġdid, bħala medju sieket iżda mimli potenzjal għall-ħruġ f'konfigurazzjonijiet ġodda, meta x-xogħol artistiku jinterrompi l-użu referenzjali u t-tħaddim prattiku tal-materja tal-kliem.

Din il-perspettiva Heideggerjana tissuġġerixxi li l-poeżija ssir fenomenali fis-sens fundamentali tal-kelma: billi toħroġ lill-fenomeni fid-dieher, mill-għajbien tagħhom fl-użu prattiku ta' kuljum, permezz tat-taqbida kreattiva bejn il-kliem artikulat u s-sostanza siekta tiegħu. Minn hawn ġejja l-esperjenza, int u taqra l-lirika ta' Friggieri, ta' fiżikalità poetika – bħall-alliterazzjoni, l-assonanza, iċ-ċesura, l-aposjopesi, il-modulazzjonijiet fit-ton, u x-xbihat konkretistiċi ta' kunċetti astratti – li tpoġġi l-qari fix-xifer tad-diskors, mnejn tintlemaħ il-kostituzzjoni siekta (bla klawsoli) ta' fenomeni ġodda emerġenti. L-espressjoni poetika, f'dan id-dawl, issir ingaġġament mal-materja muta tagħha stess, inkontru inevitabbilment qrib it-tixjin tal-kliem sewwasew minħabba l-verità li għadha qed tinħadem. Il-"poeta mutu," għalhekk, mhuwiex nieqes minn sinifikat li jinbena poetikament, u l-muta tiegħu tista' tkun lirikament prolifika, bħalma wara kollox jixhdu l-figurazzjonijiet tal-poeżija "Sikta tal-Ħarifa." It-titlu nnifsu ta' din il-kompożizzjoni jimplika indirizz poetiku lis-sikta, daqskemm lill-ħarifa, tal-kliem, u b'hekk jiżvela l-poiesis fil-poeżija: it-taqbida primordjali ta' kull diskors mal-materja muta u impenetrabbli li tissostanzjah. Kif jistqarr David Nowell Smith b'referenza għal Heidegger, huwa dan l-inkontru mal-konfini fiżiċi tal-medju verbali li ma jħallix lill-kelma tintilef fl-utilità ta' kuljum, bħalma biċċa għodda tgħib fl-iskop imwettaq tagħha jekk ma tinkisirx, għax fit-tkissir tinkixef it-taqbida bejn il-forma dinjija u l-materja inskrutabbli tal-biċċa għodda (29–30).

F'dan is-sens, Friggieri attwa n-natura fundamentali tal-poeżija, jiġifieri kostituzzjoni li, sa mill-materja tagħha, mhijiex għajr verità emerġenti mġarrba mhux bħala manifest ideoloġiku iżda bħala manifestazzjoni ontoloġika, wirja tal-impenn kontinwu biex is-sustanza ssib leħen waqt li l-leħen jibqa' sostanzjali. Din l-aletheia, il-ħruġ ta' fenomeni fid-dieher mit-taqbida bejn l-artikulazzjoni intelliġibbli u l-materja reżistenti tagħha, tikseb mument ikoniku fit-tielet strofa ta' "Pellegrin Distratt – Eleġija għal Tifel li Miet qabel Twieled":

Bi lsien sigriet lissintli
dil-kelma ta' qatt, qatt,
kantajtli l-eleġija
ta' bniedem li mhu ħadd.

L-ilsien alliterattiv tat-tarbija jesprimi fiżikalità li tirreżisti l-artikulazzjoni tal-ġrajja umana ("dil-kelma ta' qatt, qatt"), iżda minn din it-taqbida bejn il-materja retiċenti u l-formulazzjoni intelliġibbli tal-kelma titnissel eleġija aktar primordjali u veritiera, poeżija kantata mill-mejjet innifsu minflok mill-ħaj, kif titlob il-konvenzjoni eleġijaka. Hija eleġija ineffabbli jew sigrieta, iżda aktar espressiva mill-istess leħen poetiku li qiegħed isegwi l-konvenzjoni u l-iskop tal-eleġija. Is-sensibilità poetika, jistqarr Rilke, għandha tipparteċipa b'mod korporali daqskemm mentali fis-sigriet inesprimibbli tal-kreattività, għax l-oriġini tal-kreattività intellettwali tinsab fil-ħolqien fiżiku madwarna (28–9). Biex tissorpassa l-lingwa ttrattata biss bħala mezz prattiku li jgħib fl-għan milħuq tiegħu, l-artikulazzjoni poetika jeħtiġilha tikkonfronta l-materja ineffabbli u opaka tagħha stess, bħala limitu tanġibbli mġarrab, qabelxejn, bil-fiżikalità tal-ħoss (Smith 30). F'dan il-konfront mal-konkretezza muta tagħha nnifisha, il-poeżija mhijiex prodott oriġinali daqskemm hija spazju oriġinarju, miftuħ b'tensjoni bejn iż-żewġ aspetti kuntrarji tiegħu: l-isforz kontinwu lejn il-formulazzjoni u r-riżervatezza kontinwa tal-medju materjali.

Fil-kompożizzjoni "Il-Poeżija Mara," Friggieri jimmetaforizza l-ħidma essenzjalment nissiela u oriġinarja tal-poeżija bi xbieha embrijonika. Hawnhekk, il-metafora tat-tqala tiġi estiża mid-"disa' xhur" normali tagħha għal "disa' sekli," bl-implikazzjoni ta' formazzjoni dejjiema li paradossalment tinqered ("inkella ħawli l-ġuf") bit-twelid tagħha. Inverżjoni oħra sinifikanti sseħħ meta x-xbieha tal-maternità ssir, hi nnifisha, l-embriju tal-impenn poetiku fil-bniedem:

Il-poeżija mara li nġorruha fina,
għal disa' xhur twal twal daqs disa' sekli,
din tqala bla twelid u dan hu sewwa,
inkella ħawli l-ġuf, mejta t-tarbija.
Ma jgħaddu qatt id-disa' sekli tagħha.

## Kumment konkluživ

Il-"kostituzzjoni bla klawsoli" li Friggieri jattribwixxi lil Kristu, il-mexxej "Diż-Onorevoli," timplika sensibilità li qiegħda tiżvolġi f'komunjoni siekta, sikwit irrazzjonali u mingħajr referent espliċitu, ma' sensibilitajiet u fenomeni oħra daqstant emerġenti. Il-muta f'dan il-kuntest mhijiex in-nuqqas ta' ħoss; pjuttost hija l-esperjenza interkorporali li tantiċipa, tinvadi, u teċċedi l-artikulazzjoni verbali, jew imqar tal-lirika nnifisha. Huwa għalhekk li fil-motif tal-"ilsien sigriet" u tal-"kliem li m'għandux storja" din il-muta għandha l-karatteristiċi reżonanti tal-alliterazzjoni, l-onomatopea, l-assonanza, ir-rima, u l-modulazzjonijiet tonali – ħsejjes li jevokaw sinifikat (burdata, atmosfera, empatija, esperjenza sensorja, u l-bqija) mingħajr ma jikkonfinawh f'tifsira. Dawn ir-reżonanzi suġġestivi, madankollu, xorta waħda jiġu ppunteġġjati bl-interruzzjonijiet, bit-tlaqliq, bil-pawsi, bl-ellissi, bit-tbikkim, bl-aposjopesi, u b'forom oħra ta' qtugħ suġġestiv tipiku tal-idjoma poetika ta' Friggieri. Dan il-qtugħ qatt mhu battal, għax fih jibqgħu għaddejjin l-orjentament emottiv u l-firxa evokattiva tad-diskors maqtugħ tal-poeta. Huwa għalhekk li l-artikulazzjoni l-aktar elokwenti, konnotattiva, u sublimi fil-lirika ta' Friggieri teħodna wkoll lura lejn l-istat embrijoniku tad-diskors, fejn għadha qiegħda sseħħ it-tensjoni primordjali bejn ir-riżervatezza materjali u l-isforz artikulatorju tal-kelma. Aktar milli l-elokwenza tas-skiet, dawn il-mumenti liriċi jsemmgħuna s-skiet tal-elokwenza, il-muta espressiva li tippersisti f'fenomeni, sensibilitajiet, u lokalitajiet li għadhom qegħdin jesprimu dak li għadu ma ntqalx bl-effetti sensorji u suġġestivi tagħhom. Jekk hemm massima waħda li tiġbor fiha dawn l-aspetti kollha tal-motif tal-"kostituzzjoni bla klawsoli," u li tinkorpora wkoll is-sens ta' "lsien sigriet" u ta' "kliem li m'għandux storja," naħseb li hija din: Ħu ħsieb il-kostituzzjoni siekta tiegħek u ħalli l-klawsoli jieħdu ħsieb tagħhom infushom, għax fil-formazzjoni ħiemda bejnek u l-fenomeni l-oħra ta' madwarek, bejnek u s-sensibilitajiet l-oħra li tinteraġixxi magħhom, diġà hemm poeżija fundamentali (poiesis). Din, għalija, hi aforiżma rappreżentattiva ħafna tal-lirika mbikkma li Friggieri kien tant prolifiku u elokwenti fiha.


### Biblijografija

Barthes, Roland. "Authors and Writers," *A Roland Barthes Reader*, editjat minn Susan Sontag, Vintage, 1982, pp. 185–193.

Benjamin, Walter. "The Task of the Translator," *Walter Benjamin – Selected Writings Volume 1 – 1913 – 1926*, editjat minn Marcus Bullock u Michael W. Jennings. Tradott minn Harcourt Brace Jovanovich, Inc., The Belknap P of Harvard UP, 1996, pp. 253–263.

Brogan, Walter. "Listening to the Silence – Reticence and the Call of Conscience in Heidegger's Philosophy," *Heidegger and Language*, editjat minn Jeffrey Powell, Indiana UP, 2013, pp. 32–45.

Gregory Torres, Wanda. *Speaking of Silence in Heidegger*. Lexington Books, 2021.

Heidegger, Martin. "The Origin of the Work of Art," *Poetry, Language, Thought*. Tradott minn Albert Hofstadter, Harperperennial, 1971, pp. 15–86.

—. "Language," Albert Hofstadter, pp. 187–208.

Kleinberg-Levin, David Michael. *Before the Voice of Reason – Echoes of Responsibility in Merleau-Ponty's Ecology and Levinas's Ethics*. State U of New York P, 2008.

Krummel, John W. M. "Representation and Poiesis – The Imagination in the Later Heidegger," *Philosophy Today*, vol. 51, nru 3, 2007, pp. 261–77.

Lefort, Claude. Daħla tal-Editur. *The Visible and the Invisible*, ta' Maurice Merleau-Ponty, pp. vi-xxxiii.

Maldiney, Henri. "Flesh and Verb in the Philosophy of Merleau-Ponty," *Chiasms – Merleau-Ponty's Notion of Flesh*, editjat minn Fred Evans u Leonard Lawlor, State U of New York P, 2000, pp. 51–76.

Martin, Elaine. *Nelly Sachs - The Poetics of Silence and the Limits of Representation.* E-book, De Gruyter Inc., 2011. ProQuest Ebook Central.

Merleau-Ponty, Maurice. *The Primacy of Perception and Other Essays on Phenomenological Psychology, the Philosophy of Art, History and Politics*, editjat minn James M. Edie. Tradott minn Carleton Dallery, Northwestern UP, 1964.

---. *Signs*, editjat u tradott minn Richard C. McCleary, Northwestern UP, 1964.

---. *The Visible and the Invisible*, editjat minn Claude Lefort. Tradott minn Alfonso Lingis, Northwestern UP, 1968.

---. "The Child's Relations with Others," James M. Edie, pp. 96–155.

---. "Indirect Language and the Voices of Silence," Richard C. McCleary, pp. 39–83.

---. "Interrogation and Intuition," Claude Lefort, pp. 105–29.

---. "The Intertwining - The Chiasm," Claude Lefort, pp. 130–55.

Micallef, Bernard. "Ir-Ritmi tal-Interruzzjoni fil-Lirika ta' Oliver Friggieri," *Mill-Petali ta' Ħajtek - Kitbiet f'Ġieħ Oliver Friggieri*, editjat minn Joseph P. Borg et al., Klabb Kotba Maltin, 2018, pp. 385–407.

Picard, Max. *The World of Silence*. Tradott minn Stanley Godman, Regnery Gateway Inc., 1952.

Rilke, Rainer Maria. *Letters to a Young Poet*. Tradott minn M. D. Herter Norton, Norton Paperback, 2004.

Siu, Rhonda. "Expression and Silence: Music and Language in Merleau-Ponty's Existential Phenomenology," *Rivista Portuguesa de Filosofia*, vol. 74. nru 4, 2018, pp. 1093–1116.

Smith, David Nowell. *Sounding/Silence: Martin Heidegger at the Limits of Poetics*. E-book, Fordham UP, 2013. ProQuest Ebook Central.

Symons, Arthur. *The Symbolist Movement in Literature*. Londra, 1899.

Vallega-Neu, Daniela. "Body and Time-Space in Heidegger and Merleau-Ponty," *Research in Phenomenology*, vol. 49, 2019, pp. 31–48.



# It-taqtigħat tal-ħassieb-kittieb politiku

Robert Micallef

Din il-kontribuzzjoni tinkludi riflessjonijiet fuq studju li qed nagħmel dwar ix-xogħlijiet ta' Oliver Friggieri bbażat fuq il-kitba tiegħu matul is-snin f'ġurnali, kotba u rivisti ppubblikati, intervisti, esejs, kritika letterarja u anke recordings ta' programmi radjufoniċi li kien jieħu sehem fihom. Ma' dawn hemm ukoll reminixxenzi marbuta mal-ħbiberija antika li kelli ma' Oliver Friggieri f'iktar minn tletin sena. Din il-ħbiberija bdiet f'Ottubru tal-1986 meta ltqajt l-ewwel darba miegħu dakinhar tat-tnedija tal-ktieb *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* meta kelli tmintax-il sena u minn dakinhar bqajna nikkomunikaw regolari sakemm baqgħet tippermettilu saħħtu.

Iżda hawnhekk mhux se nikkonċentra fuq l-esperjenza personali tiegħi iżda se nispjega qafas ta' analiżi li nħoss hu addattat biex napprezzaw il-ħsieb ta' Oliver Friggieri u r-relevanza soċjali u politika tiegħu mhux biss f'rabta ma' Malta iżda wkoll ir-relevanza internazzjonali tiegħu.

B'mod partikolari, qed inħares lejn il-ħsieb ta' Oliver Friggieri kif rifless fil-kitbiet tiegħu u fuq dawk li jiena nikkonsidra li huma żewġ pilastri tal-ħsieb tiegħu: id-dimensjoni eżistenzjali, jigifieri s-sens ta' eżistenza; u d-dimensjoni epistemoloġika: jiġifieri s-sens ta' għarfien. Fil-fehma tiegħi dawn it-tnejn kienu dimensjonijiet importanti tal-immaġinazzjoni intellettwali u artistika ta' Oliver Friggieri. Id-dimensjoni eżistenzjali hija marbuta mad-definizzjoni ta' Oliver Friggieri tal-letteratura u r-rwol tiegħu bħala kittieb u l-influwenza li jista' jkollu bħala kittieb fis-soċjetà. Min-naħa l-oħra, id-dimensjoni tal-għarfien hi marbuta mat-twemmin ta' Oliver Friggieri fis-sens tal-għarfien bħala l-ikbar qawwa jew poter li jista' jkollu l-bniedem, il-ħtieġa ta' interrogazzjoni jew tfittxija intellettwali kontinwa tal-bniedem ordinarju u dgħajjef biex jagħraf lilu nnifsu u jkollu rajh f'idejh.

## Tensjonijiet fil-ħsieb ta' Oliver Friggieri

Permezz ta' dawn iż-żewġ dimensjonijiet, dik eżistenzjali u dik tal-għarfien, bir-riċerka tiegħi qed nipprova nagħti spjegazzjoni u nkejjel it-tensjonijiet jew kontradizzjonijiet fil-ħsieb ta' Friggieri fuq diversi binarji u hawnhekk se nsemmi sitta minnhom. L-ewwel: it-tensjoni bejn ir-rwol tradizzjonali tal-letteratura fis-soċjetà Maltija meqjusa bħala sentimentali jew min-naħa l-oħra kitba li tikkoltiva dijalettika li setgħet ġiet imwarrba. It-tieni: it-tensjoni bejn is-sejħa qawwija u kontinwa ta' Friggieri biex in-nies jaqraw u jitgħallmu dwar il-ħajja ta' madwarhom imma fl-istess ħin il-konvinzjoni tiegħu li n-nies diġà għandhom l-għarfien dwarhom infushom u dwar id-dinja ta' madwarhom ibbażat fuq l-esperjenza tal-ħajja tagħhom li iżda mhumiex konxji biżżejjed minn dan l-għarfien. It-tielet: it-tensjoni bejn in-nazzjonaliżmu ta' Oliver Friggieri li fl-istess waqt jirnexxilu jittraxxendi biex imur oltre minn dan l-istess nazzjonaliżmu. Ir-raba': it-tensjoni ta' Friggieri bejn li jinsisti li t-tradizzjoni għandha tkun osservata u preservata iżda fl-istess ħin ikun miftuħ b'mod radikali għall-bidla. Il-ħames: it-tensjoni wkoll bejn l-apprezzament tad-diversità u d-differenzi fl-opinjonijiet politiċi iżda fl-istess waqt jikkritika b'mod qawwi ħafna d-duwaliżmu politiku u kif dan jifga l-istituzzjonijiet tal-pajjiż. Fl-aħħar: it-tensjoni bejn il-fatt li kien konxju tal-iżvantaġġi u l-perikli tal-integrazzjoni mal-Kontinent Ewropew iżda fl-istess waqt entużjast dwar il-mod kif, bil-vjaġġ Ewropew, Malta setgħet issaħħaħ l-għeruq tagħha stess.

## Il-binarju eżistenzjali

Il-ħsieb ta' Oliver Friggieri u l-produzzjoni letterarja tiegħu ma jistgħux jinfirdu minn xulxin. Għal Oliver Friggieri, il-letteratura kienet dejjem sforz ta' natura soċjali u politiku. Anke fil-poeżija bikrija tiegħu, Oliver Friggieri kien dejjem imħasseb bir-rwol tiegħu fis-soċjetà u spiss kien jenfasizza li r-rwol tal-awtur huwa li jħares aktar fil-fond biex jittraxxendi l-ispazju ristrett mogħti lilu. Jiġifieri mhux biss letteratura sentimentali imma letteratura li tal-anqas tikkultiva diskors li qabel kien traskurat u nieqes mill-privileġġ u li jistinka għal dinjità intrinsika u status nazzjonali.

F'dan l-aspett, Oliver Friggieri kien prodott ta' żmienu: iż-żminijiet ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, żminijiet tal-ġlieda kontra l-kolonjaliżmu; nazzjonaliżmu bħala mod kif wieħed jissopravivi u jippreserva l-identità ta' nazzjon fil-bidu tiegħu filwaqt li jitħabat għall-espressjoni kulturali u politika tiegħu stess. Hawnhekk irrid nikkjarifika li dawn il-preokkupazzjonijiet bir-rwol tal-letteratura bl-ebda mod ma kienu uniċi għal Oliver Friggieri u lanqas nistgħu ngħidu li jista' jiġi interpretat b'mod ristrett bħala kittieb nazzjonali. Bħalma nistgħu norbtu t-tħassib eżistenzjali ta' Oliver Friggieri mal-ideat ta' Jean Paul Sartre nistgħu ngħidu wkoll li hemm kittieba oħra post-kolonjali f'pajjiżi differenti li wkoll jidentifikaw mat-tħassib eżistenzjali ta' Oliver Friggieri.

L-interess ta' Oliver Friggieri fl-esperjenza tal-kittieb jew kittieba kienu jmorru lil hinn mill-kuntest Malti u kien estremament kurjuż dwar il-kundizzjoni tal-kittieba f'partijiet oħra tad-dinja pereżempju l-Unjoni Sovjetika u pajjiżi oħra tal-Lvant. Kien spiss jattendi konferenzi internazzjonali u jippubblika intervisti jew artikli dwar kittieba li jkun iltaqa' magħhom pereżempju Voznesenskij.

Hawnhekk tajjeb li nfakkar kemm kien ħadha b'offiża Oliver Friggieri meta Dom Mintoff kien qal li "Min m'għandux x'jagħmel, jikteb ktieb." Oliver kien fehem din bħala attakk fuq l-intellettwaliżmu. Iżda aktar tard meta Oliver kien sar jaf mill-viċin lil Mintoff u kien jiltaqa' miegħu Delimara u anke kiteb dwaru kien fehem li Mintoff kien qed jirreferi għal dik il-letteratura inutli u sentimentali u li fil-fatt Mintoff kellu rispett kbir lejn ix-xogħlijiet ta' Friggieri għax kienu mmirati biex jgħinu lin-nies ordinarji jifhmu l-ħtieġa għall-bidla soċjali. Dan kien jikkorrispondi sew mal-konvinzjoni kemm ta' Mintoff kif ukoll ta' Friggieri li l-kittieb għandu jkun l-aġent tal-bidla li jiżra' f'moħħ in-nies il-bżonn li jqumu min-nagħsa u jieħdu kmand tagħhom infushom.

## Il-pilastru epistemoloġiku

Dimensjoni importanti tal-ħsieb ta' Oliver Friggieri hi dik li tikkonċerna t-tħassib epistemoloġiku jew dak dwar l-għarfien. L-għarfien huwa l-veru poter, dak li jagħti aġenzija lil min hu taħt oppressjoni mill-kolonizzatur, jew mill-politiċi jew minn min iħaddem. L-għarfien huwa l-poter u aħna lkoll kapaċi naħsbu u niddubitaw l-għarfien impost fuqna bħalma jagħmel Karlu Manju, il-karattru ewlieni tal-ktieb *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*.

Oliver Friggieri kiteb dwar il-proċess ta' maturità intellettwali tiegħu stess hekk kif beda b'ħafna qari, tagħlim u ħsieb qabel għadda biex jikteb sabiex in-nies jaqraw. Dan jirrifletti s-sens profond ta' responsabbiltà ta' Friggieri lejn il-qarrejja tiegħu. Oliver Friggieri ma kienx jimmira l-kitba tiegħu lejn qarrejja intellettwali jew b'edukazzjoni għolja iżda nies ordinarji u spiss tenna li kiteb il-kotba tiegħu b'mod li kull qarrej ikun jista' jifhem. Dan ma jfissirx li l-pożizzjoni ta' Oliver Friggieri kienet arroganti jew li qatt kellu ambizzjoni li jitkellem għal xi ħadd. Anzi kien dejjem juri umiltà kbira. F'diskors importanti f'April tal-1981 imsejjaħ *Il-Ħaddiem taħt Assedju*, Oliver Friggieri appella biex il-ħaddiem "mhux biex jitmexxa imma biex imexxi" għax "il-ħaddiem għandu moħħ u għandu lsien." Fi spirtu tipikament Hegeljan, Oliver Friggieri jibgħat messaġġ lill-ħaddiem li huwa għandu jkun is-sid u mhux ikun ilsir. L-idealiżmu u t-twemmin profond ta' Friggieri fil-qawwa tan-nies imorru lil hinn mill-konfini nazzjonali, u dan jidher li joħloq tensjoni man-nazzjonaliżmu ta' Friggieri u max-xewqa tiegħu għall-preservazzjoni tat-tradizzjoni Maltija.

Din it-tfittxija ta' Oliver Friggieri biex iżomm mat-tradizzjoni tista' tiġi interpretata bħala xewqa biex ikun ippreservat il-mod ta' kif in-nies stess jagħrfu l-għarfien u l-esperjenza tal-ħajja tagħhom, li hu dak li jagħtihom is-setgħa li bl-ebda mod ma jipperikola lil ħaddieħor u lanqas jippretendi xi superjorità fuq ħaddieħor. L-idea li huwa l-ħsieb u t-tagħlim tagħhom stess li se jagħti aġenzija lin-nies, aġenzija fis-sens ta' maturità u kapaċità li tieħu azzjoni. Dan iwassal biex, fejn hemm bżonn, jisfidaw lill-awtoritajiet kif jagħmel Karlu Manju.

## Malta u l-Ewropa

In-nazzjonaliżmu ta' Oliver Friggieri twieled f'sitwazzjoni speċifika ta' tifel imwieled fi żmien il-kolonjaliżmu Brittaniku li mbagħad ra t-twettiq tal-indipendenza ta' Malta iżda kien dejjem konxju li s-soċjetà Maltija hi maqsuma ħafna fuq il-kwistjonijiet ewlenin marbuta mal-futur ta' Malta. In-nazzjonaliżmu ta' Oliver Friggieri mhu bl-ebda mod tip ta' xoviniżmu li jħares 'il ġewwa, u lanqas mhu nazzjonaliżmu li ma jista' jirrelata miegħu ebda pajjiż ieħor f'sitwazzjoni simili. Kien tip ta' nazzjonaliżmu marbut mal-idea li dan il-pajjiż ċkejken forma ta' belt-stat ma kellu l-ebda garanzija li jibqa' jeżisti u seta' jżomm fuq saqajh biss jekk jagħraf lilu nnifsu u jagħraf dak li jagħmlu differenti minn ħaddieħor inkluż il-lingwa u t-tradizzjoni Kattolika.

Oliver Friggieri kien Kattoliku devot iżda qatt dommatiku. Sehem il-mara fis-soċjetà u l-kwistjoni tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea kienu eżempji ta' dan. Għalkemm kien nostalġiku għall-mara ta' fibra morali li taf tmexxi familja f'perjodi fejn in-nisa ma kellhomx drittijiet ċivili, kien fl-istess waqt affaxxinat bl-emanċipazzjoni tal-mara u saħansitra anke favur li mara ssir qassis. Dwar l-Ewropa, għalkemm kien konxju mit-tħassib ta' ħafna inkluż persuni influwenti fil-Knisja Kattolika inkwetati mir-riħ qawwi li kien se jidħol mill-Kontinent, kien għaraf li d-deċiżjoni tal-Maltin li jissieħbu fl-Unjoni Ewropea kienet deċiżjoni li, minkejja l-iżvantaġġi, setgħet tippermetti li l-ispirtu Malti jkompli jingrana anke jekk, quddiem Brussell, id-dgħufija tal-karattru fil-livell politiku u popolari kienet ta' periklu.

Dan kien suġġett li kont niddibatti ta' spiss ma' Friggieri meta fis-snin tan-negozjati għas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea jien kont impjegat bħala ekonomista mal-Kummissjoni Ewropea u kont parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għal Malta. Għalija, l-ikbar sfida ta' Malta kienet kif se tkampa taħt il-pressjoni kompetittiva tas-suq uniku u kif se tlaħħaq mal-obbligi kbar amministrattivi u istituzzjonali tal-Unjoni. Għal Friggieri, il-mument tal-verità u l-punt l-iktar kritiku ma kienx politiku u ekonomiku iżda kulturali. Kien konvint li l-politiċi fuq iż-żewġ naħat kienu qed jagħmlu sottovalutazzjoni tal-gravità tas-sitwazzjoni u ried li jagħrfu li ma setgħux jibdlu l-kors tal-istorja.

F'intervista fl-2001, il-Kittieb Awstrijak Andreas Weber staqsa lil Oliver Friggieri l-mistoqsija sempliċi: "Int favur li Malta tidħol fl-Unjoni Ewropea?" It-tweġiba ta' Oliver kienet ftit inqas sempliċi. Wieġeb hekk:

> Ma jkunx għaqli, forsi anke fatali, għal nazzjon daqshekk ċkejken li jissottovaluta l-vantaġġi u l-perikli assoċjati ma' din l-eventwalità. M'hemm l-ebda soluzzjoni ċara, l-ebda għażla korretta, ovvja, evidenti minnha nfisha, iżda biss waħda kumplessa u kkumplikata. Id-deċiżjoni t-tajba tintlaħaq fit-tul jekk l-isforzi jinġabru kollha fl-istess direzzjoni. Il-każ ta' Malta huwa uniku, għaliex Malta hija każ eċċezzjonali b'definizzjoni, l-istorja u sitwazzjoni ġeografika. Anke l-kultura tagħha tiġġustifika interpretazzjoni interkontinentali. Issaħħaħ il-pretensjonijiet ta' Malta f'għajnejn Brussell, iżda tikkomplika l-affarijiet għalina bl-istess mod. Għad irridu nħassru x-xbieha ta' ex kolonja li involontarjament spiss inpinġu.

Il-punt fundamentali li qed nagħmel hu li Friggieri kien jinsisti fuq il-preservazzjoni tat-tradizzjoni mhux dik taċ-ċerimonji imma dik mifhuma bħala mod indiġenu ta' għarfien, ibbażat fuq il-kuntest storiku u l-esperjenza speċifika tal-poplu Malti, kif meħtieġ biex jgħix kull sfida tal-preżent u tal-futur.

### Il-periklu tat-tribaliżmu politiku

Dwar it-tribaliżmu politiku, Oliver Friggieri qal li f'Malta kollox hu partiġjan, awtomatikament diviżibbli fi tnejn. Filwaqt li Friggieri appella għall-għaqda tal-Maltin u l-ħruġ mill-istruttura mentali tal-partiġjaniżmu li kien jara bħala l-akbar periklu għall-identità Maltija u l-preservazzjoni tal-indipendenza u l-aġenzija tagħha kemm f'Malta kif ukoll fil-qasam internazzjonali, fl-istess ħin kien japprezza ħafna d-diversità tal-opinjonijiet u d-deliberazzjoni bir-reqqa tal-opinjoni ta' kulħadd. Meta kont immur għandu, mhux l-ewwel darba li kont insibu jisma' l-programmi fuq ir-radju fejn in-nies iċemplu biex jgħidu tagħhom dwar l-attwalità politika. Meta jitkellem dwar id-duwaliżmu politiku f'Malta, kien spiss jgħid li aħjar li jkollok żewġ ideat minn waħda, imma hemm bżonn għażla u dik l-għażla tidħol fil-fond f'dak li hu eminentement Malti. Tmiss l-għeruq tal-Maltin jew biex issaħħaħhom jew biex iddgħajjifhom. Fi kliem Oliver Friggieri, Malta ilha sekli sħaħ maqsuma fi tnejn u huwa permezz tad-duwaliżmu li ħafna mill-esperjenzi tal-komunità Maltija jistgħu jiġu definiti sew.

**Sommarju**

- Il-kitba bħala attività intellettwali u l-importanza li l-kittieb ikun impenjat soċjalment.
- L-istorja tan-nies ordinarji għandha tkun ċentrali.
- Mistoqsijiet eżistenzjali dwar ir-rwol tal-letteratura u l-kittieb fis-soċjetà iżda wkoll inkjesta dwar il-bażi tas-sopravivenza ta' nazzjon żgħir.
- Tħassib epistemoloġiku: l-għarfien tan-nies diġà qiegħed hemm fil-ħajja u l-esperjenza tagħhom.
- Bżonn ta' diversità ta' opinjonijiet u emanċipazzjoni mill-firda awtomatika tas-soċjetà fuq linji partiġjani biex il-pajjiż ma jkunx maqsum.
- Il-messaġġ ta' Oliver Friggieri hu wieħed universali. Friggieri mhux relevanti biss għal Malta imma dak li qal u wettaq għandu relevanza internazzjonali.


" We make
Leaders out of
ordinary people"
10:02 AM
Thomas Pace

# Interventi mill-udjenza u konklużjoni mis-Sedja

**Prof. Arnold Cassola:** Sur President, naħseb li bl-interventi li saru mill-kelliema rajna lati differenti tal-kitbiet u l-ħsibijiet ta' Oliver Friggieri. Jien jinteressani nara l-attwalità tiegħu u kemm tgħallimna mil-lezzjoni politika tiegħu. Naturalment, jien se nagħfas daqsxejn fuq il-feriti għax il-konklużjoni tiegħi hija li naħseb li ma tantx tgħallimna minn dawn l-40 sena minn mindu Friggieri kiteb *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*. Hemmhekk, b'mod eleganti, Karlu Manju jgħid lill-politiċi: "Bnejtu l-kult tal-medjokrità." Nistaqsi: Illum għad għandna l-medjokrità fil-politika Maltija? Meta nara ċerti risposti minn politiċi Maltin bħal "U iva, b'daqshekk?" jew inkella "U ejja, come on," naħseb li, sfortunatament, din il-medjokrità għadha tirrenja u tirrenja sew.

Imbagħad, apparti l-ktieb *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* li nkiteb 36 sena ilu, Friggieri għandu l-awtobijografija tiegħu li nkitbet 23 sena wara u fiha ddedika paġna għall-ktieb *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, paġni 655–656. Hu jibda dik il-paġna billi jistaqsi: "Fl-2008 qegħdin jikbru fjuri fil-Parlament?" Imbagħad jispiċċa dik il-parti bi kwotazzjoni minn tweġiba ta' Onorevoli li jgħid: "Napprezza l-intenzjonijiet tagħkom imma fil-Parlament ma jikbrux fjuri."

Niġi issa biex nagħmel referenza għal-lum. Friggieri ried Parlament miftuħ; miftuħ għall-poplu u għall-ideat tan-nies, li jilqa' lin-nies. Sur President, l-ewwel ħaġa li nsibu meta naslu quddiem il-Parlament hija dawk il-barrikati li qed jimbuttawna u jgħidulna: "Oqogħdu 'l barra minn hawn, intom m'intomx parti minna!" Naħseb li dik diġà hi ħaġa ħażina u trid tissewwa.

It-tieni punt. Suppost li fil-leġiżlatura li għaddiet dan il-Parlament fetaħ il-bieb għall-petizzjonijiet. Ilbieraħ, b'kumbinazzjoni, ikkomunikajt mal-Parlament dwar dan, għax jien iffirmajt xi ftit minn dawn il-petizzjonijiet, u qaluli li ġew diskussi 38 petizzjoni u ngħalqu. Jien, li ffirmajt uħud minnhom, ma naf xejn dwar dan. Il-Parlament ma weġibnix dwar il-petizzjonijiet tiegħi, li wħud minnhom naħseb li huma serjissimi. Qaluli li ngħalqu. Ir-riżultat x'inhu? Kemm minn dawn it-38 petizzjoni ngħataw raġun u kemm ġew implimentati r-rakkomandazzjonijiet?

L-aħħar riflessjoni hija fuq il-Parlament li se jerġa' jiftaħ il-ġimgħa d-dieħla. Inbidel xi ħaġa? Ħadna xi lezzjoni? Naturalment, hemm bosta wċuħ ġodda li għad iridu naraw kif se jimxu. Fil-fehma tiegħi, hemm nies li ma jistħoqqilhomx li se jkunu f'din il-Kamra. Sfortunatament, bil-manuvri – jien ngħidilhom maħmuġati – li saru mid-duwopolju li nitkellmu dwaru, se jkollna nies f'din il-Kamra li forsi ġabu inqas voti waqt li nies li ġabu aktar voti – u hawn qed nirreferi għan-nisa u mhux għalija personali – se jibqgħu barra minħabba l-gamorri li ġew miftiehma fil-Parlament Malti bejn iż-żewġ partiti biex jeskludu lill-mara Maltija. Trid tkun biss mara Nazzjonalista jew mara Laburista biex tkun tista' tiġi co-opted fil-Parlament.

L-aħħar punt. Sfortunatament, f'dan il-Parlament se jkun hawn min kellu relazzjonijiet mill-qrib ma' preżunt assassin – għandna almenu tliet deputati – u ieħor b'dell ta' hold-up. It-traġedja l-kbira mhijiex tant għax in-nies ivvotawlhom, li diġà hi traġedja, imma li l-partiti Maltin jikkandidaw dan it-tip ta' nies għall-Parlament Malti. Grazzi.

**L-Ispeaker:** Grazzi. Se nagħmel osservazzjoni fuq dak li għadu kif qal il-Prof. Arnold Cassola. Fir-rigward tal-barrikati, ngħid biss li ċert li l-Prof. Cassola jaf xi jsir anke f'pajjiżi oħra, u japprezza li f'ċerti sitwazzjonijiet, il-Parlament irid ikollu s-sigurtà tiegħu. Verament li mhux feliċi li hemm dawk il-barrikati u veru li hemm sistemi oħra kif tassigura s-sigurtà. Jien naċċerta lil Prof. Cassola li min-naħa tiegħi qed nagħmel minn kollox biex, kemm jista' jkun, il-Parlament ikun sigur għall-Membri waqt li jkunu deħlin hawnhekk. Id-demokrazija titlob li wieħed ikun jista' jagħmel dimostrazzjoni u protesti, però fl-istess ħin irid ikun hemm il-protezzjoni għall-Membri Parlamentari waqt li jkunu deħlin u ħerġin minn din il-binja biex jagħmlu xogħolhom.

Rigward il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet tajjeb ngħid li dan il-Kumitat beda jaħdem fl-aħħar leġiżlatura meta ngħatat ukoll il-faċilità li wieħed jagħmel petizzjoni online biex b'hekk iċ-ċittadin ma jibqax at the mercy ta' Membru Parlamentari biex donnu bi pjaċir iressaqlu petizzjoni. Dik kienet xi ħaġa li ddejjaqni u għalhekk rajt li ċ-ċittadin ikollu aċċess dirett biex jagħmel petizzjoni. Rigward follow up ta' dak li jiġi deċiż, nistgħu naraw ftit anke maċ-Chairperson tal-Kumitat biex fil-leġiżlatura li jmiss: dan il-follow up forsi jkun jista' jsir aħjar. Dan huwa punt importanti li tqajjem; wara kollox għalhekk qegħdin hawnhekk.

Dwar membri li forsi jiġu eletti b'dell u mhux dell ... Dik hija d-demokrazija, li l-poplu jivvota lil min irid. Il-liġijiet isiru f'din l-istituzzjoni u la jgħaddu minn din il-Kamra, iridu jiġu osservati. Pereżempju, fir-rigward tal-liġi dwar il-kwota tan-nisa, il-Gvern u l-Oppożizzjoni qablu b'mod unanimu. Issa jien naf li l-Prof. Cassola qed jagħmel kawża f'dan ir-rigward; dik ikompliha fil-Qorti. Jien qed ngħid x'inhi l-pożizzjoni ta' din il-Kamra.

Jekk m'hawnx aktar interventi, ngħaddi biex nirringrazzja lil kulħadd għas-sehem tagħkom f'din il-konferenza. Tajjeb ngħid li din kienet l-ewwel konferenza nazzjonali u importanti mtellgħa mid-Dipartiment tal-Politika Pubblika u d-Dipartiment tal-Malti. Irrid nirrikonoxxi wkoll il-preżenza ta' Dr Emanuel Said li huwa d-Dekan tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy (FEMA).

L-interventi kollha li saru kienu validissimi u saru wkoll diversi ħsibijiet li wieħed jista' jkompli jaħseb fuqhom. Mhux se noqgħod nirrepeti l-punti saljenti li kull kelliem għamel, però naħseb li tkun idea tajba li, bħalma sar f'okkażjonijiet oħra, nagħmlu traskrizzjoni tal-interventi li saru u noħorġu pubblikazzjoni ta' din il-konferenza nazzjonali bit-tema: *Il-Poter tal-Kelma*. B'hekk inkunu qed nagħtu ġieħ lil dan il-ġgant nazzjonali, il-Professur Oliver Friggieri.

Nirringrazzja lil kulħadd u nistedinkom għal ritratt kommemorattiv. Nirringrazzja wkoll lil dawk li kien hawn fl-Istrangers Gallery, li hija mimlija, għall-attendenza tagħhom.




L-Ispeaker tal-Kamra, l-Onor. Dr Anġlu Farrugia, waqt l-indirizz tiegħu fil-ftuħ tal-Konferenza.




Il-parteċipanti tal-Konferenza dakinhar tat-30 t'April 2022 fil-Parlament.

# Profili tal-kontributuri

**Dr David Aloisio** huwa senior lecturer tal-lingwa u tal-letteratura Maltija fil-Junior College u visiting lecturer fl-Università ta' Malta. Huwa kiseb id-dottorat mill-istess università b'teżi dwar il-kanonizzazzjoni letterarja fil-kuntest Malti. Huwa ħa sehem f'konferenzi, kiteb papers u ppubblika kotba letterarji u kotba relatati mat-tagħlim tal-letteratura Maltija. Fl-2015, rebaħ premju nazzjonali għax-xogħol satiriku tiegħu *Only in Ħal Biżarr* bħala l-aħjar xogħol oriġinali fil-kategorija tiegħu. L-interess tar-riċerka ta' Aloisio jiffoka l-aktar fuq ir-relazzjoni, ħafna drabi anzjuża, bejn xogħlijiet letterarji u kif huma organizzati, konxjament jew inkonxjament, mill-psike kollettiv f'kanoni letterarji.

**André P. DeBattista** huwa studjuż tal-politika u artikolista. Huwa jgħallem fl-Istitut għall-Istudji Ewropej tal-Università ta' Malta. Huwa jservi wkoll bħala membru tal-Bord tal-Istitut Agostinjan u huwa wkoll Contributing Editor fir-rivista *The European Conservative*. Bejn l-2021 u l-2022, huwa kien Visiting Fellow fiċ-Ċentru Wilfried Martens għall-Istudji Ewropej fi Brussell u wara ġie appuntat Research Associate fl-istess ċentru. Kiteb bosta kitbiet akkademiċi u numru ta' kummentarji fil-gazzetti dwar temi li jikkonċernaw il-politika, l-istati żgħar, ir-relazzjonijiet internazzjonali u d-dinamika bejn ir-reliġjon u l-ħajja pubblika. Huwa membru tal-Political Studies Association (UK) u Fellow tar-Royal Society of Arts.

**Dr Anġlu Farrugia** LL.D. M.Jur. (magna cum laude), reġa' ġie elett bħala Speaker tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament ta' Malta għat-tielet darba konsekuttiva waqt l-ewwel seduta tal-erbatax-il leġiżlatura li saret nhar is-7 ta' Mejju 2022. Qabel ma ġie elett Speaker fl-2013, Dr Farrugia kien ġie elett l-ewwel darba bħala Membru Parlamentari fl-1996, u reġa' ġie elett fl-1998, l-2003 u l-2008. F'Ġunju tal-2008, kien ġie elett bħala d-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista responsabbli għall-Affarijiet tal-Parlament kif ukoll kien Shadow Minister tal-Oppożizzjoni għax-Xogħol u Drittijiet tal-Ħaddiema. Fi Frar tal-2016, Dr Farrugia rċieva l-Premju Eċċellenza tal-PAM 2015. Matul il-perjodu 2016–2018 mexxa l-konferenza tal-*British Isles and Mediterranean Region* tal-*Conference of Speakers and Presiding Officers of the Commonwealth*. L-Ispeaker Anġlu Farrugia serva wkoll bħala l-ewwel Chairperson elett tal-*iSmall Branches of the Commonwealth Parliamentary Association* bejn l-2016 u l-2019. L-Ispeaker huwa l-awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet.

**Sara Brincat Friggieri** hija gradwata fil-Malti u fil-Mużika. Hija għalliema u qed tkompli l-istudji tagħha fil-psikoterapija.

**Prof. Bernard Micallef** jispeċjalizza fit-Teorija tar-Rispons tal-Qarrej, fl-ermenewtika, u fil-fenomenoloġija. Wara l-kors tal-B.Ed. (Unuri), kiseb l-M.A. b'teżi dwar l-Eżistenzjaliżmu f'Philip Sciberras, imbagħad id-dottorat bit-teżi, *Between the Text and the Reader: Interpretation in the Reading of Modern Maltese Poetry*. Huwa l-awtur ta' diversi studji u introduzzjonijiet kritiċi. Ħa sehem f'diskussjonijiet pubbliċi u konferenzi internazzjonali, b'xogħlijiet li ħafna minnhom ġew ippubblikati. Fl-2004 kien il-President tal-Akkademja tal-Malti u editja żewġ ħarġiet ta' *Il-Malti*. Serva bħala Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta mill-2011 sal-2019, u fl-istess perjodu kien l-editur ta' żewġ ħarġiet tal-*Journal of Maltese Studies* u membru ex uffiċċju tal-Kumitat tal-Għaqda tal-Malti – Università.

**Robert Micallef** għallem il-politika Ewropea għal numru ta' snin fl-Università ta' Malta u kien Koordinatur tal-Istudji Politici fi ħdan id-Dipartiment tal-Politika Pubblika. Ħadem bħala diplomatiku fl-Asja u fi Brussell u serva bħala negozjatur f'isem il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Ħadem bħala konsulent fil-Parlament Ewropew u bħala ekonomista mal-Kummissjoni Ewropea. Micallef ippubblika kapitli ta' kotba dwar il-politika barranija ta' Dom Mintoff u Eddie Fenech Adami. Rebaħ l-ewwel premju darbtejn fil-Malta Journalism Awards u kiseb l-ewwel post fl-Akkademja tal-Fondazzjoni għall-Istudji Progressivi Ewropej. Serva bħala President tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, bħala Chairman tal-Bord tal-Ġurija tal-Mini European Assembly kif ukoll bħala President tal-Għaqda tal-Malti - Università.

**Dr Immanuel Mifsud** huwa lettur anzjan fid-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti, b'interess partikolari fil-letteratura kontemporanja, l-istudji kulturali tal-ġisem, u l-ġeneru fil-letteratura. Huwa wieħed mill-membri-fundaturi tal-fergħa Maltija tal-PEN u beda jservi bħala president tagħha minn mindu twaqqfet. Mifsud huwa kittieb u poeta u wħud mix-xogħlijiet tiegħu ġew tradotti u ppubblikati f'diversi pajjiżi. Il-kontribut letterarju tiegħu ġie rikonoxxut mil-Library of Congress f'Washington DC, fejn kien mistieden speċjali fi Frar 2017, u mill-Istat Malti li onorah bħala Membru tal-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika fl-2014.

**Justine Somerville** ggradwat b'B.A. (Unuri) fil-Malti u M.A. interdipartimentali fit-Tradizzjoni Letterarja u l-Kultura Popolari. Bħalissa qed tagħmel dottorat fil-Letteratura Maltija mal-Università ta' Malta. Fir-riċerka tagħha qed tistħarreġ ir-rabta bejn il-memorja u n-narrattiva letterarja Maltija li nkitbet bejn is-snin sebgħin u l-2020. F'Settembru tal-2021 ingħaqdet mal-istaff akkademiku tal-Università bħala assistenta lettriċi u qed tgħallem il-Letteratura mad-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti. Hija membru tal-NGO Inizjamed u parti mit-tim li jorganizza l-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta.

**Dr Michael Spagnol** studja l-Malti u l-Lingwistika fl-Università ta' Malta, kiseb id-dottorat fil-Lingwistika mill-Università ta' Konstanz, il-Ġermanja, u għamel postdottorat mal-Max Planck Institute for Evolutionary Anthropology ta' Leipzig, il-Ġermanja. L-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tiegħu huma l-morfoloġija, il-lessikografija u d-djalettoloġija. Huwa involut f'għadd ta' proġetti ta' riċerka dwar it-terminoloġija, id-djaletti, u t-tradizzjoni orali. Ħa sehem f'ħafna konferenzi internazzjonali, u ppubblika bosta studji xjentifiċi f'għadd ta' kotba u rivisti akkademiċi. Bħalissa hu l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti (2019). Kien membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (2013–2016), u ilu mill-2013 il-Kap tal-Kumitat tat-Terminoloġija fi ħdan l-istess Kunsill. F'Jannar tal-2013 fetaħ il-paġna ta' Facebook *Kelma Kelma* li tiġbor ħafna kurżitajiet lingwistiċi, u għal xi snin kien wieħed mill-organizzaturi tal-kunċerti mużiko-letterarji *Kelma Kelma Nota Nota*.

**Dr Mario Thomas Vassallo** studja l-Management, it-Tmexxija Politika u l-Istudji Ewropej fl-Università ta' Malta u fl-2015 kiseb dottorat fil-politika mill-Università ta' Sheffield. Għal tnax-il sena stabbilixxa karriera maniġerjali fl-oqsma tar-riżorsi umani u t-taħriġ fis-settur pubbliku u privat, sakemm fl-2008 ngħaqad mal-korp akkademiku fid-Dipartiment tal-Politika Pubblika. Fost oħrajn, jgħallem ir-riċerka xjentifika, l-amministrazzjoni pubblika, is-soċjetà ċivili, il-politika fl-arti u l-letteratura, u l-governanza sopranazzjonali. Kitbietu ġew ippubblikati lokalment u internazzjonalment. Koeditur tas-serje ta' kotba bl-isem *Public Life in Malta* u jipproduċi għadd ta' sensiliet radjufoniċi li jittrattaw temi soċjali u politiċi. Fil-preżent huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika u Delegat tar-Rettur għall-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

**Dr George Vital Zammit** huwa lettur anzjan fid-Dipartiment tal-Politika Pubblika fl-Università ta' Malta. Qabel l-akkademja, huwa ħadem fil-qasam tar-riżorsi umani fl-intrapriża privata, imbagħad bħala uffiċjal fis-Servizz Pubbliku. Serva f'numru ta' Ministeri u kien Assistent Direttur fl-Uffiċċju tal-Kabinett, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Dr Zammit kiseb B.Sc., B.Com. (Unuri) u M.A. mill-Università ta' Malta, u Ph.D. fl-Istudji Politiċi mill-Università ta' Sheffield. Jgħallem suġġetti marbutin mal-governanza, l-amministrazzjoni, il-parlament u l-qafas regolatorju. Isegwi mill-qrib il-Presidenza Amerikana u fl-2019 kien Fulbright Scholar f'Rutgers University, New Jersey. Matul is-snin ġie mistieden fuq diversi mezzi tax-xandir bħala opinjonista dwar temi marbutin mal-politika Maltija u barranija.



L-Ispeaker tal-Kamra, l-Onor. Dr Anġlu Farrugia, jimmodera l-interventi u l-mistoqsijiet mill-udjenza.




Is-Sa Marceline Galea taqra silta mir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* ta' Oliver Friggieri.


IL-PROFESSUR OLIVER FRIGGIERI
27 MARZU 1947 – 21 NOVEMBRU 2020
LINGUA-POLITIK

L-Università ta' Malta

ID-DIPARTIMENT TAL-POLITIKA PUBBLIKA
**Il-Fakultà tal-Ekonomija, tal-Ġestjoni u l-Kontabilità**

L-Università ta' Malta
Msida MSD 2080

um.edu.mt/fema/publicpolicy
(+356) 2340 3358
publicpolicy.fema@um.edu.mt
/um.publicpolicy

ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI
**Il-Fakultà tal-Arti**

L-Università ta' Malta
Msida MSD 2080

um.edu.mt arts/malti
(+356) 2340 3303
malti.art@um.edu.mt
/um.malti

Disinjat mill-Uffiċċju tal-Kummerċjalizzazzjoni, il-Komunikazzjoni u l-Alumni
Pubblikat mill-Kamra tar-Rappreżentanti, Parlament ta' Malta
Stampat fl-Istamperija tal-Gvern ta' Malta